



**2021/0223(COD)**

27.4.2022

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2021)0559 – C9-0331/2021 – 2021/0223(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Michael Bloss

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Dan id-deċennju se jirrikjedi t-trasformazzjoni tas-setturi kollha biex jintlaħaq il-Ftehim ta' Pariġi u biex tiġi segwita l-limitazzjoni tat-tiŝhin globali għal 1,5 grad. Fis-settur tat-trasport, irridu li l-industrija tal-karozzi Ewropea tkun globalment minn ta' quddiem fl-elettromobbiltà, filwaqt li timxi wkoll lejn bidla modali sostenibbli, inkluż permezz ta' mobbiltà kondiviża, trasport pubbliku aħjar u trasport attiv, inklużi ċ-ċikliżmu u l-mixi. Dan ir-Regolament irid jippermetti t-trasformazzjoni, jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' opportunitajiet għan-negozji Ewropej u joħloq impjiegi ġodda.

Ir-rapport tal-IPCC dwar it-tiŝhin globali ta' 1,5 C<sup>1</sup> iwissi li biex jintlaħqu l-miri fl-ambitu tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima, irridu nnaqqsu l-emissjonijiet b'mod sinifikanti f'dan id-deċennju u jekk l-azzjoni li tittieħed issa ma tkunx biżżejjed, x'aktarx se jkun impossibbli li npattu għad-defiċit aktar tard. It-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-fjuwils fossili, li huma responsabbli għal aktar minn 75 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG) tal-UE<sup>2</sup> huwa l-prijorità, liema fjuwils għandhom jiġu ssostitwiti b'sistema effiċjenti ħafna fl-enerġija u bbażata kompletament fuq sorsi rinnovabbli. Fis-settur tat-trasport, ma hemm l-ebda lok għal karozzi ġodda b'magna ta' kombustjoni interna wara l-2030. Dan ikun jista' jseħħ permezz ta' introduzzjoni rapida ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi. Sabiex it-trasformazzjoni taħdem, jeħtieġ li l-utenti tal-elettromobbiltà jkunu jistgħu jsuqu mit-Tramuntana tal-Iżvezja san-Nofsinhar tal-Bulgarija, filwaqt li jitqiesu l-punti tat-tluq differenti tal-Istati Membri u r-reġjuni.

L-oġġettiv ta' dan ir-Regolament huwa li jwassal għal żieda sostanzjali fl-elettrifikazzjoni tat-trasport bit-triq. Il-proġetti tal-infrastruttura jieħdu s-snin biex jiġu mfaġġa, ippjanati u żviluppati u jibqgħu operattivi għal deċennji sħaħ. Għalhekk, irridu nagħmlu l-għażliet it-tajba illum biex nappoġġaw l-aktar teknoloġiji effiċjenti u sostenibbli, biex nevitaw l-assi mhux rekuperabbli u noħolqu perspettiva għal miljuni ta' impjiegi tajbin fis-settur tal-karozzi u eluf ta' kumpaniji innovattivi ħafna fl-industrija.

L-applikazzjoni tal-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" trid tkun prijorità fis-sistema kollha inkluż fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika well-to-wheel ta' teknoloġiji differenti ta' emissjonijiet żero. Dan meħtieġ biex il-kostijiet jinżammu taħt kontroll, filwaqt li jiġu pprovduti għadd ta' kobenefiċċji inklużi t-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-gassijiet serra u l-importazzjoni, kwalità tal-arja aħjar u aktar spazju, speċjalment fiż-żoni urbani. Kull proġett tal-infrastruttura ġdid għandu jiġi vvalutat kif xieraq fir-rigward tal-effiċjenza meta mqabbel mal-elettrifikazzjoni u l-għażliet għal bidla modali sostenibbli.

Il-mobbiltà bi prezzijiet affordabbli hija prekondizzjoni għall-parteċipazzjoni attiva fis-soċjetà. It-trasformazzjoni tas-sistema tat-trasport trid għalhekk timxi id f'id mal-offerta ta' soluzzjonijiet ta' trasport bi prezzijiet affordabbli għal kulħadd. Ir-rapporteur jistinka biex

---

<sup>1</sup> IPCC, 2018: Global Warming of 1,5°C. An IPCC Special Report on the impacts of global warming of 1,5°C above pre-industrial levels and related global greenhouse gas emission pathways, in the context of strengthening the global response to the threat of climate change, sustainable development, and efforts to eradicate poverty (Tiŝhin Globali ta' 1,5 °C. Rapport Speċjali tal-IPCC dwar l-impatti tat-tiŝhin globali ta' 1,5 °C oġhla mil-livelli preindustrijali u l-perkorsi relatati tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra, fil-kuntest tat-tiŝhih tar-rispons globali għat-theidda tat-tibdil fil-klima, l-iżvilupp sostenibbli, u l-isforzi biex jinqered il-faqar) [Masson-Delmotte, V., P. Zhai, H.-O. Pörtner, D. Roberts, J. Skea, P. R. Shukla, A. Pirani, W. Moufouma-Okia, C. Péan, R. Pidcock, S. Connors, J.B.R. Matthews, Y. Chen, X. Zhou, M.I. Gomis, E. Lonnoy, T. Maycock, M. Tignor, u T. Waterfield (eds.)]. Qed ikun stampat. <https://www.ipcc.ch/sr15/>

<sup>2</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, 17 ta' Settembru 2020, [https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip\\_20\\_1599](https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_20_1599)

jagħmel il-bidla għal soluzzjonijiet ta' trasport sostenibbli, speċjalment għall-elettromobbiltà, faċli kemm jista' jkun għaċ-ċittadini u jipproteġihom minn prezzijiet għoljin. Il-konsumaturi jeħtiġilhom jingħataw is-setgħa li jipparteċipaw b'mod attiv fis-sistema permezz tal-għażliet tagħhom tat-trasport u tar-riforniment. Iċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali, u l-kapaċità tal-parteeċipazzjoni fir-rispons tad-domanda mhux biss iżidu l-effiċjenza, iżda wkoll jippermettu liċ-ċittadini jiksbu remunerazzjoni għall-għażliet tagħhom.

Biex tiġi żgurata l-adozzjoni rapida tal-elettromobbiltà, se jkun essenzjali li l-iċċarġjar ikun mingħajr inkonvenjenzi, billi jiġu stabbiliti rekwiżiti għal apparati li jaqraw il-kards tal-ħlas fl-istazzjonijiet tal-iċċarġjar, biex jiġu pprovduti t-trasparenza u l-komparabbiltà tal-prezzijiet, kif ukoll biex tiġi żgurata n-nondiskriminazzjoni bejn l-utenti finali u l-fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà. Il-prezzijiet għall-fjuwils alternattivi jridu jkunu faċli biex jitqabblu u jipprovdu informazzjoni rilevanti għall-konsumatur, bħall-prezz għal kull kW/h għall-iċċarġjar elettriku *ad hoc*.

Il-proposta tal-Kummissjoni hija bidu tajjeb fir-rigward tal-istabbiliment ta' miri vinkolanti għall-introduzzjoni ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għal vetturi ħfief u tqal. Madankollu, ir-rapporteur jipproponi li din tiżdied ulterjorment, biex b'hekk jiġi żgurat li n-nies ikunu jistgħu jivvjaġġaw madwar il-kontinent kollu b'vettura elettrika diġà mis-sena 2025.

L-idroġenu rinnovabbli huwa kruċjali għat-tranżizzjoni, iżda peress li matul dan id-deċennju se tkun disponibbli biss provvista limitata, huwa vitali li tiġi riżervata għas-setturi li huma l-aktar diffiċli biex jiġu dekarbonizzati. L-elettriku mill-batteriji diġà wera li huwa l-aktar teknoloġija bi prezzijiet affordabbli fit-trasport ħafif u skont l-istimi tal-industrija, fl-2030, erbgħa minn kull ħames trakkijiet b'emissjonijiet zero se jkunu jaħdmu bl-elettriku mill-batteriji<sup>3</sup>. L-istazzjonijiet ta' riforniment tal-idroġenu għandhom ikunu disponibbli f'ċentri tat-trasport multimodali.

Iċ-ċittadini fil-bliet ta' portijiet madwar l-Ewropa jsofru minħabba kwalità ħażina tal-arja u storbju minn vapuri tal-kruċieri u bastimenti oħra u għalhekk għamlu pressjoni fuq il-gvernijiet tagħhom biex jipprojbixxu jew jiddevjaw tali vapuri. Fl-istess ħin, jeżistu teknoloġiji għal servizzi elettriċi għall-vapuri, kif ukoll vapuri li jaħdmu bil-fjuwil rinnovabbli u li jaħdmu bil-batteriji għat-trasport, inkluż fuq passaġġi tal-ilma interni. Għalhekk, ir-rapporteur jipproponi li l-portijiet kollha jiġu mgħammra b'tali installazzjonijiet. Dan se jħaffef l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda u aktar sostenibbli.

Bosta studji wrew li l-LNG għandu biss benefiċċju marġinali għall-klima u l-Bank Dinji talab espliċitament<sup>4</sup> lir-regolaturi biex jevitaw kwalunkwe appoġġ politiku għal-LNG fis-settur marittimu, inkluż bħala fjuwil tranżizzjonali, minħabba r-riskju ta' assi mhux rekuperabbli. Illum il-ġurnata xi kumpaniji diġà qed jikkanċellaw il-proġetti tal-LNG (eż. Cork terminal u Wilhelmshaven), u minflok qeġħdin jinvestu biex isiru ċentri tal-idroġenu rinnovabbli.

Fl-ajruporti, is-servizzi tal-enerġija għall-inġenji tal-ajru u għas-servizzi fuq l-art jridu jkunu elettrifikati. Il-fatt li l-Kummissjoni rrikonoxxiet il-potenzjal li jiġu ġġenerati sorsi ta' enerġija rinnovabbli fuq il-post intlaqa' tajjeb. Madankollu, jeħtieġ li mmorru oltre: Jekk irridu nilħqu l-miri klimatiċi tagħna, fil-verità l-elettriku kollu għall-mobbiltà jrid jiġi b'mod progressiv minn

<sup>3</sup> Clean Trucking Alliance (Alleanza tas-Sewqan Nadif tat-Trakkijiet) 2021 <https://clean-trucking.eu/>

<sup>4</sup> Englert, Dominik; Losos, Andrew; Raucci, Carlo; Smith, Tristan. 2021. The Role of LNG in the Transition Toward Low- and Zero-Carbon Shipping. Bank Dinji (Ir-rwol tal-LNG fit-Tranzizzjoni Lejn Trasport Marittimu b'Emissjonijiet tal-Karbonju Żero jew Baxxi), Washington, DC. © Bank Dinji. Liċenzja: CC BY 3.0 IGO. <https://openknowledge.worldbank.org/handle/10986/35437>

sorsi ta' enerġija rinnovabbli addizzjonali. L-e-Pitolju u fjuwils sintetiċi oħra jeħtieġu li jkunu bbażati fuq sorsi tal-enerġija rinnovabbli u l-qbid dirett ta' CO<sub>2</sub> mill-arja, biex jiġu sfruttati l-benefiċċji tal-klima. Ir-rapporteur, għaldaqstant, jipproponi l-emendi li ġejjin:

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament Premessa 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>43</sup> stabbiliet qafas għall-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva<sup>44</sup> tindika l-iżvilupp mhux uniformi tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment madwar l-Unjoni u n-nuqqas ta' interoperabbiltà u faċilità tal-użu. Hija tinnotta li n-nuqqas ta' metodoloġija komuni ċara għall-istabbiliment tal-miri u l-adozzjoni ta' miżuri skont l-Oqfsa ta' Politika Nazzjonali meħtieġa mid-Direttiva 2014/94/UE wassal għal sitwazzjoni fejn il-livell ta' ambizzjoni fl-iffissar tal-miri u l-politiki ta' appoġġ ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri.

*Emenda*

(1) ***L-introduzzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi hija faċilitatur ewlieni għall-bidla lejn sistema tat-trasport fl-Ewropa, ibbażata fuq enerġija b'emissjonijiet żero, effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u kompletament rinnovabbli, f'konformità mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni u l-objettiv ta' 1,5 °C ta' Pariġi. Tali introduzzjoni jenħtieġ li tkun rapida, peress li r-rapport tal-IPCC 1,5°C<sup>42a</sup> iwissi li l-emissjonijiet iridu jitnaqqsu b'mod sinifikanti f'dan id-deċennju u li, jekk l-azzjoni li tittieħed issa ma tkunx biżżejjed, x'aktarx se jkun impossibbli li npattu għad-defiċit aktar tard. Il-varar ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi għandu rwol ukoll fil-kisba tal-ambizzjoni tal-Unjoni ta' Tniġġis Żero; illum il-ġurnata, il-vetturi b'magna ta' kombustjoni huma responsabbli għal aktar minn żewġ terzi tal-emissjonijiet kollha ta' NOx u jammontaw għal proporzjon sinifikanti tal-emissjonijiet totali ta' sustanzi niġġiesa oħra fl-Ewropa. Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>43</sup> stabbiliet qafas għall-varar ta' infrastruttura***

tal-fjuwils alternattivi. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva<sup>44</sup> tindika l-iżvilupp mhux uniformi tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment madwar l-Unjoni u n-nuqqas ta' interoperabbiltà u faċilità tal-użu. Hija tinnota li n-nuqqas ta' metodoloġija komuni ċara għall-istabbiliment tal-miri u l-adozzjoni ta' miżuri skont l-Oqfsa ta' Politika Nazzjonali meħtieġa mid-Direttiva 2014/94/UE wassal għal sitwazzjoni fejn il-livell ta' ambizzjoni fl-iffissar tal-miri u l-politiki ta' appoġġ ivarjaw ħafna bejn l-Istati Membri.

---

***42<sup>a</sup> IPCC, 2018: Tishin Globali ta' 1,5°C. An IPCC Special Report on the impacts of global warming of 1,5°C above pre-industrial levels and related global greenhouse gas emission pathways, in the context of strengthening the global response to the threat of climate change, sustainable development, and efforts to eradicate poverty (Rapport Speċjali tal-IPCC dwar l-impatti tat-tishin globali ta' 1,5 °C oġhla mil-livelli preindustrijali u l-perkorsi relatati tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra, fil-kuntest tat-tishih tar-rispons globali għat-theddida tat-tibdil fil-klima, l-iżvilupp sostenibbli, u l-isforzi biex jinqered il-faqar) [Masson-Delmotte, V., P. Zhai, H.-O. Pörtner, D. Roberts, J. Skea, P.R. Shukla, A. Pirani, W. Moufouma-Okia, C. Péan, R. Pidcock, S. Connors, J.B.R. Matthews, Y. Chen, X. Zhou, M.I. Gomis, E. Lonnoy, T. Maycock, M. Tignor, and T. Waterfield (eds.)]. Qed ikun stampat. <https://www.ipcc.ch/sr15/>***

---

<sup>43</sup> Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).

<sup>44</sup> COM(2020) 789 final.

---

<sup>43</sup> Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).

<sup>44</sup> COM(2020) 789 final.

## Emenda 2

## Proposta għal regolament

### Premessa 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Diversi strumenti tad-dritt tal-Unjoni diġà stabbilew miri għall-fjuwils rinnovabbli. Id-Direttiva 2018/2001/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>45</sup>, pereżempju, tistabbilixxi mira ta' sehem mis-suq **ta' 14 %** għal sorsi rinnovabbli fil-fjuwils tat-trasport.

---

<sup>45</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

#### *Emenda*

(2) Diversi strumenti tad-dritt tal-Unjoni diġà stabbilew miri għall-fjuwils rinnovabbli. Id-Direttiva 2018/2001/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>45</sup>, pereżempju, tistabbilixxi mira ta' sehem mis-suq għal sorsi rinnovabbli fil-fjuwils tat-trasport.

---

<sup>45</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

## Emenda 3

### Proposta għal regolament

#### Premessa 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>46</sup> u r-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>47</sup> diġà jistabbilixxu standards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda kif ukoll għal ċerti vetturi tqal. Dawk l-istrumenti jenħtieġ li jaċċelleraw l-adozzjoni **b'mod partikolari** ta' vetturi b'emissjonijiet zero u b'hekk joħolqu domanda għall-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment.

---

<sup>46</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u

#### *Emenda*

(3) Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>46</sup> u r-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>47</sup> diġà jistabbilixxu standards ta' rendiment għall-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda kif ukoll għal ċerti vetturi tqal. Dawk l-istrumenti jenħtieġ li jaċċelleraw l-adozzjoni ta' vetturi b'emissjonijiet zero **u baxxi** u b'hekk joħolqu domanda għall-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment.

---

<sup>46</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u

tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13).

<sup>47</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jstabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202).

## Emenda 4

### Proposta għal regolament Premessa 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(4) L-inizjattivi dwar ReFuelEU aviation<sup>48</sup> u FuelEU maritime<sup>49</sup> jenħtieġ li jagħtu spinta lill-produzzjoni u l-adozzjoni ta' fjuwils alternattivi sostenibbli fl-avjazzjoni u fit-trasport marittimu. Filwaqt li r-rekwiżiti tal-użu tal-fjuwil għall-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli jistgħu jiddependu ħafna mill-infrastruttura eżistenti tar-riforniment, huma meħtieġa investimenti għall-provvista tal-elettriku **ta'** inġenji tal-ajru stazzjonarji. L-inizjattiva FuelEU maritime tistabbilixxi rekwiżiti b'mod partikolari għall-użu tal-elettriku mix-xatt li jistgħu jiġu ssodisfati biss jekk jiġi varat livell adegwat ta' provvista tal-enerġija fuq l-art fil-portijiet **TEN-T**. Madankollu, dawk l-inizjattivi ma fihom l-ebda dispożizzjoni dwar l-infrastruttura tal-fjuwil meħtieġa li hija prerekwiżit biex il-miri jkunu jistgħu jintlaħqu.

tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13).

<sup>47</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jstabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202).

#### *Emenda*

(4) L-inizjattivi dwar ReFuelEU aviation<sup>48</sup> u FuelEU maritime<sup>49</sup> jenħtieġ li jagħtu spinta lill-produzzjoni u l-adozzjoni ta' fjuwils alternattivi sostenibbli fl-avjazzjoni u fit-trasport marittimu. Filwaqt li r-rekwiżiti tal-użu tal-fjuwil għall-fjuwils tal-avjazzjoni sostenibbli jistgħu jiddependu ħafna mill-infrastruttura eżistenti tar-riforniment, huma meħtieġa investimenti għall-provvista tal-elettriku **fl-ajruporti biex jintużaw għal** inġenji tal-ajru stazzjonarji, **kif ukoll għal tagħmir ieħor li jaħdem bl-elettriku**. L-inizjattiva FuelEU maritime tistabbilixxi rekwiżiti b'mod partikolari għall-użu tal-elettriku mix-xatt li jistgħu jiġu ssodisfati biss jekk jiġi varat livell adegwat ta' provvista tal-enerġija fuq l-art fil-portijiet. **Meta jikbru t-teknoloġiji tal-bastimenti li jaħdmu bl-idroġenu u l-ammonijaka, tkun meħtieġa infrastruttura ta' riforniment assoċjata**. Madankollu, dawk l-inizjattivi ma fihom l-ebda dispożizzjoni dwar l-infrastruttura tal-fjuwil meħtieġa li hija prerekwiżit biex il-miri jkunu jistgħu jintlaħqu. **Barra minn**



*hekk, l-infrastruttura għall-bunkering tal-fjuwils rinnovabbli tal-vapuri jenħtieġ li tikseb attenzjoni speċjali fil-portijiet kollha tal-Unjoni biex titħaffef id-dekarbonizzazzjoni fis-settur marittimu.*

---

<sup>48</sup> COM(2021) 561.

<sup>49</sup> COM(2021) 562.

---

<sup>48</sup> COM(2021) 561.

<sup>49</sup> COM(2021) 562.

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 4a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(4a) Sabiex jiġi żgurat qafas leġiżlattiv koerenti għall-użu u l-varar ta' fjuwils alternattivi, dan ir-Regolament huwa allinjat mar-ReFuelEU Aviation, mal-FuelEU Maritime, mar-reviżjoni tar-Regolament dwar ir-rendiment tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> għal karożżi ġodda tal-passiġġieri u għal vetturi ħfief, mar-Regolament dwar ir-rendiment tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> għal vetturi tqal u r-reviżjonijiet li ġejjin tiegħu, u mar-reviżjoni tad-Direttiva 2003/96/KE (id-Direttiva dwar it-Tassazzjoni fuq l-Enerġija).*

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Premessa 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(5) Għalhekk, il-modi kollha tat-trasport jenħtieġ li jiġu indirizzati fi strument wieħed li jenħtieġ li jqis varjeta ta' fjuwils alternattivi. L-użu ta' teknoloġiji tal-motopropulsjoni b'emissjonijiet zero jinsab fi stadji differenti ta' maturità fil-modi differenti tat-trasport. B'mod

(5) Għalhekk, il-modi kollha tat-trasport jenħtieġ li jiġu indirizzati fi strument wieħed li jenħtieġ li jqis varjeta ta' fjuwils alternattivi, ***l-iżvilupp tas-sehem tas-suq tagħhom filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta għall-affordabbiltà tagħhom.*** L-użu ta' teknoloġiji tal-

partikolari, fis-settur tat-triq, qed ikun hemm adożżjoni rapida ta' vetturi elettriċi bil-batterija u ibridi **rikarikabbli**. Il-vetturi tat-triq b'ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu huma disponibbli għas-swieq ukoll. Barra minn hekk, **il-bastimenti** elettriċi **iżgħar tal-idroġenu** u **tal-batteriji** u **l-ferroviji taċ-ċelloli** tal-fjuwil tal-idroġenu attwalment qed jiġu varati fi proġetti differenti u fl-ewwel operazzjonijiet kummerċjali, bil-varar kummerċjali sħiħ mistenni li jseħħ fis-snin li ġejjin. B'kuntrast ma' dan, is-setturi tal-avjazzjoni u tat-trasport fuq l-ilma għadhom jiddependu minn fjuwils likwidi u gassużi, peress li s-soluzzjonijiet tal-motopropulsjoni b'emissjonijiet żero u baxxi **huma mistennija jidħlu fis-suq biss madwar l-2030** u **b'mod partikolari għas-settur tal-avjazzjoni saħansitra aktar tard, bil-kummerċjalizzazzjoni sħiħa tieħu ż-żmien**. L-użu ta' fjuwils fossili gassużi jew likwidi huwa possibbli biss jekk ikun inkorporat b'mod ċar fi triq ċara ta' dekarbonizzazzjoni konformi mal-oġġettiv fit-tul tan-newtralità klimatika fl-Unjoni, li jirrikjedi żieda fit-taħlit ma', jew is-sostituzzjoni bi fjuwils rinnovabbli **bħall-bijometan, bijofjuwils avvanzati jew fjuwils gassużi u likwidi sintetiċi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju**.

## Emenda 7

### Proposta għal regolament Premessa 5a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

motopropulsjoni b'emissjonijiet żero **u tal-fjuwils alternattivi** jinsab fi stadji differenti ta' maturità fil-modi differenti tat-trasport **u fi Stati Membri u reġjuni differenti**.

B'mod partikolari, fis-settur tat-triq, qed ikun hemm adożżjoni rapida ta' vetturi elettriċi bil-batterija u ibridi **plug-in u għalhekk din it-teknoloġija matura tirrikjedi miri ogħla**. Il-vetturi tat-triq b'ċellola tal-fjuwil tal-idroġenu huma disponibbli għas-swieq ukoll. Barra minn hekk, **bastimenti iżgħar** elettriċi **li jaħdmu bil-batteriji** u **bl-idroġenu** u **ferroviji b'ċellola** tal-fjuwil tal-idroġenu **kif ukoll vetturi elettriċi solari** attwalment qed jiġu varati fi proġetti differenti u fl-ewwel operazzjonijiet kummerċjali, bil-varar kummerċjali sħiħ mistenni li jseħħ fis-snin li ġejjin. B'kuntrast ma' dan, is-setturi tal-avjazzjoni u tat-trasport fuq l-ilma għadhom jiddependu minn fjuwils likwidi u gassużi, peress li s-soluzzjonijiet tal-motopropulsjoni b'emissjonijiet żero u baxxi **għadhom mhumiex disponibbli** fis-suq. L-użu ta' fjuwils fossili gassużi jew likwidi huwa possibbli biss jekk ikun inkorporat b'mod ċar fi triq ċara ta' dekarbonizzazzjoni konformi mal-oġġettiv fit-tul tan-newtralità klimatika fl-Unjoni, li jirrikjedi żieda fit-taħlit ma', jew is-sostituzzjoni bi fjuwils rinnovabbli **mill-aktar fis possibbli**.

*Emenda*

**(5a) Għalhekk, huwa importanti li jiġu osservati l-prinċipji ġenerali ta' newtralità teknoloġika u "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" fost dawk it-teknoloġiji meħtieġa biex tinkiseb in-newtralità klimatika, peress li wħud mit-teknoloġiji li se jkunu meħtieġa fil-futur qrib għadhom jeħtieġu investimenti fir-riċerka u l-**

*iżvilupp, filwaqt li tinżamm il-kompetizzjoni fis-suq bejn it-teknoloġiji alternattivi differenti, u filwaqt li jitqiesu l-affordabbiltà u l-punti ta' tluq differenti tal-Istati Membri.*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

(6) Bijofjuwils u fjuwils sintetiċi bħal dawn, li jissostitwixxu d-diżil, il-petrol u l-fjuwil tal-ġettijiet, jistgħu jiġu prodotti minn materja prima differenti u jistgħu jitħalltu fi fjuwils fossili bi proporzjonijiet għoljin ħafna ta' taħlit. Dawn teknikament jistgħu jintużaw mat-teknoloġija attwali tal-vetturi b'adattamenti żgħar. Il-metanol rinnovabbli jista' jintuża wkoll għan-navigazzjoni fuq l-ilma intern u t-trasport marittimu fuq distanzi qosra. Il-fjuwils sintetiċi u paraffiniċi għandhom potenzjal li jnaqqsu l-użu ta' fjuwils fossili fil-provvista tal-enerġija lit-trasport. Dawn il-fjuwils kollha jistgħu jiġu ddistribwiti, maħżuna u użati mal-infrastruttura eżistenti jew fejn meħtieġ mal-infrastruttura tal-istess tip.

*Emenda*

(6) Bijofjuwils, **inklużi bijofjuwils avvanzati** u fjuwils sintetiċi bħal dawn, li jissostitwixxu d-diżil, il-petrol u l-fjuwil tal-ġettijiet, jistgħu jiġu prodotti minn materja prima differenti u jistgħu jitħalltu fi fjuwils fossili bi proporzjonijiet għoljin ħafna ta' taħlit. Dawn teknikament jistgħu jintużaw mat-teknoloġija attwali tal-vetturi b'adattamenti żgħar **jew mingħajr adattamenti. Intwera li l-bijometan likwifikat u rinnovabbli jintuża għat-trasport heavy-duty.** Il-metanol rinnovabbli jista' jintuża wkoll għan-navigazzjoni fuq l-ilma intern u t-trasport marittimu fuq distanzi qosra **u l-potenzjal tal-bijogass jenħtieġ li jitqies.** Il-fjuwils sintetiċi u paraffiniċi għandhom potenzjal li jnaqqsu l-użu ta' fjuwils fossili fil-provvista tal-enerġija lit-trasport. Dawn il-fjuwils kollha jistgħu jiġu ddistribwiti, maħżuna u użati mal-infrastruttura eżistenti jew fejn meħtieġ mal-infrastruttura tal-istess tip.

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 7

*Test propost mill-Kummissjoni*

(7) L-LNG x'aktarx li jkollu rwol kontinwu fit-trasport marittimu, fejn

*Emenda*

(7) L-LNG x'aktarx li jkollu rwol kontinwu fit-trasport marittimu, fejn

attwalment ma hemm l-ebda teknoloġija tas-sistema tal-motopropulsjoni b'emissjonijiet zero ekonomikament vijabbli disponibbli. Il-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija għall-Mobbiltà Intelliġenti u Sostenibbli tindika li l-vapuri li jbaħħru b'emissjonijiet zero se jkunu lesti għas-suq sal-2030. Il-konverżjoni tal-flotta jenħtieġ li sseħħ gradwalment minħabba l-ħajja twila tal-vapuri. **Għall-kuntrarju tat-trasport** marittimu, għall-passaġġi fuq l-ilma interni, b'bastimenti normalment iżgħar u b'distanzi iqsar, it-teknoloġiji tal-motopropulsjoni b'emissjonijiet zero, bħall-idroġenu u l-elettriku, jenħtieġ li jidħlu fis-swieq aktar malajr. L-LNG huwa mistenni li ma jibqax ikollu rwol sinifikanti f'dak is-settur. Il-fjuwils tat-trasport bħal-LNG jeħtieġ li jiġu dekarbonizzati dejjem aktar bit-taħlit/bis-sostituzzjoni bil-bijometan likwifikat (bijo-LNG) jew **b'e-fjuwils** gassużi sintetiċi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (**e-gass**), pereżempju. Dawk il-fjuwils dekarbonizzati jistgħu jintużaw fl-istess infrastruttura bħall-fjuwils fossili gassużi biex b'hekk jippermettu bidla gradwali lejn fjuwils dekarbonizzati.

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 9

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Il-varar ta' infrastruttura tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għall-vetturi elettriċi ħfief ma kienx uniformi madwar l-Unjoni. Jekk tkompli d-distribuzzjoni mhux uniformi, din se tipperikola l-adozzjoni ta' tali vetturi, u tillimita l-konnettività madwar l-Unjoni. Jekk tkompli d-diverġenza kontinwa fl-ambizzjonijiet u l-approċċi tal-politika fil-livell nazzjonali, mhux se tinħoloq iċ-ċertezza fit-tul meħtieġa għal investiment sostantiv fis-suq. Għalhekk, il-miri minimi

attwalment ma hemm l-ebda teknoloġija tas-sistema tal-motopropulsjoni b'emissjonijiet zero ekonomikament vijabbli disponibbli. Il-Komunikazzjoni dwar l-Istrateġija għall-Mobbiltà Intelliġenti u Sostenibbli tindika li l-vapuri li jbaħħru b'emissjonijiet zero se jkunu lesti għas-suq sal-2030. Il-konverżjoni tal-flotta jenħtieġ li sseħħ gradwalment minħabba l-ħajja twila tal-vapuri. **It-trasport** marittimu, għall-passaġġi fuq l-ilma interni, b'bastimenti normalment iżgħar u b'distanzi iqsar, it-teknoloġiji tal-motopropulsjoni b'emissjonijiet zero, bħall-idroġenu u l-elettriku, **qed isiru teknoloġiji maturi u** jenħtieġ li jidħlu fis-swieq aktar malajr. L-LNG huwa mistenni li ma jibqax ikollu rwol sinifikanti f'dak is-settur. Il-fjuwils tat-trasport bħal-LNG jeħtieġ li jiġu dekarbonizzati dejjem aktar bit-taħlit/bis-sostituzzjoni bil-bijometan likwifikat (bijo-LNG) jew **b'e-Fjuwils** gassużi sintetiċi rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju (**e-Gass**), pereżempju. Dawk il-fjuwils dekarbonizzati jistgħu jintużaw fl-istess infrastruttura bħall-fjuwils fossili gassużi biex b'hekk jippermettu bidla gradwali lejn fjuwils dekarbonizzati.

#### *Emenda*

(9) Il-varar ta' infrastruttura tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għall-vetturi elettriċi ħfief ma kienx uniformi madwar l-Unjoni **u madwar ir-reġjuni**. Jekk tkompli d-distribuzzjoni mhux uniformi, din se tipperikola l-adozzjoni ta' tali vetturi, u tillimita l-konnettività madwar l-Unjoni. Jekk tkompli d-diverġenza kontinwa fl-ambizzjonijiet u l-approċċi tal-politika fil-livell nazzjonali, mhux se tinħoloq iċ-ċertezza fit-tul meħtieġa għal investiment sostantiv fis-

obbligatorji għall-Istati Membri fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jipprovdu orjentazzjonijiet ta' politika u jikkomplementaw l-Oqfsa ta' Politika Nazzjonali. Dak l-approċċ jenħtieġ li jikkombina l-miri nazzjonali bbażati fuq il-flotta ma' miri bbażati fuq id-distanza għan-network trans-Ewropew għat-trasport (TEN-T). Il-miri nazzjonali bbażati fuq il-flotta jenħtieġ li jiżguraw li l-adozzjoni tal-vetturi f'kull Stat Membru tkun akkumpanjata mill-varar ta' infrastruttura tal-irriċarġjar suffiċjenti aċċessibbli għall-pubbliku. Il-miri bbażati fuq id-distanza għan-network TEN-T jenħtieġ li jiżguraw kopertura sħiħa tal-punti tal-irriċarġjar elettriċi tul in-networks ewlenin tat-toroq tal-Unjoni u b'hekk jiġi żgurat vjaġġar faċli u bla xkiel madwar l-Unjoni.

suq. Għalhekk, il-miri minimi obbligatorji għall-Istati Membri fil-livell nazzjonali jenħtieġ li jipprovdu orjentazzjonijiet ta' politika u jikkomplementaw l-Oqfsa ta' Politika Nazzjonali. Dak l-approċċ jenħtieġ li jikkombina l-miri nazzjonali bbażati fuq il-flotta ma' miri bbażati fuq id-distanza għan-network trans-Ewropew għat-trasport (TEN-T), ***kif ukoll approċċ ibbażat fuq ir-raġġ***. Il-miri nazzjonali bbażati fuq il-flotta jenħtieġ li jiżguraw li l-adozzjoni tal-vetturi f'kull Stat Membru tkun akkumpanjata mill-varar ta' infrastruttura tal-irriċarġjar suffiċjenti aċċessibbli għall-pubbliku. Il-miri bbażati fuq id-distanza għan-network TEN-T jenħtieġ li jiżguraw kopertura sħiħa tal-punti tal-irriċarġjar elettriċi tul in-networks ewlenin tat-toroq tal-Unjoni u b'hekk jiġi żgurat vjaġġar faċli u bla xkiel madwar l-Unjoni. ***Dawn il-miri jenħtieġ li jiġu kkomplementati b'infrastruttura addizzjonali tal-irriċarġjar madwar ir-reġjuni kollha biex jiġi żgurat varar uniformi madwar it-territorju kollu filwaqt li jiġi promoss l-varar ta' infrastrutturi tal-fjuwils alternattivi fin-networks f'livelli differenti, inkluż f'żoni skarsament popolati. Approċċ ibbażat fuq ir-raġġ jenħtieġ li jipprovdi għas-sitwazzjoni speċifika taż-żoni urbani u daww b'densità tal-popolazzjoni relattivament ogħla u b'sehem akbar mis-suq tal-vetturi elettriċi minn naħa waħda u ta' żoni skarsament popolati min-naħa l-oħra. Ladarba tintlaħaq penetrazzjoni suffiċjenti fis-suq tal-vetturi elettriċi, is-suq jenħtieġ li jirregola lilu nnifsu.***

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 9a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(9a) Filwaqt li jirrikonoxxu l-importanza tal-investment privat u ta'***

*varar immexxi mis-suq tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, l-Istati Membri, li ma għandhomx skemi ta' incenċivi xierqa, jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jindirizzaw il-pożizzjoni tat-tluq differenti tagħhom meta jfittxu li jippromwovu modi sostenibbli tat-trasport. Jenħtieġ li ssir enfasi partikolari fuq l-awtoritajiet muniċipali jew reġjonali, li jistgħu jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' vetturi li jużaw fjuwils alternattivi permezz ta' incenċivi tat-taxxa apposta, akkwisti pubbliċi jew regolamenti tat-traffiku lokali. L-investment pubbliku u aktar flessibbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat huma mħeġġa fejn meħtieġa biex jiggarantixxu distribuzzjoni uniformi madwar ir-reġjuni kollha, speċjalment f'żoni skarsament popolati, sakemm jiġi stabbilit suq kompletament kompetittiv.*

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Premessa 9b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(9b) L-operaturi mhux kummerċjali, li jippermettu inizjattivi minn isfel għal fuq, bħas-sidien ta' punti tal-irriċarġjar privati li jagħmlu l-punti tagħhom aċċessibbli għall-pubbliku mingħajr ħlas jew bi skambju għal kontribuzzjoni finanzjarja diskrezzjonarja, waħedhom jew bħala parti minn network bejn il-pari, għandhom rwol importanti fit-tranżizzjoni effiċjenti fir-riżorsi għall-mobbiltà b'emissjonijiet żero, b'mod partikolari f'żoni skarsament popolati; filwaqt li ma jgħoddux għall-miri f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri jippromwovu skemi ta' ċċarġjar mhux kummerċjali flimkien mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-miri stabbiliti fid-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija.<sup>1a</sup>*

## **Emenda 13**

### **Proposta għal regolament Premessa 10**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Il-miri nazzjonali bbażati fuq il-flotta jenħtieġ li jiġu stabbiliti abbażi tal-għadd totali ta' vetturi elettriċi rreġistrati f'dak l-Istat Membru skont metodoloġija komuni li tqis l-iżviluppi teknoloġiċi bħall-medda tas-sewqan akbar tal-vetturi elettriċi jew il-penetrazzjoni dejjem akbar fis-suq ta' punti tal-iċċarġjar veloċi li jistgħu jirriċarġjaw għadd akbar ta' vetturi f'kull punt tal-irriċarġjar milli f'punt tal-irriċarġjar normali. Il-metodoloġija għandha tqis ukoll *ix-xejriet* differenti tal-irriċarġjar ta' vetturi elettriċi bil-batterija u vetturi ibridi *rikarikabbli*. Metodoloġija li skontha jiġu żviluppata l-miri nazzjonali bbażati fuq il-flotta abbażi tal-output tal-potenza massima totali tal-infrastruttura tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku jenħtieġ li tippermetti flessibilità fl-implimentazzjoni ta' teknoloġiji differenti tal-irriċarġjar fl-Istati Membri.

#### *Emenda*

(10) Il-miri nazzjonali bbażati fuq il-flotta jenħtieġ li jiġu stabbiliti abbażi tal-għadd totali ta' vetturi elettriċi rreġistrati f'dak l-Istat Membru skont metodoloġija komuni li tqis l-iżviluppi teknoloġiċi bħall-medda tas-sewqan akbar tal-vetturi elettriċi jew il-penetrazzjoni dejjem akbar fis-suq ta' punti tal-iċċarġjar veloċi li jistgħu jirriċarġjaw għadd akbar ta' vetturi f'kull punt tal-irriċarġjar milli f'punt tal-irriċarġjar normali. Il-metodoloġija għandha tqis ukoll *l-oġettivi tal-integrazzjoni tas-sistema u tal-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, inklużi l-kostijiet u l-benefiċċji relatati, li jsiru possibbli permezz ta' punti tal-irriċarġjar bidirezzjonali, u x-xejriet* differenti tal-irriċarġjar ta' vetturi elettriċi bil-batterija u vetturi ibridi *plug-in*. Metodoloġija li skontha jiġu żviluppata l-miri nazzjonali bbażati fuq il-flotta abbażi tal-output tal-potenza massima totali tal-infrastruttura tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku jenħtieġ li tippermetti flessibilità fl-implimentazzjoni ta' teknoloġiji differenti tal-irriċarġjar fl-Istati Membri *b'mod partikolari billi tqis id-disparitajiet fil-ġeografija, fid-densità demografika u fl-ishma tas-swieq madwar l-Istati Membri*.

## **Emenda 14**

### **Proposta għal regolament Premessa 11**

(11) L-implimentazzjoni fl-Istati Membri jenħtieġ li tiżgura li jiġi installat għadd suffiċjenti ta' punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku, b'mod partikolari fl-istazzjonijiet tat-trasport pubbliku, **bħat-terminali** tal-passiġġieri tal-portijiet, l-ajruporti jew l-istazzjonijiet ferrovjarji. Jenħtieġ ukoll li jiġi varat għadd suffiċjenti ta' punti tal-irriċarġjar veloċi u aċċessibbli għall-pubbliku ddedikati għall-vetturi ħfief biex tiżdied il-konvenjenza għall-konsumaturi b'mod partikolari tul in-network TEN-T biex tiġi żgurata konnettività transfruntiera sħiħa u biex il-vetturi elettriċi jkunu jistgħu jiċċirkolaw madwar l-Unjoni.

## **Emenda 15**

### **Proposta għal regolament Premessa 13**

(13) Il-vetturi elettriċi tqal jeħtieġu infrastruttura tal-irriċarġjar **distinta** differenti mill-vetturi ħfief. Madankollu, l-infrastruttura aċċessibbli għall-pubbliku għall-vetturi elettriċi tqal bħalissa ma hija disponibbli kważi mkien fl-Unjoni. Approċċ ikkombinat ta' miri bbażati fuq id-distanza tul in-network TEN-T, miri għall-infrastruttura tal-irriċarġjar matul il-lejl u miri fin-nodi urbani jenħtieġ li jiżgura li tiġi stabbilita kopertura ta' infrastruttura suffiċjenti aċċessibbli għall-pubbliku għall-vetturi elettriċi tqal madwar l-Unjoni biex tappoġġa l-adozzjoni mistennija mis-suq ta' vetturi elettriċi tqal bil-batterija.

(11) L-implimentazzjoni fl-Istati Membri jenħtieġ li tiżgura li jiġi installat għadd suffiċjenti ta' punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku, b'mod partikolari fl-istazzjonijiet tat-trasport pubbliku, **bħat-terminals** tal-passiġġieri tal-portijiet, l-ajruporti jew l-istazzjonijiet ferrovjarji **u tappoġġa l-ivvjaġġar multimodali**. Jenħtieġ ukoll li jiġi varat għadd suffiċjenti ta' punti tal-irriċarġjar veloċi u aċċessibbli għall-pubbliku ddedikati għall-vetturi ħfief biex tiżdied il-konvenjenza għall-konsumaturi b'mod partikolari tul in-network TEN-T **u fiż-żoni urbani** biex tiġi żgurata konnettività transfruntiera sħiħa u biex il-vetturi elettriċi jkunu jistgħu jiċċirkolaw madwar l-Unjoni.

(13) Il-vetturi elettriċi tqal jeħtieġu infrastruttura tal-irriċarġjar differenti **b'mod distint** mill-vetturi ħfief. Madankollu, l-infrastruttura aċċessibbli għall-pubbliku għall-vetturi elettriċi tqal bħalissa ma hija disponibbli kważi mkien fl-Unjoni **u għalhekk hija meħtieġa aċċellerazzjoni fil-varar tal-infrastruttura**. Approċċ ikkombinat ta' miri bbażati fuq id-distanza tul in-network TEN-T, miri għall-infrastruttura tal-irriċarġjar matul il-lejl u miri fin-nodi urbani jenħtieġ li jiżgura li tiġi stabbilita kopertura ta' infrastruttura suffiċjenti aċċessibbli għall-pubbliku għall-vetturi elettriċi tqal madwar l-Unjoni biex tappoġġa l-adozzjoni mistennija mis-suq ta' vetturi elettriċi tqal bil-batterija.



## Emenda 16

### Proposta għal regolament Premessa 14

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(14) Jenħtieġ ukoll li jiġi varat għadd suffiċjenti ta' punti tal-irriċarġjar veloċi aċċessibbli għall-pubbliku li jkunu ddedikati għall-vetturi tqal tul in-network TEN-T biex tiġi żgurata konnettività sħiħa madwar l-Unjoni kollha. Dik l-infrastruttura jenħtieġ li jkollha output tal-potenza suffiċjenti biex tippermetti l-irriċarġjar tal-vettura fil-ħin tal-pawża legali tas-sewwieq. Minbarra l-punti tal-irriċarġjar veloċi tul in-network, il-vetturi tqal jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw ukoll infrastruttura tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għall-irriċarġjar matul il-lejl tul in-network ewlieni tat-trasport **biex jappoġġaw b'mod speċifiku l-eletrifikazzjoni tas-settur** ta' sewqan fuq distanzi twal.

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Premessa 14a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

(14) Jenħtieġ ukoll li jiġi varat għadd suffiċjenti ta' punti tal-irriċarġjar veloċi aċċessibbli għall-pubbliku li jkunu ddedikati għall-vetturi tqal tul in-network TEN-T biex tiġi żgurata konnettività sħiħa madwar l-Unjoni kollha. Dik l-infrastruttura jenħtieġ li jkollha output tal-potenza suffiċjenti biex tippermetti l-irriċarġjar tal-vettura fil-ħin tal-pawża legali tas-sewwieq. Minbarra l-punti tal-irriċarġjar veloċi tul in-network, il-vetturi tqal jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw ukoll infrastruttura tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għall-irriċarġjar matul il-lejl tul in-network ewlieni tat-trasport **bħala wieħed mill-modi biex jiġi dekarbonizzat is-settur** ta' sewqan fuq distanzi twal.

**(14a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jvaraw infrastruttura tal-iċċarġjar dinamika bħall-iċċarġjar induttiv mingħajr kuntatt jew teknoloġija tal-linji fl-ajru. F'każ li tali infrastruttura tal-iċċarġjar tkun mgħammra bi stazzjonijiet tal-iċċarġjar kif speċifikat f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkun possibbli li jingħaddu għall-kisba tal-miri għal vetturi kummerċjali ħfief stabbiliti fl-Artikolu 3 u/jew il-miri tal-infrastruttura tal-iċċarġjar għal vetturi kummerċjali tqal, kif stabbiliti fl-Artikolu 4. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li, fil-każ tal-użu tal-**

*infrastruttura tal-iċċarġjar dinamika, l-objettivi kumplessivi tal-infrastruttura tal-iċċarġjar stazzjonarja stabbiliti fl-Artikolu 3 u l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament jintlaħqu bl-istess mod.*

## Emenda 18

**Proposta għal regolament  
Premessa 14b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(14b) Il-perkors lejn mobbiltà b'emissjonijiet żero jirrikjedi li l-infrastruttura trid tagħmel l-ivvjaġġar għas-sewwieqa tal-vetturi b'emissjonijiet żero jew baxxi konvenjenti daqs l-ivvjaġġar tas-sewwieqa tal-karozzi b'magna ta' kombustjoni. Għalhekk, irid jiġi varat malajr network dens pan-Ewropew ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar.**

## Emenda 19

**Proposta għal regolament  
Premessa 20**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(20) Sistemi ta' arloġġi intelliġenti kif iddefiniti fid-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>52</sup> jippermettu li tiġi prodotta data f'ħin reali, li tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà tan-network tad-distribuzzjoni u jiġi mħeġġeġ l-użu razzjonali tas-servizzi tal-irriċarġjar. Billi jipprovdu l-kejl tal-enerġija f'ħin reali u informazzjoni preċiża u trasparenti dwar il-kost, dawn iħeġġu, flimkien mal-punti tal-irriċarġjar intelliġenti, l-irriċarġjar f'ħinijiet ta' domanda ġenerali baxxa għall-elettriku u prezzijiet baxxi tal-enerġija. L-użu ta' sistemi ta' arloġġi intelliġenti flimkien ma' punti tal-irriċarġjar intelliġenti jista'**

**(20) Il-punti tal-irriċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali jippermettu l-irriċarġjar f'ħinijiet ta' domanda ġenerali baxxa għall-elettriku u prezzijiet baxxi tal-enerġija, jew biex jiġu pprovduti servizzi tal-grilja mill-utenti tal-vetturi elettriċi, u rimunerazzjoni għalihom, permezz tal-iċċarġjar mill-vettura għall-grilja (V2G). Dan jirrikjedi li l-informazzjoni dwar l-elettriku tiġi pprovduta f'ħin reali, kif ukoll informazzjoni akkurata u trasparenti dwar il-kost. L-użu ta' punti tal-irriċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali jista' jottimizza l-irriċarġjar, b'benefiċċji għas-sistema tal-elettriku u għall-utent finali. L-Istati Membri jenħteġ li jħeġġu l-**

jottimizza l-irriċarġjar, b'benefiċċji għas-sistema tal-elettriku u għall-utent finali. L-Istati Membri jenħtieġ li jħeġġu l-użu ta' **sistema ta' arloġġi** intelliġenti għall-irriċarġjar ta' vetturi elettriċi f'stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku, fejn teknikament fattibbli u ekonomikament raġonevoli, **u** jenħtieġ li jiżguraw li dawn is-sistemi jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2019/444.

użu ta' **ċċarġjar** intelliġenti **u bidirezzjonali** għall-irriċarġjar ta' vetturi elettriċi fl-istazzjonijiet tal-irriċarġjar **kollha** aċċessibbli għall-pubbliku, fejn teknikament fattibbli u ekonomikament raġonevoli. **F'każ li tali stazzjonijiet tal-irriċarġjar ikunu mgħammra wkoll b'arloġġi intelliġenti, l-Istati Membri** jenħtieġ li jiżguraw li dawn is-sistemi jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2019/444. **Kwalunkwe trattament, ġbir jew ħżin ta' data personali u data relatata mal-vetturi relatati mad-data personali tal-utent finali jenħtieġ li jikkonforma mar-[Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data].**

---

<sup>52</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

---

<sup>52</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar regoli komuni għas-suq intern għall-elettriku u li temenda d-Direttiva 2012/27/UE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125).

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Premessa 21

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) L-għadd dejjem akbar ta' vetturi elettriċi fil-modi tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija, marittimi u modi oħra tat-trasport se jirrikjedi li l-operazzjonijiet tal-irriċarġjar jiġu ottimizzati u ġestiti b'mod li ma jikkawżax konġestjoni u li jieħu vantaġġ sħiħ mid-disponibbiltà tal-elettriku rinnovabbli u tal-prezzijiet baxxi tal-elettriku fis-sistema. B'mod partikolari, l-irriċarġjar intelliġenti jista' jiffaċilita l-integrazzjoni ulterjuri tal-vetturi elettriċi fis-sistema tal-elettriku peress li jippermetti rispons tad-domanda permezz tal-aggregazzjoni u permezz ta' rispons tad-domanda bbażat fuq il-prezz. L-integrazzjoni tas-sistema tista' tiġi

#### *Emenda*

(21) L-għadd dejjem akbar ta' vetturi elettriċi fil-modi tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija, marittimi u modi oħra tat-trasport se jirrikjedi li l-operazzjonijiet tal-irriċarġjar jiġu ottimizzati u ġestiti b'mod li ma jikkawżax konġestjoni u li jieħu vantaġġ sħiħ mid-disponibbiltà tal-elettriku rinnovabbli u tal-prezzijiet baxxi tal-elettriku fis-sistema. B'mod partikolari, l-irriċarġjar intelliġenti jista' jiffaċilita l-integrazzjoni ulterjuri tal-vetturi elettriċi fis-sistema tal-elettriku peress li jippermetti rispons tad-domanda permezz tal-aggregazzjoni u permezz ta' rispons tad-domanda bbażat fuq il-prezz. **Jenħtieġ li jkun possibbli li l-irriċarġjar intelliġenti**

ffaċilitata aktar permezz tal-irriċarġjar bidirezzjonali (vettura għall-grilja). Għalhekk, il-punti normali kollha tal-irriċarġjar **li fihom il-vetturi tipikament jiġu pparkjati għal perjodu itwal** jenħtieġ li jappoġġaw l-irriċarġjar intelliġenti.

***jseħħ fuq veloċitajiet normali ta' ċċarġjar kif ukoll matul iċċarġjar veloċi permezz ta' rispons għal sinjali tal-prezzijiet dinamiċi jew l-ottimizzazzjoni tal-fluss tal-enerġija.*** L-integrazzjoni tas-sistema tista' tiġi ffaċilitata aktar permezz tal-irriċarġjar bidirezzjonali (vettura għall-grilja). Għalhekk, il-punti normali kollha tal-irriċarġjar jenħtieġ li jappoġġaw l-irriċarġjar intelliġenti.

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Premessa 21a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(21a) Il-possibbiltà ta' ċċarġjar bidirezzjonali kemm fl-infrastruttura privata kif ukoll f'dik aċċessibbli għall-pubbliku tista' tkun inċentiv biex in-nies jiġu mħeġġa jixtru vetturi elettriċi, peress li mbagħad jistgħu jintużaw għall-mobbiltà kif ukoll għall-ħżin tal-enerġija. Għalhekk, l-inċentivi jenħtieġ li jiġu mħeġġa biex jiżguraw għadd suffiċjenti ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar privati u aċċessibbli għall-pubbliku li jippermettu ċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali (V2G).***

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Premessa 21b (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(21b) Biex jiġi żgurati li t-trasformazzjoni rapida lejn l-elettromobbiltà sseħħ b'mod sostenibbli, l-Unjoni jenħtieġ li tieħu rwol ta' tmexxija fil-livell globali għal dak li għandu x'jaqsam ma' prodotti, teknoloġiji, servizzi u innovazzjonijiet sostenibbli b'mod partikolari fir-rigward***

*ta' katina tal-valur tal-batteriji ċirkolari, soċjalment ġusta, ambjentalment responsabbli, u sostenibbli, u fir-rigward ukoll tas-sigurtà tal-impjegi u tas-sostenibbiltà fit-tranżizzjoni lejn settur tat-trasport bit-triq, marittimu u bl-ajru b'emissjonijiet żero jew baxxi.*

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Premessa 21c (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(21c) Il-benefiċċji tal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima ta' vetturi b'emissjonijiet żero u baxxi jiġu massimizzati meta l-elettriku u l-fjuwil użati minn tali vetturi jiġu prodotti minn enerġija rinnovabbli. Filwaqt li d-Direttiva 2018/2001/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill taċċellera l-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, dan ir-Regolament joħloq direttament domanda għal tali enerġiji fis-settur tat-trasport billi jirrikjedi li l-elettriku, l-idroġenu, il-metanol jew l-ammonijaka fornuti lil vetturi, inġenji tal-ajru u bastimenti, jiġu minn enerġija rinnovabbli, possibbilment prodotti fuq il-post, u fil-każ ta' ċerti fjuwils, jiġu prodotti b'CO<sub>2</sub> mill-qbid mill-arja dirett. Indirettament dan joħloq domanda għall-elettriku rinnovabbli anki billi jżid is-sensibilizzazzjoni tal-konsumatur permezz tar-rekwiżit li l-operaturi ta' punti tal-iċċarġjar jiżvelaw il-kontenut tal-enerġija rinnovabbli tal-elettriku furnut abbażi tal-kuntratt tagħhom ma' fornitur tal-elettriku sal-punt li dan huwa meħtieġ fl-ambitu tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2019/944, l-Anness I, § 5.*

## Emenda 24

**Proposta għal regolament  
Premessa 23a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(23a) Hemm firxa wiesgħa ta' sorsi ta' finanzjament disponibbli għall-Istati Membri biex jappoġġaw l-użu ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, b'mod partikolari l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241<sup>1a</sup>, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku tal-Kummissjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/240<sup>1b</sup>, il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/1153<sup>1c</sup>, il-"Faċilità għall-Fjuwils Alternattivi" (AFF) stabbilita bir-Regolament 2022/xxx<sup>1d</sup> u sħubijiet u missjonijiet ta' Orizzont Ewropa, b'mod partikolari l-Missjoni proposta dwar il-Bliet Newtrali għall-Klima u Intelliġenti, li għandha l-għan li tagħmel 100 belt newtrali għall-klima sal-2030. Barra minn hekk, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni stabbiliti bir-Regolament (UE) 2021/1058<sup>1e</sup> huma disponibbli biex jappoġġaw l-investiment fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-varar, b'mod partikolari fl-Istati Membri u fir-reġjuni inqas żviluppati u l-programm InvestEU, permezz tat-tieqa għall-Infrastruttura Sostenibbli tiegħu, jista' jsahha l-investiment li jibqa' validu fil-futur madwar l-Unjoni Ewropea, jgħin biex jimmobilizza l-investiment privat u jipprovdi servizzi ta' konsulenza lill-promoturi tal-proġetti u lill-operaturi li jaħdmu f'infrastruttura sostenibbli u assi mobbli. Il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta [1] jista' jappoġġa mobbiltà lokali intelliġenti u sostenibbli, inkluża l-infrastruttura. F'dawn l-aħħar snin, il-Grupp tal-BEI żied ukoll l-appoġġ tiegħu biex jaċċellera teknoloġiji aktar ġodda bħall-elettromobbiltà u d-diġitalizzazzjoni fl-ambitu tal-Faċilità għal Trasport Aktar Nadif, u l-BEI mistenni jkompli jipprovdi firxa ta' strutturi ta' finanzjament biex*

*jgħin jaççellera l-varar. L-Istati Membri jenħtieġ li jisfruttaw dawn il-possibbiltajiet ta' finanzjament, b'mod partikolari biex jappoġġaw it-trasport pubbliku u s-soluzzjonijiet ta' trasport attiv u biex jiffinanzjaw miżuri mfassla biex jappoġġaw liç-çittadini fil-faqar enerġetiku.*

---

*<sup>1a</sup> Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza*

*<sup>1b</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi Strument ta' Appoġġ Tekniku*

*<sup>1c</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014*

*<sup>1d</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/... dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*

*<sup>1e</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1058 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni*

## **Emenda 25**

### **Proposta għal regolament Premessa 24**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(24) It-trasparenza tal-prezzijiet hija kruċjali biex jiġu żgurati l-irriċarġjar u r-riforniment faċli. Jenħtieġ li l-utenti ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi

*Emenda*

(24) It-trasparenza tal-prezzijiet hija kruċjali biex jiġu żgurati l-irriċarġjar u r-riforniment faċli. Jenħtieġ li l-utenti ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi

jingħataw informazzjoni preċiża dwar il-prezz qabel ma jibda s-servizz tal-irriċarġjar jew tar-riforniment. Il-prezz jenħtieġ li jiġi kkomunikat b'mod strutturat sew biex l-utenti finali jkunu jistgħu jidentifikaw il-komponenti **differenti** tal-kost.

## Emenda 26

### Proposta għal regolament

#### Premessa 25

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(25) Jitfaċċaw servizzi ġodda, b'mod partikolari b'appoġġ għall-użu ta' vetturi elettriċi. L-entitajiet li joffru dawk is-servizzi, bħall-fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà, jenħtieġ li jkunu jistgħu joperaw f'kundizzjonijiet ġusti tas-suq. B'mod partikolari, l-operaturi ta' punti tal-irriċarġjar jenħtieġ li ma jagħtux trattament preferenzjali mhux xieraq lil kwalunkwe wieħed minn dawk il-fornituri ta' servizzi, pereżempju permezz ta' differenzjazzjoni mhux ġustifikata fil-prezzijiet li tista' xxekkel il-kompetizzjoni u fl-aħħar mill-aħħar twassal għal prezzijiet oġhla għall-konsumaturi. **Il-Kummissjoni** jenħtieġ li **timmonitorja** l-iżvilupp tas-suq tal-irriċarġjar. **Waqt ir-rieżami** tar-Regolament, il-Kummissjoni se tieħu azzjonijiet fejn meħtieġ mill-iżviluppi fis-suq bħal limitazzjonijiet ta' servizzi għall-utenti finali jew Prattiki tan-negozju li jistgħu jillimitaw il-kompetizzjoni.

## Emenda 27

### Proposta għal regolament

#### Premessa 25a (ġdida)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

jingħataw informazzjoni preċiża dwar il-prezz qabel ma jibda s-servizz tal-irriċarġjar jew tar-riforniment. Il-prezz jenħtieġ li jiġi kkomunikat b'mod strutturat sew biex l-utenti finali jkunu jistgħu jidentifikaw il-komponenti **kollha applikabli** tal-kost.

##### *Emenda*

(25) Jitfaċċaw servizzi ġodda, b'mod partikolari b'appoġġ għall-użu ta' vetturi elettriċi. L-entitajiet li joffru dawk is-servizzi, bħall-fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà, jenħtieġ li jkunu jistgħu joperaw f'kundizzjonijiet ġusti tas-suq. B'mod partikolari, l-operaturi ta' punti tal-irriċarġjar jenħtieġ li ma jagħtux trattament preferenzjali mhux xieraq lil kwalunkwe wieħed minn dawk il-fornituri ta' servizzi, pereżempju permezz ta' differenzjazzjoni mhux ġustifikata fil-prezzijiet li tista' xxekkel il-kompetizzjoni u fl-aħħar mill-aħħar twassal għal prezzijiet oġhla għall-konsumaturi. **L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-Kummissjoni** jenħtieġ li **jimmonitorjaw** l-iżvilupp tas-suq tal-irriċarġjar. **Sa mhux aktar tard mir-rieżami** tar-Regolament, il-Kummissjoni se tieħu azzjonijiet fejn meħtieġ mill-iżviluppi fis-suq bħal limitazzjonijiet ta' servizzi għall-utenti finali jew Prattiki tan-negozju li jistgħu jillimitaw il-kompetizzjoni.

##### *Emenda*

**(25a) Biex jiżguraw is-sigurtà u l-**



*istabbiltà tan-network ta' punti tal-irriċarġjar madwar l-Unjoni, jenħtieġ li l-operaturi ta' punti tal-irriċarġjar konnessi b'mod diġitali jikkonformaw mar-regoli minimi taċ-ċibersigurtà kif stabbiliti fid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148.*

## **Emenda 28**

### **Proposta għal regolament Premessa 25b (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(25b) Il-prinċipju ġenerali "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel" jenħtieġ li jitqies fis-setturi kollha, lil hinn mis-sistema tal-enerġija, inkluż fit-trasport bit-triq, it-tbaħħir u l-avjazzjoni. B'mod partikolari jenħtieġ li jitqies f'deċiżjonijiet ta' politika, ta' ppjanar u ta' investiment relatati mal-varar ta' infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment ta' fjuwils alternattivi, inkluż fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika well-to-wheel ta' teknoloġiji differenti b'emissjonijiet żero, flimkien mal-affordabbiltà, approċċ abbażi taċ-ċiklu tal-ħajja u n-newtralità teknoloġika fost dawk it-teknoloġiji meħtieġa biex tintlaħaq in-newtralità klimatika.*

## **Emenda 29**

### **Proposta għal regolament Premessa 26**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(26) Il-vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu attwalment għandhom rati baxxi ħafna ta' penetrazzjoni fis-suq.

(26) Il-vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu attwalment għandhom rati baxxi ħafna ta' penetrazzjoni fis-suq.

Madankollu, l-akkumulazzjoni ta' infrastruttura suffiċjenti tar-riforniment tal-idroġenu hija essenzjali sabiex il-varar ta' vetturi motorizzati li jaħdmu bl-idroġenu jsir possibbli fuq skala kbira kif previst fl-istrateġija tal-Kummissjoni għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima<sup>54</sup>. Bħalissa, il-punti tar-riforniment tal-idroġenu ġew varati biss fi ftit Stati Membri u fil-biċċa l-kbira tagħhom ma humiex adatti għal vetturi tqal, u ma jippermettux iċ-ċirkolazzjoni ta' vetturi li jaħdmu bl-idroġenu madwar l-Unjoni. Il-miri obbligatorji għall-varar għall-punti ta' riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku jenħtieġ li jiżguraw li jiġi *installat* network dens biżżejjed ta' punti ta' riforniment tal-idroġenu tul in-network ewlieni TEN-T biex jippermetti l-ivvjaġġar bla xkiel ta' vetturi ħfief u tqal li jaħdmu bl-idroġenu madwar l-Unjoni.

---

<sup>54</sup> COM(2020) 301 final.

## Emenda 30

### Proposta għal regolament Premessa 27

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(27) Il-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġu rifornuti fid-destinazzjoni jew qribha, li normalment tkun tinsab f'żona urbana. Sabiex jiġi żgurat li r-riforniment fid-destinazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku jkun possibbli tal-inqas fiż-żoni urbani ewlenin, in-nodi urbani kollha kif iddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>55</sup> jenħtieġ li jipprovdu stazzjonijiet tar-riforniment bħal dawn. Fin-nodi urbani, l-awtoritajiet pubbliċi jenħtieġ li jikkunsidraw il-varar tal-istazzjonijiet f'ċentri tal-merkanzija multimodali peress li dawn mhux biss

Madankollu, il-bini ta' infrastruttura suffiċjenti għar-riforniment tal-idroġenu huwa essenzjali sabiex l-użu ta' vetturi bil-mutur fuq skala kbira li jaħdem bl-idroġenu jkun possibbli kif previst fl-istrateġija tal-Kummissjoni dwar l-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima<sup>54</sup>. Bħalissa, il-punti ta' riforniment tal-idroġenu jintużaw biss fi ftit Stati Membri u fil-biċċa l-kbira mhumiex adatti għal vetturi heavy-duty, u ma jippermettux ċirkolazzjoni ta' vetturi tal-idroġenu madwar l-Unjoni. Il-miri obbligatorji għall-varar għall-punti ta' riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku jenħtieġ li jiżguraw li jiġi *varat* network dens biżżejjed ta' punti ta' riforniment tal-idroġenu *f'ċentri tat-trasport multimodali* tul in-network ewlieni TEN-T biex jippermetti l-ivvjaġġar bla xkiel ta' vetturi ħfief u tqal li jaħdmu bl-idroġenu madwar l-Unjoni.

---

<sup>54</sup> COM(2020) 301 final.

#### *Emenda*

(27) Il-vetturi li jaħdmu bl-idroġenu jenħtieġ li jkunu jistgħu jiġu rifornuti fid-destinazzjoni jew qribha, li normalment tkun tinsab f'żona urbana. Sabiex jiġi żgurat li r-riforniment fid-destinazzjoni aċċessibbli għall-pubbliku jkun possibbli tal-inqas fiż-żoni urbani ewlenin, in-nodi urbani kollha kif iddefiniti fir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>55</sup> jenħtieġ li jipprovdu stazzjonijiet tar-riforniment bħal dawn. Fin-nodi urbani, l-awtoritajiet pubbliċi jenħtieġ li jikkunsidraw il-varar tal-istazzjonijiet f'ċentri tal-merkanzija multimodali, *f'każ li ma jkunux żviluppatti*

huma d-destinazzjoni tipika għall-vetturi tqal iżda jistgħu jipprovdu wkoll l-idroġenu għal modi oħra tat-trasport, bħat-trasport bil-ferrovija u t-tbaħħir intern.

---

<sup>55</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

### Emenda 31

#### Proposta għal regolament Premessa 28

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(28) Fl-istadju bikri tal-varar fis-suq għad hemm grad ta' inċertezza fir-rigward tat-tip ta' vetturi li se jidħlu fis-suq u tat-tip ta' teknoloġiji li se jintużaw b'mod mifrux. Kif deskritt fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima"<sup>56</sup>, is-segment tal-vetturi tqal ġie identifikat bħala s-segment l-aktar probabbli għall-varar bikri tal-massa ta' vetturi li jaħdmu bl-idroġenu. Għalhekk, l-infrastruttura tar-riforniment tal-idroġenu jenħtieġ li tiffoka b'mod preliminari fuq dak is-segment filwaqt li tippermetti wkoll ir-riforniment tal-vetturi ħfief fi stazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku. Sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà, l-istazzjonijiet tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku kollha jenħtieġ li tal-inqas jipprovdu idroġenu gassuż f'700 bar. Il-varar tal-infrastruttura jenħtieġ li tqis ukoll il-ħolqien ta' teknoloġiji ġodda, bħall-idroġenu likwidu, ***li jippermettu medda tas-sewqan akbar għall-vetturi tqal u li huma l-għażla teknoloġika ppreferuta ta' xi manifatturi***

***abbażi tas-suq***, peress li dawn mhux biss huma d-destinazzjoni tipika għall-vetturi tqal iżda jistgħu jipprovdu wkoll l-idroġenu għal modi oħra tat-trasport, bħat-trasport bil-ferrovija u t-tbaħħir intern.

---

<sup>55</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

##### *Emenda*

(28) Fl-istadju bikri tal-varar fis-suq għad hemm grad ta' inċertezza fir-rigward tat-tip ta' vetturi li se jidħlu fis-suq u tat-tip ta' teknoloġiji li se jintużaw b'mod mifrux. Kif deskritt fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Strateġija għall-idroġenu għal Ewropa newtrali għall-klima", is-segment tal-vetturi tqal ġie identifikat bħala s-segment l-aktar probabbli għall-varar bikri tal-massa ta' vetturi li jaħdmu bl-idroġenu. Għalhekk, l-infrastruttura tar-riforniment tal-idroġenu jenħtieġ li tiffoka b'mod preliminari fuq dak is-segment filwaqt li tippermetti wkoll ir-riforniment tal-vetturi ħfief fi stazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku. Sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà, l-istazzjonijiet tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku kollha jenħtieġ li tal-inqas jipprovdu idroġenu gassuż f'700 bar. Il-varar tal-infrastruttura jenħtieġ li tqis ukoll il-ħolqien ta' teknoloġiji ġodda, bħall-idroġenu likwidu. Għal dak il-għan, jenħtieġ li għadd minimu ta' stazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu jipprovdu wkoll l-idroġenu likwidu

**tal-vetturi.** Għal dak il-għan, jenħtieġ li għadd minimu ta' stazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu jipprovdu wkoll l-idroġenu likwidu flimkien mal-idroġenu gassuż f'700 bar.

---

<sup>56</sup> COM(2020) 301 final

## Emenda 32

### Proposta għal regolament Premessa 30

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(30) Jenħtieġ li l-utenti ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi jkunu jistgħu jħallsu faċilment u b'mod konvenjenti fil-punti kollha tal-irriċarġjar u tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku, mingħajr il-ħtieġa li jidħlu f'kuntratt mal-operatur tal-punt tal-irriċarġjar jew tar-riforniment jew ma' fornitur ta' servizzi ta' mobbiltà. Għalhekk, għall-irriċarġjar jew ir-riforniment fuq bażi ad hoc, il-punti kollha tal-irriċarġjar u tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku jenħtieġ li jaċċettaw **strumenti** ta' pagament li jintużaw b'mod wiesa' fl-Unjoni, **u b'mod partikolari pagamenti elettroniċi permezz ta' terminali u apparati użati għal servizzi ta' pagament.** Dak il-metodu ta' pagament ad hoc jenħtieġ li dejjem ikun disponibbli għall-konsumaturi, anke meta jkunu offruti pagamenti bbażati fuq kuntratt fil-punt tal-irriċarġjar jew tar-riforniment.

## Emenda 33

### Proposta għal regolament Premessa 30a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

flimkien mal-idroġenu gassuż f'700 bar.

---

<sup>56</sup> COM(2020) 301 final

#### *Emenda*

(30) Jenħtieġ li l-utenti ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi jkunu jistgħu jħallsu faċilment u b'mod konvenjenti fil-punti kollha tal-irriċarġjar u tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku, mingħajr il-ħtieġa li jidħlu f'kuntratt mal-operatur tal-punt tal-irriċarġjar jew tar-riforniment jew ma' fornitur ta' servizzi ta' mobbiltà. Għalhekk, għall-irriċarġjar jew ir-riforniment fuq bażi ad hoc, il-punti kollha tal-irriċarġjar u tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku jenħtieġ li **tal-inqas** jaċċettaw **kards** ta' pagament użati b'mod wiesa' fl-Unjoni. Dak il-metodu ta' pagament ad hoc jenħtieġ li dejjem ikun disponibbli għall-konsumaturi, anki meta jiġu offruti pagamenti bbażati fuq kuntratt fil-punt tal-irriċarġjar jew tar-riforniment.

**(30 a) Biex jiġi żgurat li l-infrastruttura tal-iċċarġjar li għandha tiġi varata tintuża**

*bl-aktar mod effettiv u biex tittejjeb il-fiduċja tal-konsumatur fl-elettromobbiltà, huwa essenzjali li l-użu tal-istazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku jkun miftuħ għall-utenti kollha, irrispettivament mid-ditta tal-karozza u minn jekk jagħmlux parti minn skema ta' pagament ibbażata fuq kuntratt.*

## Emenda 34

### Proposta għal regolament Premessa 32

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(32) Il-faċilitajiet tal-elettriku mix-xatt jistgħu jservu lit-trasport marittimu u fil-passaġġi fuq l-ilma interni bħala provvista tal-enerġija nadifa u jikkontribwixxu għat-naqqis tal-impatt ambjentali tal-vapuri li jbaħħru u tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Fil-qafas tal-inizjattiva FuelEU maritime, l-operaturi tal-vapuri tal-kontejners u tal-passiġġieri jeħtieġ li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet biex jitnaqqsu l-emissjonijiet **waqt l-irmiġġ**. Il-miri obbligatorji tal-varar jenħtieġ li jiżguraw li s-settur isib provvista tal-elettriku mix-xatt suffiċjenti fil-portijiet marittimi tan-network ewlieni **u komprehensiv** TEN-T biex jikkonforma ma' dawk ir-rekwiżiti. L-applikazzjoni ta' dawn il-miri għall-portijiet marittimi kollha **TEN-T** jenħtieġ li tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti bejn il-portijiet.

## Emenda 35

### Proposta għal regolament Premessa 32a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

(32) Il-faċilitajiet tal-elettriku mix-xatt jistgħu jservu lit-trasport marittimu u fil-passaġġi fuq l-ilma interni bħala provvista tal-enerġija nadifa u jikkontribwixxu għat-naqqis tal-impatt ambjentali tal-vapuri li jbaħħru u tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. Fil-qafas tal-inizjattiva FuelEU maritime, l-operaturi tal-vapuri tal-kontejners u tal-passiġġieri jeħtieġ li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet biex jitnaqqsu l-emissjonijiet. Il-miri obbligatorji tal-varar jenħtieġ li jiżguraw li s-settur isib provvista tal-elettriku mix-xatt suffiċjenti fil-portijiet marittimi **u tul il-passaġġi fuq l-ilma interni** tan-network ewlieni TEN-T biex jikkonforma ma' dawk ir-rekwiżiti. L-applikazzjoni ta' dawn il-miri għall-portijiet marittimi kollha jenħtieġ li tiżgura kundizzjonijiet ekwivalenti bejn il-portijiet.

**(32 a) Id-diversità tal-portijiet marittimi f'termini tad-daqs tagħhom, tas-segmenti**

*tat-traffiku moqdija, tal-governanza, u tal-pożizzjoni ġeografika tagħhom jenħtieġ li titqies fil-varar ta' faċilitajiet tal-elettriku mix-xatt u fil-provvista tal-elettriku mix-xatt. Il-governanza diversa tal-portijiet marittimi fl-Unjoni Ewropea tista' timplika diviżjonijiet differenti ta' responsabbiltajiet f'termini tal-varar u tal-provvista tal-elettriku mix-xatt.*

## Emenda 36

### Proposta għal regolament Premessa 33

*Test propost mill-Kummissjoni*

(33) Il-vapuri tal-kontejners u tal-passiġġieri, li huma l-kategoriji tal-vapuri li qed jipproduċu l-ogħla ammont ta' emissjonijiet għal kull vapur irmiġġat, jenħtieġ li bħala prijorità jiġu pprovvduti bi provvista tal-elettriku mix-xatt. Sabiex jitqiesu l-karatteristiċi tad-domanda għall-potenza waqt l-irmiġġ ta' vapuri differenti tal-passiġġieri, kif ukoll il-karatteristiċi operazzjonali tal-port, jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn ir-rekwiżiti tal-vapuri tal-passiġġieri għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri u l-bastimenti tal-passiġġieri ta' veloċità għolja, u daww għal vapuri tal-passiġġieri oħra.

## Emenda 37

### Proposta għal regolament Premessa 34

*Test propost mill-Kummissjoni*

(34) *Dawn il-miri jenħtieġ li jqisu t-tipi ta' bastimenti moqdija u l-volumi tat-traffiku rispettivi tagħhom. Il-portijiet marittimi b'volumi baxxi ta' traffiku ta'*

*Emenda*

(33) Il-vapuri tal-kontejners u tal-passiġġieri, ***b'mod speċjali l-vapuri tal-kruċieri u l-ferries***, li huma l-kategoriji tal-vapuri li qed jipproduċu l-ogħla ammont ta' emissjonijiet għal kull vapur irmiġġat, jenħtieġ li bħala prijorità jiġu pprovvduti bi provvista tal-elettriku mix-xatt. Sabiex jitqiesu l-karatteristiċi tad-domanda għall-potenza waqt l-irmiġġ ta' vapuri differenti tal-passiġġieri, kif ukoll il-karatteristiċi operazzjonali tal-port, jeħtieġ li ssir distinzjoni bejn ir-rekwiżiti tal-vapuri tal-passiġġieri għall-vapuri ro-ro tal-passiġġieri u l-bastimenti tal-passiġġieri ta' veloċità għolja, u daww għal vapuri tal-passiġġieri oħra.

*Emenda*

(34) It-trasport marittimu huwa rabta importanti għall-koeżjoni u għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer ***kif ukoll tar-reġjuni ultraperiferiċi*** fl-Unjoni. ***Barra minn***

*ċerti kategoriji ta' vapuri jenħtieġ li jiġu eżentati mir-rekwiżiti obbligatorji għall-kategoriji ta' vapuri korrispondenti abbażi ta' livell minimu ta' volum ta' traffiku, sabiex tiġi evitata l-installazzjoni ta' kapaċità mhux użata biżżejjed. Bl-istess mod, il-miri obbligatorji jenħtieġ li ma jimmirawx lejn domanda massima, iżda volum għoli biżżejjed, sabiex tiġi evitata kapaċità mhux użata biżżejjed u jitqiesu l-karatteristiċi operazzjonali tal-port. It-trasport marittimu huwa rabta importanti għall-koeżjoni u għall-iżvilupp ekonomiku tal-gżejjer fl-Unjoni. **Il-kapaċità ta' produzzjoni** tal-enerġija f'dawn il-gżejjer jista' jkun li mhux dejjem tkun biżżejjed biex tkopri d-domanda għall-potenza meħtieġa biex tiġi appoġġata l-provvista tal-elettriku mix-xatt. **F'każ bħal dan, il-gżejjer jenħtieġ li jiġu eżentati minn dan ir-rekwiżit ħliet jekk u sakemm tali konnessjoni elettrika mal-kontinent ma tkunx tlestiet jew ikun hemm** biżżejjed kapaċità ġenerata lokalment minn sorsi ta' enerġija **nadifa**.*

#### **Emenda 38**

##### **Proposta għal regolament Premessa 34a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(34a) L-użu tal-elettriku mix-xatt (SSE) minn bastimenti rmiġġati ċertament jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-emissjonijiet kumplessivi mit-tbaħħir iżda jrid ikun akkumpanjat minn soluzzjonijiet li jnaqqsu l-emissjonijiet matul in-navigazzjoni.*

#### **Emenda 39**

##### **Proposta għal regolament Premessa 34b (ġdida)**

**(34b) L-Istati Membri jenħtieġ li jżguraw produzzjoni adegwata tal-enerġija u l-provvista ta' infrastruttura suffiċjenti tal-grilja (kif ukoll f'termini ta' disponibbiltà u kapaċità) biex jissodisfaw id-domandi tal-enerġija li jirriżultaw mill-provvista ta' elettriku mix-xatt (SSE) fil-portijiet kif meħtieġ f'dan ir-Regolament. Sabiex tkun effettiva fit-tnaqqis ġenerali tal-emissjonijiet u biex tevita r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju lejn iż-żoni interni, din il-kapaċità ġġenerata jenħtieġ li dejjem aktar tiġi minn sorsi ta' enerġija nadifa f'konformità mal-Artikolu 3(1) emendat tad-Direttiva riveduta (UE) 2018/2001 (REDIII).**

#### **Emenda 40**

##### **Proposta għal regolament Premessa 34c (ġdida)**

**(34c) Sabiex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu kkunsidrati investimenti fil-konvertituri tal-grilja u l-aġġornament tal-grilja, u dan jinvolvi kostijiet u kumplessità addizzjonali. Il-grilji tal-Ewropa joperaw f'50 Hz, filwaqt li ħafna segmenti ta' bastimenti bħal bastimenti li jbaħħru fl-oċeani jirrikjedu 60 Hz meta jikkollegaw mal-elettriku mix-xatt. Sabiex jiġu ssodisfati dawn id-domandi, jenħtieġ li jkunu meħtieġa investimenti fil-konvertituri tal-frekwenza, inkluż permezz ta' finanzjament pubbliku.**

#### **Emenda 41**



**Proposta għal regolament  
Premessa 35**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(35) Sal-2025 jenħtieġ li jkun disponibbli network ewlieni ta' punti tar-riforniment għal-LNG fil-portijiet marittimi. Il-punti tar-riforniment għal-LNG jinkludu terminali tal-LNG, tankijiet, kontejners mobbli, bastimenti bunker u barkuni.

*Emenda*

(35) Sal-2025 jenħtieġ li jkun disponibbli network ewlieni ta' punti tar-riforniment għal-LNG fil-portijiet marittimi. Il-punti tar-riforniment għal-LNG jinkludu terminali tal-LNG, tankijiet, kontejners mobbli, bastimenti bunker u barkuni. ***Sal-1 ta' Jannar 2030 jenħtieġ li jiġi installat network ta' punti tar-riforniment għall-idroġenu u għall-ammonijaka fil-portijiet marittimi.***

**Emenda 42**

**Proposta għal regolament  
Premessa 35a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(35a) L-iżvilupp u l-varar ta' fjuwils ġodda u soluzzjonijiet tal-enerġija għas-settur marittimu jirrikjedu approċċ koordinat biex il-provvista titqabbel mad-domanda u jiġu evitati assi mhux rekuperabbli. Għalhekk jenħtieġ li jiġi żviluppat mekkaniżmu ta' konsultazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha fil-livell ta' portijiet individwali sabiex jiġu żgurati l-koordinazzjoni u l-konsultazzjoni fl-applikazzjoni tar-rekwiżiti previsti f'dan ir-Regolament fir-rigward tal-elettriku mix-xatt (SSE). Il-pjan ta' varar għall-elettriku mix-xatt fil-portijiet marittimi jenħtieġ li jkun akkumpanjat minn pjan ta' finanzjament nazzjonali komprensiv.***

**Emenda 43**

**Proposta għal regolament  
Premessa 36**

(36) Il-provvista tal-elettriku lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji fl-ajruporti jenħtieġ li tissostitwixxi l-konsum tal-fjuwil likwidu mill-inġenji tal-ajru (l-użu ta' Unità ta' Potenza Awżiljarja) jew l-unitajiet tal-potenza tal-art (GPUs) b'sors ta' enerġija aktar nadif. **Dan** jenħtieġ li jnaqqas l-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa u ta' storbju, itejjeb il-kwalità tal-arja u jnaqqas l-impatt fuq it-tibdil fil-klima. **Għalhekk, l-operat kollu tat-trasport kummerċjali jenħtieġ li jkun jista' jagħmel użu mill-provvista esterna tal-elettriku waqt li jkun ipparkjat fil-gates jew f'pożizzjonijiet esterni fir-rampa fl-ajruporti TEN-T.**

#### Emenda 44

#### Proposta għal regolament Premessa 36a (ġdida)

(36) Il-provvista tal-elettriku lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji fl-ajruporti jenħtieġ li tissostitwixxi l-konsum tal-fjuwil likwidu mill-inġenji tal-ajru (l-użu ta' Unità ta' Potenza Awżiljarja) jew l-unitajiet tal-potenza tal-art (GPUs) b'sors ta' enerġija aktar nadif. **Għalhekk, l-operazzjonijiet kollha tat-trasport kummerċjali jenħtieġ li jużaw il-provvista esterna tal-elettriku waqt li jkunu pparkjati fil-gates jew f'pożizzjonijiet esterni fir-rampa fl-ajruporti. B'mod parallel, vetturi bbażati fuq l-art li joperaw fl-ajruporti jenħtieġ li jiġu elettrifikati jew jużaw fjuwils alternattivi sostenibbli oħra. Dan se jnaqqas l-emissjonijiet tas-sustanzi niġġiesa u ta' storbju, itejjeb il-kwalità tal-arja u jnaqqas l-impatt fuq it-tibdil fil-klima. L-Istati Membri jenħtieġ li jimmonitorjaw il-ħolqien potenzjali ta' teknoloġiji tal-inġenji tal-ajru tal-elettriku u tal-idroġenu bbażati fuq sorsi rinnovabbli u jggarantixxu l-introduzzjoni tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment jekk rilevanti.**

**(36a) Jenħtieġ li enfasi akbar fuq l-elettrifikazzjoni relatata mat-trasport bit-triq, marittimu u bl-ajru ma tkunx qed tnaqqas ir-riżorsi għall-ħafna li jeħtieġ isir biex tittejjeb il-mobbiltà lokali, reġjonali u nazzjonali, b'mod partikolari f'żoni bħan-networks ferrovjarji u metropolitan.**

## Emenda 45

### Proposta għal regolament Premessa 38

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(38) L-oqfsa ta' politika nazzjonali riveduti jenħtieġ li jinkludu azzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp tas-suq fir-rigward tal-fjuwils alternattivi, inkluż il-varar tal-infrastruttura meħtieġa li għandha tiġi implimentata, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet reġjonali u lokali u mal-industrija kkonċernata, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Barra minn hekk, l-oqfsa riveduti jenħtieġ li jiddeskrivu l-qafas nazzjonali ġenerali għall-ippjanar, għall-għoti ta' permessi u għall-akkwist ta' tali infrastruttura, inklużi l-ostakli u l-azzjonijiet identifikati biex dawn jitneħħew sabiex tkun tista' tinkiseb introduzzjoni aktar veloċi tal-infrastruttura.

#### *Emenda*

(38) L-oqfsa ta' politika nazzjonali riveduti jenħtieġ li jinkludu azzjonijiet ta' appoġġ għall-iżvilupp tas-suq fir-rigward tal-fjuwils alternattivi, inkluż il-varar tal-infrastruttura meħtieġa li għandha tiġi implimentata, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet reġjonali u lokali u mal-industrija kkonċernata, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Barra minn hekk, l-oqfsa riveduti jenħtieġ li jiddeskrivu l-qafas nazzjonali ġenerali għall-ippjanar, għall-għoti ta' permessi u għall-akkwist ta' tali infrastruttura, inklużi l-ostakli u l-azzjonijiet identifikati biex dawn jitneħħew sabiex tkun tista' tinkiseb introduzzjoni aktar veloċi tal-infrastruttura. ***L-oqfsa ta' politika nazzjonali riveduti jenħtieġ li jqisu bis-sħiħ il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" u l-ħtieġa li tiġi żviluppata sistema tal-enerġija reżiljenti u newtrali għall-klima li tqis il-prinċipju tal-kosteffiċjenza. L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu r-Rakkomandazzjoni u l-Linji Gwida li ħarġu reċentement dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju<sup>1</sup>, li jispjegaw kif id-deċiżjonijiet tal-ippjanar, tal-politika u tal-investment jistgħu jnaqqsu l-konsum tal-enerġija f'għadd ta' setturi ewlenin, inkluż it-trasport<sup>1a</sup>***

---

<sup>1a</sup> ***Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 7014 final tat-28.9.2021 dwar l-"Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel: minn prinċipji għall-prattika. Linji gwida u eżempji għall-implimentazzjoni tagħha fit-teħid tad-deċiżjonijiet fis-settur tal-enerġija u lil hinn minnu***

## Emenda 46

### Proposta għal regolament Premessa 40

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(40) Sabiex jiġu promossi l-fjuwils alternattivi u tiġi żviluppata l-infrastruttura rilevanti, l-oqfsa ta' politika nazzjonali jenħtieġ li jikkonsistu fi strateġiji dettaljati għall-promozzjoni tal-fjuwils alternattivi f'setturi li huma diffiċli li jiġu dekarbonizzati, bħall-avjazzjoni, it-trasport marittimu, it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma intern kif ukoll it-trasport bil-ferrovija f'segmenti tan-network li ma jistgħux jiġu elettrifikati. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw strateġiji ċari għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma intern tul in-network TEN-T f'kooperazzjoni mill-qrib ma' dawk l-Istati Membri kkonċernati. Jenħtieġ li jiġu żviluppati wkoll strateġiji ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul għall-portijiet *TEN-T* u għall-ajruporti *TEN-T*, b'mod partikolari b'enfasi fuq il-varar ta' infrastruttura għal bastimenti u inġenji tal-ajru b'emissjonijiet baxxi u żero kif ukoll għal-linji ferrovjarji li ma humiex *se jiġu* elettrifikati. Abbażi ta' dawk l-istrateġiji, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina dan ir-Regolament bil-ħsieb li tistabbilixxi miri *aktar* obbligatorji għal dawk is-setturi.

## Emenda 47

### Proposta għal regolament Premessa 40a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

(40) Sabiex jiġu promossi l-fjuwils alternattivi u tiġi żviluppata l-infrastruttura rilevanti, l-oqfsa ta' politika nazzjonali jenħtieġ li jikkonsistu fi strateġiji dettaljati għall-promozzjoni tal-fjuwils alternattivi f'setturi li huma diffiċli li jiġu dekarbonizzati, bħall-avjazzjoni, it-trasport marittimu, it-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma intern kif ukoll it-trasport bil-ferrovija f'segmenti tan-network li ma jistgħux jiġu elettrifikati. B'mod partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw strateġiji ċari għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport fil-passaġġi fuq l-ilma intern tul in-network TEN-T f'kooperazzjoni mill-qrib ma' dawk l-Istati Membri kkonċernati. Jenħtieġ li jiġu żviluppati wkoll strateġiji ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul għall-portijiet u għall-ajruporti, b'mod partikolari b'enfasi fuq il-varar ta' infrastruttura għal bastimenti u inġenji tal-ajru b'emissjonijiet baxxi u *b'emissjonijiet baxxi u* żero kif ukoll għal-linji ferrovjarji li ma humiex elettrifikati. Abbażi ta' dawk l-istrateġiji, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrieżamina dan ir-Regolament bil-ħsieb li tistabbilixxi miri *addizzjonali* obbligatorji għal dawk is-setturi.

*kapaċità tal-grilja meħtieġa. Fid-dawl ta' ċertezza legali u tal-ippjanar fit-tul, il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti obbligatorji għall-SSE jenħtieġ li jiġu ffissati mad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. L-oqfsa ta' politika nazzjonali jenħtieġ li jiġu deċiżi b'tali mod li jiġihalla biżżejjed żmien għall-varar tal-infrastruttura tal-elettriku mix-xatt meħtieġa biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Ladarba port jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jibqa' fil-kamp ta' applikazzjoni.*

## Emenda 48

### Proposta għal regolament Premessa 41

*Test propost mill-Kummissjoni*

(41) L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu minn firxa wiesgħa ta' inċentivi u miżuri regolatorji u mhux regolatorji biex jilhqnu l-miri obbligatorji u jimplimentaw l-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' atturi tas-settur privat, li jenħtieġ li jkollhom rwol ewlieni fl-appoġġ tal-iżvilupp ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi.

*Emenda*

(41) L-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu użu minn firxa wiesgħa ta' inċentivi u miżuri regolatorji u mhux regolatorji, **abbażi tas-suq** biex jilhqnu l-miri obbligatorji u jimplimentaw l-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom, f'kooperazzjoni mill-qrib ma' atturi tas-settur privat, li jenħtieġ li jkollhom rwol ewlieni fl-appoġġ tal-iżvilupp ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi.

## Emenda 49

### Proposta għal regolament Premessa 41a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

**(41a) L-Istati Membri, li ma għandhomx skemi ta' inċentivi xierqa, jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jindirizzaw il-pożizzjoni tat-tluq differenti tagħhom meta jfittxu li jippromwovu modi sostenibbli tat-trasport. Jenħtieġ li ssir**

*enfasi partikolari fuq l-awtoritajiet  
muniċipali jew reġjonali, li jistgħu  
jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' vetturi li jużaw  
fjuwils alternattivi permezz ta' inċentivi  
tat-taxxa apposta, akkwisti pubbliċi jew  
regolamenti tat-traffiku lokali.*

## Emenda 50

### Proposta għal regolament Premessa 42

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(42) Skont id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>58</sup>, huma riżervati ishma nazzjonali minimi tal-akkwist pubbliku għal xarabanks nodfa u b'emissjonijiet żero, fejn xarabank nadifa tuża fjuwils alternattivi kif iddefiniti fil-punt (3) tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament. B'ammont dejjem jiżdied ta' awtoritajiet u operaturi tat-trasport pubbliku li qed jaqilbu għal xarabanks **nodfa u** b'emissjonijiet żero sabiex jilhqqu dawk il-miri, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu l-promozzjoni mmirata u l-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa tax-xarabanks bħala element ewlieni fl-Oqfsa ta' Politika Nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu u jżommu strumenti xierqa biex jippromwovu l-varar ta' infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-riforniment anke għal flotot vinkolati, b'mod partikolari għal xarabanks nodfa u b'emissjonijiet żero fil-livell lokali.

---

<sup>58</sup> Id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 5).

#### *Emenda*

(42) Skont id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>58</sup>, huma riżervati ishma nazzjonali minimi tal-akkwist pubbliku għal xarabanks nodfa u b'emissjonijiet żero, fejn xarabank nadifa tuża fjuwils alternattivi kif iddefiniti fil-punt (3) tal-Artikolu 2 ta' dan ir-Regolament. B'ammont dejjem jiżdied ta' awtoritajiet u operaturi tat-trasport pubbliku li qed jaqilbu għal xarabanks b'emissjonijiet **baxxi u** żero sabiex jilhqqu dawk il-miri, l-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu l-promozzjoni mmirata u l-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa tax-xarabanks bħala element ewlieni fl-Oqfsa ta' Politika Nazzjonali tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu u jżommu strumenti xierqa biex jippromwovu l-varar ta' infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-riforniment anke għal flotot vinkolati, b'mod partikolari għal xarabanks nodfa u b'emissjonijiet żero fil-livell lokali.

---

<sup>58</sup> Id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 5).

## Emenda 51

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 43**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(43) Fid-dawl *tad-diversità* dejjem akbar *fit-tipi ta' fjuwils għall-vetturi* bil-mutur, flimkien *mat-tkabbir kontinwu fil-mobbiltà bit-triq* taċ-ċittadini mal-Unjoni kollha, jeħtieġ li l-utenti tal-vetturi jiġu pprovduti b'informazzjoni ċara u faċli li tinftiehem dwar il-fjuwils disponibbli fl-istazzjonijiet tar-riforniment u dwar il-kompatibbiltà tal-vettura tagħhom ma' fjuwils differenti jew mal-punti tal-irriċarġjar fis-suq tal-Unjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeċiedu li jimplimentaw dawn il-miżuri ta' informazzjoni fir-rigward ukoll tal-vetturi mqieġħda fis-suq qabel it-18 ta' Novembru 2016.

*Emenda*

(43) Fid-dawl *tas-sostenibbiltà* dejjem akbar *f'kull tip ta' fjuwil, kif ukoll id-diversità fl-użu ta' vetturi* bil-mutur (*individwali, kollettiv u kondiviż*), flimkien *ma' żieda kontinwa fil-kombinazzjoni ta' modi differenti tat-trasport biex tiġi żgurata l-mobbiltà* taċ-ċittadini mal-Unjoni kollha, jeħtieġ li l-utenti tal-vetturi jiġu pprovduti b'informazzjoni ċara u faċli li tinftiehem dwar il-fjuwils disponibbli fl-istazzjonijiet tar-riforniment u dwar il-kompatibbiltà tal-vettura tagħhom ma' fjuwils differenti jew mal-punti tal-irriċarġjar fis-suq tal-Unjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeċiedu li jimplimentaw dawn il-miżuri ta' informazzjoni fir-rigward ukoll tal-vetturi mqieġħda fis-suq qabel it-18 ta' Novembru 2016.

**Emenda 52**

**Proposta għal regolament**  
**Premessa 44**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(44) Informazzjoni sempliċi u li titqabbel faċilment rigward il-prezzijiet tal-fjuwils differenti jista' jkollha rwol importanti biex tippermetti lill-utenti tal-vetturi jevalwaw aħjar il-kost relattiv tal-fjuwils individwali disponibbli fis-suq. Għalhekk, jenħtieġ li jintwera tqabbil tal-prezzijiet ta' unità *ta' ċerti fjuwils alternattivi u fjuwils konvenzjonali*, espress bħala *"prezz tal-fjuwil għal kull 100 km"*, għall-finijiet ta' informazzjoni fl-istazzjonijiet tal-fjuwil rilevanti kollha.

*Emenda*

(44) Informazzjoni sempliċi u li titqabbel faċilment rigward il-prezzijiet tal-fjuwils differenti jista' jkollha rwol importanti biex tippermetti lill-utenti tal-vetturi jevalwaw aħjar il-kost relattiv tal-fjuwils individwali disponibbli fis-suq. Għalhekk, jenħtieġ li jintwera tqabbil tal-prezzijiet ta' unità espress bħala *kW/h għal vetturi elettriċi li jiċċarġjaw ad hoc*, għall-finijiet ta' informazzjoni fl-istazzjonijiet tal-fjuwil rilevanti kollha.

## Emenda 53

### Proposta għal regolament

#### Premessa 45

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(45) Huwa meħtieġ li l-konsumaturi jingħataw biżżejjed informazzjoni dwar il-post ġeografiku, il-karatteristiċi u s-servizzi offruti fil-punti tal-irriċarġjar u tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku ta' fjuwils alternattivi koperti minn dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-operaturi jew is-sidien ta' punti tal-irriċarġjar u tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku jagħmlu disponibbli data statika u dinamika rilevanti. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti dwar it-tipi ta' data rigward id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà għal data rilevanti relatata mal-irriċarġjar u mar-riforniment, li jibnu fuq l-eżiti tal-Azzjoni ta' Appoġġ tal-Programm dwar "Il-ġbir ta' data relatata mal-punti tal-irriċarġjar/tar-riforniment għal fjuwils alternattivi u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni uniċi relatati mal-atturi tal-elettromobbiltà" ("IDACS").

##### *Emenda*

(45) Huwa meħtieġ li l-konsumaturi jingħataw biżżejjed informazzjoni dwar il-post ġeografiku, il-karatteristiċi u s-servizzi offruti fil-punti tal-irriċarġjar u tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku ta' fjuwils alternattivi koperti minn dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-operaturi jew is-sidien ta' punti tal-irriċarġjar u tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku jagħmlu disponibbli data statika u dinamika rilevanti ***mingħajr ħlas, jiġifieri, id-data rrappurtata fis-sistemi nazzjonali skont l-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament, li jenħtieġ li tiġi inkluża wkoll f'sistema armonizzata madwar l-UE. Din id-data mbagħad tista' tintuża minn partijiet terzi, inklużi aggregaturi u fornituri ta' rispons għad-domanda, kif ukoll għal servizzi ta' tqabbil u ta' informazzjoni għall-konsumaturi dwar stazzjonijiet tal-irriċarġjar, b'mod partikolari l-lokalità tagħhom, il-prezz ad hoc, id-disponibbiltà u parametri oħra li huma utli għall-konsumaturi, b'kunsiderazzjoni xierqa għar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data.*** Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti dwar it-tipi ta' data rigward id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà għal data rilevanti relatata mal-irriċarġjar u mar-riforniment, li jibnu fuq l-eżiti tal-Azzjoni ta' Appoġġ tal-Programm dwar "Il-ġbir ta' data relatata mal-punti tal-irriċarġjar/tar-riforniment għal fjuwils alternattivi u l-kodiċijiet ta' identifikazzjoni uniċi relatati mal-atturi tal-elettromobbiltà" ("IDACS").

## Emenda 54

### Proposta għal regolament

#### Premessa 46



*Test propost mill-Kummissjoni*

(46) Jenħtieġ li d-data jkollha rwol fundamentali fil-funzjonament adegwat tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment. Il-format, il-frekwenza u l-kwalità li fihom jenħtieġ li din id-data ssir disponibbli u aċċessibbli jenħtieġ li jiddeterminaw il-kwalità ġenerali ta' ekosistema tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li dik id-data tkun aċċessibbli b'mod koerenti fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, jenħtieġ li d-data tiġi pprovduta f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>59</sup> għall-punti ta' aċċess nazzjonali (NAPs).

---

<sup>59</sup> Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).

## **Emenda 55**

### **Proposta għal regolament Premessa 52**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(52) Fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkonsulta ***l-gruppi*** ta' esperti rilevanti, u b'mod partikolari l-Forum dwar it-Trasport Sostenibbli ("STF") u l-Forum Ewropew tat-Tbaħħir Sostenibbli ("ESSF"). Tali

*Emenda*

(46) Jenħtieġ li d-data jkollha rwol fundamentali fil-funzjonament adegwat tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment. Il-format, il-frekwenza u l-kwalità li fihom jenħtieġ li din id-data ssir disponibbli u aċċessibbli jenħtieġ li jiddeterminaw il-kwalità ġenerali ta' ekosistema tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi li tissodisfa l-ħtiġijiet tal-utenti. Barra minn hekk, jenħtieġ li dik id-data tkun aċċessibbli b'mod koerenti fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, jenħtieġ li d-data tiġi pprovduta f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>59</sup> għall-punti ta' aċċess nazzjonali (NAPs). ***Għal dawk is-servizzi li jippermettu vjaġġar bla xkiel madwar l-Unjoni, jenħtieġ li tinholq ukoll sistema madwar l-Unjoni, li timporta informazzjoni standardizzata minn sistemi nazzjonali.***

---

<sup>59</sup> Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).

*Emenda*

(52) Fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkonsulta ***firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi organizzazzjonijiet tal-konsumatur, kif ukoll il-gruppi*** ta' esperti rilevanti, u b'mod partikolari l-

konsultazzjoni mal-esperti hija ta' importanza partikolari meta l-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li tadotta atti delegati jew ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament.

Forum dwar it-Trasport Sostenibbli ("STF") u l-Forum Ewropew tat-Tbaħħir Sostenibbli ("ESSF"). Tali konsultazzjoni mal-esperti hija ta' importanza partikolari meta l-Kummissjoni jkollha l-ħsieb li tadotta atti delegati jew ta' implimentazzjoni skont dan ir-Regolament.

## Emenda 56

### Proposta għal regolament

#### Premessa 54

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(54) Is-suq għall-fjuwils alternattivi u b'mod partikolari għall-fjuwils b'emissjonijiet żero għadu fl-istadji bikrija tal-iżvilupp u t-teknoloġija qed tevolvi malajr. Dan x'aktarx jaffettwa d-domanda għall-fjuwils alternattivi u konsegwentement għall-infrastruttura ta' fjuwils alternattivi fil-mezzi kollha. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina dan ir-Regolament sa tmiem l-2026 b'mod partikolari fir-rigward tal-iffissar tal-miri għall-punti tal-irriċarġjar elettriċi għall-HDV kif ukoll tal-miri għall-infrastruttura ta' fjuwils alternattivi għal bastimenti u inġenji tal-ajru b'emissjonijiet żero fit-trasport fuq l-ilma u fl-avjazzjoni.

##### *Emenda*

(54) Is-suq għall-fjuwils alternattivi u b'mod partikolari għall-fjuwils b'emissjonijiet ***baxxi u*** żero għadu fl-istadji bikrija tal-iżvilupp u t-teknoloġija qed tevolvi malajr, ***u xi teknoloġiji diġà huma disponibbli***. Dan x'aktarx jaffettwa d-domanda għall-fjuwils alternattivi u konsegwentement għall-infrastruttura ta' fjuwils alternattivi fil-mezzi kollha. Għalhekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrieżamina dan ir-Regolament sa tmiem l-2026 ***f'konformità mal-mira tan-newtralità klimatika, abbażi ta' analiżi tal-aħħar żviluppi teknoloġiċi u l-istat ta' tħejjija għas-suq u filwaqt li jitqiesu l-oqfsa ta' politika nazzjonali***, b'mod partikolari fir-rigward tal-iffissar tal-miri għall-punti tal-irriċarġjar elettriċi għall-HDV kif ukoll tal-miri għall-infrastruttura ta' fjuwils alternattivi għal bastimenti u inġenji tal-ajru b'emissjonijiet żero fit-trasport fuq l-ilma u fl-avjazzjoni ***fir-rigward ta' ċertezza legali u l-prevedibbiltà għall-industrija, il-faċilitazzjoni ta' investimenti fit-tul u l-evitar tal-ħolqien ta' assi mhux rekuperabbli. Ir-rieżami jenħtieġ li jinkludi l-fjuwils alternattivi kollha u d-domanda infrastrutturali jenħtieġ li titqabbel mal-veloċità potenzjali tal-adozzjoni***.

## Emenda 57

### Proposta għal regolament Premessa 54a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(54 a) Meta wieħed iqis is-sehem sinifikanti tal-konsum finali tal-enerġija fl-UE mit-trasport bit-triq, il-prinċipju l-"effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" jenħtieġ li għalhekk jiġi rifless fid-deċiżjonijiet dwar il-politika, l-ippjanar u l-investment relatati mal-varar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment ta' fjuwils alternattivi kif stabbilit fid-Direttiva 2012/27/UE [Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika riformulata] li tqis li l-prinċipju l-"effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" jitqies fis-setturi kollha.*

## Emenda 58

### Proposta għal regolament Premessa 55a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(55a) Minbarra l-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità, il-prinċipju ta' "one-in-one-out" jenħtieġ li jkun parti mill-proċedura ta' reviżjoni. Il-prinċipju ta' "one-in-one-out" huwa għodda importanti, li hija maħsuba biex tindirizza l-piżijiet amministrattivi u regolatorji u jenħtieġ li tiġi kkomplementata minn miżuri kwalitattivi biex jiġi żgurat tfassil tal-liġijiet effettivi u li jibqa' validu fil-futur f'konformità mal-oġettivi fit-tul tal-UE.*

## Emenda 59

### Proposta għal regolament Premessa 55b (ġdida)

**(55b) Ir-Regolament dwar l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi huwa parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %", li se jkollu wkoll diversi effetti fuq l-Unjoni, inkluż fuq il-kompetittività, il-ħolqien tal-impjiegi, ir-rati tat-trasport tal-merkanzija, il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi, il-kisba tal-miri klimatiċi u fuq il-kobor tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju. Bħala tali, jenħtieġ li titwettaq evalwazzjoni komprensiva fuq bażi regolari.**

## Emenda 60

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi miri nazzjonali obbligatori għall-varar ta' infrastruttura suffiċjenti ta' fjuwils alternattivi fl-Unjoni, għall-vetturi tat-triq, għall-bastimenti u għall-inġenji tal-ajru **stazzjonarji**. Dan jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi komuni u rekwiżiti dwar l-informazzjoni għall-utenti, il-provvista tad-data u rekwiżiti dwar il-pagament għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi.

## Emenda 61

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) "fjuwils alternattivi" tfisser fjuwils jew sorsi tal-enerġija li jservu, tal-inqas parzjalment, ta' sostitut għas-sorsi ta' żejt fossili fil-provvista tal-enerġija għat-

*Emenda*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi miri nazzjonali obbligatori għall-varar ta' infrastruttura suffiċjenti ta' fjuwils alternattivi fl-Unjoni, għall-vetturi tat-triq, għall-bastimenti u għall-inġenji tal-ajru. Dan jistabbilixxi speċifikazzjonijiet tekniċi komuni u rekwiżiti dwar l-informazzjoni għall-utenti, il-provvista tad-data u rekwiżiti dwar il-pagament għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi.

*Emenda*

(3) "fjuwils alternattivi" tfisser fjuwils jew sorsi tal-enerġija li jservu, tal-inqas parzjalment, ta' sostitut għas-sorsi ta' żejt fossili **u gass** fil-provvista tal-enerġija

trasport, u li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tiegħu u jsaħħu l-prestazzjoni ambjentali tas-settur tat-trasport, inklużi:

għat-trasport, u li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tiegħu u jsaħħu l-prestazzjoni ambjentali tas-settur tat-trasport, inklużi:

## Emenda 62

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) "fjuwils alternattivi għal vetturi b'emissjonijiet żero":

(a) "fjuwils alternattivi għal vetturi, ***bastimenti u inġenji tal-ajru*** b'emissjonijiet żero":

## Emenda 63

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – inċiż 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– l-idroġenu,

– l-idroġenu ***u fjuwils derivati mill-idroġenu,***

## Emenda 64

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – inċiż 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– ***l-ammonja,***

***imħassar***

## Emenda 65

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b – inċiż 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– fjuwils sintetiċi u paraffiniċi, inkluża l-ammonijaka, prodotti minn

– fjuwils sintetiċi u paraffiniċi, inkluża l-ammonijaka, prodotti minn

enerġija rinnovabbli,

enerġija rinnovabbli, *kif ukoll fjuwils rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika (RFNBOs);*

## Emenda 66

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) "fjuwils fossili alternattivi" għal fażi tranżitorja:

(c) "fjuwils fossili alternattivi" għal fażi tranżitorja *rapida*:

## Emenda 67

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 - paragrafu 1 - punt 3 - subparagrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Tali fjuwils fossili alternattivi għal fażi tranżitorja rapida għal vetturi b'emissjonijiet baxxi jistgħu jitħalltu ma' ishma progressivament ogħla ta' fjuwils rinnovabbli, inklużi s-sostituti tagħhom ta' oriġini bijoloġika, bħall-bijo-LNG, il-bijoCNG u l-bijoLPG.*

## Emenda 68

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(3 a) "infrastruttura ta' fjuwils alternattivi" tfisser kwalunkwe infrastruttura li tippermetti r-riforniment jew l-iċċarġjar ta' tipi differenti ta' vetturi jew modi ta' trasport bi fjuwils alternattivi li jistgħu jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għad-dekarbonizzazzjoni u*

*jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tas-settur tat-trasport;*

## **Emenda 69**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 4**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(4) **"ajruport tan-network ewlieni TEN-T u tan-network komprensiv TEN-T" tfisser** ajruport kif **elenkat u kkategorizzat fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013;**

*Emenda*

(4) **"ajruport" tfisser kwalunkwe** ajruport **ċivili** kif **definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2009/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;**

## **Emenda 70**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 14**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(14) "punt tal-irriċarġjar konness b'mod diġitali" tfisser punt tal-irriċarġjar li jista' jibgħat u jirċievi informazzjoni f'ħin reali, jikkomunika b'mod bidirezżjonali mal-grilja tal-elettriku u mal-vettura elettrika, u jiġi mmonitorjat u kkontrollat mill-bogħod, inkluż il-bidu u l-waqfien tas-sessjoni tal-irriċarġjar u l-kejl tal-flussi tal-elettriku;

*Emenda*

(14) "punt tal-irriċarġjar konness b'mod diġitali" tfisser punt tal-irriċarġjar li jista' jibgħat u jirċievi informazzjoni f'ħin reali, jikkomunika b'mod bidirezżjonali mal-grilja tal-elettriku u mal-vettura elettrika **u ma' sistema ta' ġestjoni tal-enerġija tal-bini, jekk applikabbli**, u jiġi mmonitorjat u kkontrollat mill-bogħod, inkluż il-bidu u l-waqfien tas-sessjoni tal-irriċarġjar u l-kejl tal-flussi tal-elettriku;

## **Emenda 71**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 29a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(29a) **"ċentru loġistiku" tfisser spazju**

*f'żona definita li fiha l-attivitajiet kollha relatati mat-trasport, il-loġistika u d-distribuzzjoni tal-merkanzija – kemm għal tranżitu nazzjonali kif ukoll internazzjonali, jitwettqu minn diversi operaturi fuq bażi kummerċjali; l-operaturi jistgħu jkunu sidien jew kerrejja ta' bini u faċilitajiet (imħażen, ċentri ta' distribuzzjoni, żoni ta' ħażna, uffiċċji, servizzi ta' trakkijiet, eċċ.);*

## **Emenda 72**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 33**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(33) "operatur ta' punt tal-irriċarġjar" tfisser l-entità responsabbli għall-ġestjoni u l-operazzjoni ta' punt tal-irriċarġjar, li jipprovdi servizz tal-irriċarġjar ***lill-utenti finali, inkluż f'isem fornitur ta' servizz ta' mobbiltà;***

*Emenda*

(33) "operatur ta' punt tal-irriċarġjar" tfisser l-entità responsabbli għall-ġestjoni u l-operazzjoni ta' punt tal-irriċarġjar, li jipprovdi servizz tal-irriċarġjar ***lill-fornituri ta' servizz ta' mobbiltà, li minnaħa tagħhom jipprovdu servizzi tal-irriċarġjar lil utent finali, jew lill-utenti finali;***

## **Emenda 73**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 35a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*(35a) "kard tal-ħlas" tfisser servizz ta' ħlas li jaħdem abbażi ta' kard fiżika jew diġitali ta' debitu jew ta' kreditu u jinkludi kards tal-ħlas inkorporati f'applikazzjoni tal-ismartphone;*

*Emenda*

## **Emenda 74**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 35b (ġdid)**



**(35b) "servizz ta' pagament" tfisser servizz ta' pagament kif iddefinit fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva (UE) 2015/2366;**

## Emenda 75

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 38

Test propost mill-Kummissjoni

(38) "infrastruttura tal-fjuwils alternattivi aċċessibbli għall-pubbliku" tfisser infrastruttura tal-fjuwils alternattivi li tinsab f'sit jew bini miftuħ għall-pubbliku ġenerali, irrispettivament minn jekk l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi tinstabx fi proprjetà pubblika jew privata, jekk japplikawx limitazzjonijiet jew kundizzjonijiet f'termini tal-aċċess għas-sit jew għall-bini u irrispettivament mill-kundizzjonijiet tal-użu applikabbli tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi;

Emenda

(38) "infrastruttura tal-fjuwils alternattivi aċċessibbli għall-pubbliku" tfisser infrastruttura tal-fjuwils alternattivi li tinsab f'sit jew bini miftuħ għall-pubbliku ġenerali **mill-inqas 8 sığhat kuljum u 6 ijiem fil-ġimgħa b'aġġornament ta' mill-inqas 98 %**, irrispettivament minn jekk l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi tinstabx fi proprjetà pubblika jew privata, jekk japplikawx limitazzjonijiet jew kundizzjonijiet f'termini tal-aċċess għas-sit jew għall-bini u irrispettivament mill-kundizzjonijiet tal-użu applikabbli tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi;

## Emenda 76

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 49

Test propost mill-Kummissjoni

(49) "punt ta' riforniment" tfisser faċilità ta' riforniment għall-provvista ta' kwalunkwe fjuwil alternattiv likwidu jew gassuż, permezz ta' installazzjoni fissa jew mobbli, li tkun kapaċi timla vettura **waħda** biss fl-istess ħin;

Emenda

(49) "punt ta' riforniment" tfisser faċilità ta' riforniment għall-provvista ta' kwalunkwe fjuwil alternattiv likwidu jew gassuż, permezz ta' installazzjoni fissa jew mobbli, li tkun kapaċi timla vettura, **bastiment jew inġenju tal-ajru wieħed** biss fl-istess ħin;

## Emenda 77

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 54a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(54a) "komunità tal-enerġija rinnovabbli" tfisser komunità kif definita fl-Artikolu 2(16) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;**

## Emenda 78

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 57

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(57) "vapur irmiġġat" tfisser vapur irmiġġat kif iddefinit fil-punt (n) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2015/757;**

**(57) "bastiment fl-irmiġġ" tfisser bastiment li jkun sorġut jew ankrat b'mod sikur f'port li jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' Stat Membru waqt li jkun qed jgħabbi, iħott jew jakkomoda persuni, inkluż il-ħin li fih ma jkunx involut fl-operazzjonijiet ta' merkanzija;**

## Emenda 79

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 58

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(58) "provvista tal-elettriku mix-xatt" tfisser il-forniment tal-enerġija elettrika mix-xatt permezz ta' interfaċċa standardizzata lill-vapuri li jbaħħru jew lill-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni rmiġġati;**

**(58) "provvista tal-elettriku mix-xatt" tfisser il-forniment ta' servizz li jikkonsisti minn elementi multipli inkluż il-forniment tal-enerġija elettrika mix-xatt permezz ta' interfaċċa standardizzata lill-vapuri li jbaħħru jew lill-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni rmiġġati permezz ta' installazzjoni fissa, li żżomm f'wiċċ l-ilma jew mobbli, inkluż b'batteriji mobbli;**

## Emenda 80

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 59

*Test propost mill-Kummissjoni*

(59) "irriċarġjar intelliġenti" tfisser operazzjoni tal-irriċarġjar li fiha l-intensità tal-elettriku fornuta lill-batterija tiġi aġġustata f'ħin reali, abbażi tal-informazzjoni li tasal permezz ta' komunikazzjoni *elettronika*;

*Emenda*

(59) "irriċarġjar intelliġenti" tfisser operazzjoni tal-irriċarġjar li fiha l-intensità tal-elettriku fornuta lill-batterija tiġi aġġustata f'ħin reali, abbażi tal-informazzjoni li tasal permezz ta' **protokoll ta'** komunikazzjoni **standardizzati**; **irriċarġjar intelliġenti jista' jiġi rrealizzat f'veloċitajiet normali ta' ċċarġjar kif ukoll waqt iċċarġjar veloċi permezz ta' rispons għal sinjali dinamiċi tal-prezz jew l-ottimizzazzjoni tal-fluss tal-enerġija**;

## Emenda 81

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 59a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(59a) "vettura elettrika solari" tfisser vettura bil-mutur mġhammra b'sistema ta' propulsjoni li fiha tal-inqas magna elettrika mhux periferika waħda bħala konvertitur tal-enerġija b'sistema ta' ħażna ta' enerġija elettrika rikarikabbli, li tista' tiġi rriċarġjata esternament; u mġhammra b'pannelli fotovoltajċi integrati fil-vettura (VIPV)**;

## Emenda 82

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – inċiż 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– l-istazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għall-vetturi ħfief jiġu varati b'mod proporzjonali mal-

– l-istazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għall-vetturi ħfief jiġu varati b'mod proporzjonali mal-

adozzjoni ta' vetturi elettriċi ħfief;

adozzjoni ta' vetturi elettriċi ħfief **inklużi l-karozzi tal-passiġġieri u l-vetturi kummerċjali ħfief;**

### **Emenda 83**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – inċiż 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- **tal-inqas stazzjon wieħed tal-irriċarġjar fil-gruppi ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar f'żoni urbani u tul in-network ewlieni TEN-T u n-network komprensiv TEN-T jiġi ddedikat għal vetturi kummerċjali ħfief b'karru, filwaqt li jitqiesu l-eżiġenzi speċjali tagħhom relatati mal-ammont ta' spazju tal-merkanzija użat minn tali vetturi;**

### **Emenda 84**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – inċiż 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- **għadd suffiċjenti ta' stazzjonijiet ta' riccarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għal vetturi ħfief huwa ppermess għal iċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali.**

### **Emenda 85**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – inċiż 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- **żoni b'densità għolja tal-popolazzjoni u b'livell għoli ta' adożzjoni reġjonali f'vetturi elettriċi ħfief jingħataw prijorità fl-iżvilupp tan-network u f'miri ogħla;**

## Emenda 86

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) għal kull vettura elettrika ħafifa bil-batterija rreġistrata fit-territorju tagħhom, jiġi pprovdut output totali tal-potenza ta' mill-inqas 1 kW permezz ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku; **u**

##### *Emenda*

(a) għal kull vettura elettrika ħafifa bil-batterija rreġistrata fit-territorju tagħhom, jiġi pprovdut output totali tal-potenza ta' mill-inqas 1 kW permezz ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku **jekk is-sehem tal-vetturi elettriċi ta' Stat Membru mill-flotta totali ta' vetturi prevista jkun aktar minn 10 %; u**

**għal kull vettura elettrika ħafifa bil-batterija rreġistrata fit-territorju tagħhom, jiġi pprovdut output totali tal-potenza ta' mill-inqas 1,5 kW permezz ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku jekk is-sehem tal-vetturi elettriċi ta' Stat Membru mill-flotta totali projettata ta' vetturi jkun aktar minn 7,5 % u inqas minn 10 %; u**

**għal kull vettura elettrika ħafifa bil-batterija rreġistrata fit-territorju tagħhom, jiġi pprovdut output totali tal-potenza ta' mill-inqas 2 kW permezz ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku jekk is-sehem tal-vetturi elettriċi ta' Stat Membru mill-flotta totali projettata ta' vetturi jkun aktar minn 5 % u inqas minn 7,5 %; u**

**għal kull vettura elettrika ħafifa bil-batterija rreġistrata fit-territorju tagħhom, jiġi pprovdut output totali tal-potenza ta' mill-inqas 2,5 kW permezz ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku jekk is-sehem tal-vetturi elettriċi ta' Stat Membru mill-flotta totali projettata ta' vetturi jkun aktar minn 2,5 % u inqas minn 5 %; u**

**għal kull vettura elettrika ħafifa bil-batterija rreġistrata fit-territorju tagħhom, jiġi pprovdut output totali tal-potenza ta'**

*mill-inqas 3 kW permezz ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku jekk is-sehem tal-vetturi elettriċi ta' Stat Membru mill-flotta totali projettata ta' vetturi għal kull sena jkun inqas minn 2,5 %;*

#### **Emenda 87**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) għal kull vettura ibrida rikarikabbli ħafifa rreġistrata fit-territorju tagħhom, jiġi pprovdut output totali tal-potenza ta' mill-inqas **0,66** kW permezz ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku.

*Emenda*

(b) għal kull vettura ibrida rikarikabbli ħafifa rreġistrata fit-territorju tagħhom, jiġi pprovdut output totali tal-potenza ta' mill-inqas **2** kW permezz ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku.

#### **Emenda 88**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) Mingħajr preġudizzju għall-punti (a) u (c) ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-varar ta' ammont minimu ta' infrastruttura tal-irriċarġjar fil-livell nazzjonali li jkun biżżejjed għal:*

*- 2 % tal-vetturi elettriċi fil-flotta totali ta' vetturi prevista sal-31 ta' Diċembru 2025;*

*- 5 % tal-vetturi elettriċi fil-flotta totali ta' vetturi prevista sal-31 ta' Diċembru 2027;*

*- 10 % tal-vetturi elettriċi fil-flotta totali ta' vetturi prevista sal-31 ta' Diċembru 2030.*

#### **Emenda 89**

##### **Proposta għal regolament**

##### **Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) tul in-network ewlieni TEN-T, jiġu varati gruppi ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ddedikati għall-vetturi ħfief u li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin f'kull direzzjoni tal-ivvjaġġar b'distanza massima ta' 60 km bejniethom:

*Emenda*

(a) tul in-network ewlieni **u komprehensiv** TEN-T, jiġu varati gruppi ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ddedikati għall-vetturi ħfief u li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin f'kull direzzjoni tal-ivvjaġġar b'distanza massima ta' 60 km bejniethom:

**Emenda 90**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt i**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(i) sal-31 ta' Diċembru 2025, kull grupp ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għandu joffri output tal-potenza ta' mill-inqas **300 kW** u jinkludi mill-inqas **stazzjon wieħed** tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas **150 kW**;

*Emenda*

(i) sal-31 ta' Diċembru 2025, kull grupp ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għandu joffri output tal-potenza ta' mill-inqas **600 kW** u jinkludi mill-inqas **żewġ stazzjonijiet** tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas **300 kW**;

**Emenda 91**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a – punt ii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(ii) sal-**1** ta' Diċembru **2035**, kull grupp ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għandu joffri output tal-potenza ta' mill-inqas **3500 kW** u jinkludi mill-inqas **żewġ** stazzjonijiet tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas **350 kW**;

*Emenda*

(ii) sal-**31** ta' Diċembru **2025**, kull grupp ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għandu joffri output tal-potenza ta' mill-inqas **1200 kW** u jinkludi mill-inqas **erba'** stazzjonijiet tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas **300 kW**;

**Emenda 92**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) ***tul in-network komprensiv TEN-T, jiġu varati gruppi*** ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ddedikati għall-vetturi ħfief ***u*** li jissodisfaw ir-rekwiżiti ***li ġejjin f'kull direzzjoni tal-ivvjaġġar b'distanza massima ta' 60 km bejniethom:***

(b) ***skont ir-raggruppamenti, il-gruppi*** ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ddedikati għall-vetturi ħfief li jissodisfaw ir-rekwiżiti ***ta' 2(a)(i) u (ii) huma varati:***

### **Emenda 93**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt i**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(i) ***sal-31 ta' Diċembru 2030, kull grupp ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għandu joffri output tal-potenza ta' mill-inqas 300 kW u jinkludi mill-inqas stazzjon wieħed tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas 150 kW;***

(i) ***f'raġġ ta' 5 km f'żoni urbani;***

### **Emenda 94**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt b – punt ii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(ii) ***sal-31 ta' Diċembru 2035, kull grupp ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għandu joffri output tal-potenza ta' mill-inqas 600 kW u jinkludi mill-inqas żewġ stazzjonijiet tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas 150 kW.***

(ii) ***f'i triq eżistenti f'raġġ ta' 60 km f'żoni skarsament popolati.***

### **Emenda 95**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)**



*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-Istati Membri jistgħu jgħoddu l-gruppi ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar tal-paragrafi 3a, 3c u 3e ta' dan l-Artikolu lejn il-mira tar-raggruppament.***

## **Emenda 96**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3 a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li bini kummerċjali b'faċilitajiet ta' parkeġġ pubbliku jikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti tal-[EPBD].***

## **Emenda 97**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 3b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3 b. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fi spazji ta' parkeġġ aċċessibbli għall-pubbliku, tipikament użati għal parkeġġ fit-tul, mill-inqas nofshom jippermettu ċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali sal-2030.***

## **Emenda 98**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3 – paragrafu 3c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***3 c. Meta grupp tal-irriċarġjar ikun qed jaqdi kemm vetturi ħfief kif ukoll vetturi tqal, il-grupp tal-irriċarġjar u l-istazzjonijiet tal-irriċarġjar fihom***

*għandhom jitqiesu bħala infrastruttura tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku kemm għall-vetturi tat-triq hfiief kif ukoll għal dawk tqal, dment li l-kapaċità installata totali u t-tip ta' ċarġers ikunu kif meħtieġ kemm għal vetturi hfiief kif ukoll għal dawk tqal.*

## Emenda 99

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) tul in-network ewlieni TEN-T, jiġu varati gruppi ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ddedikati għall-vetturi tqal u li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin f'kull direzzjoni tal-ivvjaġġar b'distanza massima ta' 60 km bejniethom:

##### *Emenda*

(a) tul in-network ewlieni TEN-T, jiġu varati gruppi ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ddedikati għall-vetturi tqal u li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin f'kull direzzjoni tal-ivvjaġġar b'distanza massima ta' 60 km bejniethom, *meta jitqiesu l-kundizzjonijiet lokali:*

## Emenda 100

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt i

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(i) sal-31 ta' **Diċembru 2035**, kull grupp ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għandu joffri output tal-potenza ta' mill-inqas **1 400 kW** u jinkludi mill-inqas **stazzjon wieħed** tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas 350 kW;

##### *Emenda*

(i) sal-1 ta' **Lulju 2025**, kull grupp ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għandu joffri output tal-potenza ta' mill-inqas **5000 kW** u jinkludi mill-inqas **erba' stazzjonijiet** tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas 350 **kW u mill-inqas erba' stazzjonijiet tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas 800 kW**;

## Emenda 101

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a – punt ii

*Test propost mill-Kummissjoni*

(ii) sal-1 ta' **Diċembru** 2030, kull grupp ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għandu joffri output tal-potenza ta' mill-inqas **3500** kW u jinkludi mill-inqas **żewġ** stazzjonijiet tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas **350** kW;

*Emenda*

(ii) sal-1 ta' **Lulju** 2030, kull grupp ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għandu joffri output tal-potenza ta' mill-inqas **6500** kW u jinkludi mill-inqas **erba'** stazzjonijiet tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas **1200** kW;

**Emenda 102**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) tul in-network komprensiv TEN-T, jiġu varati gruppi ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ddedikati għall-vetturi tqal u li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin f'kull direzzjoni tal-ivvjaġġar b'distanza massima ta' 100 km bejniethom:

*Emenda*

(b) tul in-network komprensiv TEN-T, jiġu varati gruppi ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ddedikati għall-vetturi tqal u li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin f'kull direzzjoni tal-ivvjaġġar b'distanza massima ta' 100 km bejniethom, **meta jitqiesu l-kundizzjonijiet lokali:**

**Emenda 103**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt i**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(i) sal-**31** ta' **Diċembru 2030**, kull grupp ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għandu joffri output tal-potenza ta' mill-inqas 1400 kW u jinkludi mill-inqas **stazzjon wieħed** tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas 350 kW;

*Emenda*

(i) sal-**1** ta' **Lulju 2027**, kull grupp ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għandu joffri output tal-potenza ta' mill-inqas 1400 kW u jinkludi mill-inqas **żewġ stazzjonijiet** tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas 350 kW;

**Emenda 104**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt ii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(ii) sal-1 ta' **Diċembru 2035**, kull grupp ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għandu joffri output tal-potenza ta' mill-inqas **3500 kW** u jinkludi mill-inqas żewġ stazzjonijiet tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas **350 kW**;

*Emenda*

(ii) sal-1 ta' **Lulju 2030**, kull grupp ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għandu joffri output tal-potenza ta' mill-inqas **3000 kW** u jinkludi mill-inqas żewġ stazzjonijiet tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas **800 kW**;

**Emenda 105**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b – punt iia (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ii a) sal-1 ta' Lulju 2035, kull grupp ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar għandu joffri output tal-potenza ta' mill-inqas 5000 kW u jinkludi mill-inqas żewġ stazzjonijiet tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas 1200 kW;**

**Emenda 106**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(c) sal-31 ta' Diċembru **2030**, f'kull żona ta' parkeġġ sikura u sigura **għandu jiġi installat** mill-inqas **stazzjon wieħed** tal-irriċarġjar **iddedikat** għall-vetturi tqal b'output tal-potenza ta' mill-inqas 100 kW;

(c) sal-31 ta' Diċembru **2025**, f'kull żona ta' parkeġġ sikura u sigura **għandhom jiġu installati** mill-inqas **żewġ stazzjonijiet** tal-irriċarġjar **iddedikati** għall-vetturi tqal b'output tal-potenza ta' mill-inqas 100 kW, **attivati għal iċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali**;

**Emenda 107**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

**(c a) sal-31 ta' Diċembru 2030, f'kull żona ta' parkeġġ sikura u sigura għandhom jiġu installati mill-inqas erba' stazzjonijiet tal-irriċarġjar iddedikati għall-vetturi tqal b'output tal-potenza ta' mill-inqas 100 kW, attivati għal iċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali;**

## Emenda 108

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(d) sal-31 ta' Diċembru 2025, f'kull nodu urban għandhom jiġu varati punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ddedikati għall-vetturi tqal li jipprovdu output tal-potenza aggregat ta' mill-inqas **600** kW, fornuti minn stazzjonijiet tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas **150** kW;

(d) sal-31 ta' Diċembru 2025, f'kull nodu urban għandhom jiġu varati punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ddedikati għall-vetturi tqal li jipprovdu output tal-potenza aggregat ta' mill-inqas **1200** kW, fornuti minn stazzjonijiet tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas **300** kW;

## Emenda 109

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(e) sal-**31** ta' **Diċembru** 2030, f'kull nodu urban għandhom jiġu varati punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ddedikati għall-vetturi tqal li jipprovdu output tal-potenza aggregat ta' mill-inqas **1200** kW, fornuti minn stazzjonijiet tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas 150 kW;

(e) sal-**1** ta' **Lulju** 2030, f'kull nodu urban għandhom jiġu varati punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ddedikati għall-vetturi tqal li jipprovdu output tal-potenza aggregat ta' mill-inqas **2400** kW, fornuti minn stazzjonijiet tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas 150 kW **u mill-inqas żewġ stazzjonijiet tal-irriċarġjar b'output tal-potenza individwali ta' mill-inqas 350 kW.**

## Emenda 110

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ea) sal-31 ta' Diċembru 2025, f'kull ċentru loġistiku, għandhom jiġu varati mill-inqas 20 % tal-istazzjonijiet tat-tagħbija, punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ddedikati għal vetturi tqal li jipprovdu output tal-potenza individwali ta' mill-inqas 350 kW, u mill-inqas 40 % tal-istazzjonijiet tat-tagħbija sal-31 ta' Diċembru 2030.**

## Emenda 111

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex jiġi emendat ir-Regolament dwar iż-żieda fl-output tal-potenza individwali msemmija f'dan l-Artikolu għal mill-inqas 800 kW, dment li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni jiġu supplimentati kif xieraq fl-Anness II.**

## Emenda 112

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-Istati Membri ġirien għandhom jiżguraw li d-distanzi massimi msemmija fil-punti (a) u (b) ma jinqabżux għat-taqsimiet transfruntiera tan-network ewlieni TEN-T u tan-network komprensiv

2. L-Istati Membri ġirien għandhom **jieħdu l-miżuri meħtieġa biex** jiżguraw li d-distanzi massimi msemmija fil-punti (a) u (b) ma jinqabżux għat-taqsimiet transfruntiera tan-network ewlieni TEN-T

TEN-T.

u tan-network komprehensiv TEN-T.

### Emenda 113

#### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a.** *Meta stazzjon tal-irriċarġjar għat-trasport heavy duty jkun qed jaqdi ż-żewġ direzzjonijiet tal-ivvjaġġar, f'toroq b'densità tat-traffiku baxxa, dan għandu jitqies li jissodisfa r-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu għaż-żewġ direzzjonijiet, dment li l-kapaċità installata totali u l-għadd ta' ċarġers ikunu kif meħtieġ għal direzzjoni waħda tal-ivvjaġġar.*

### Emenda 114

#### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 - parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar għandhom, fil-punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku mħaddma minnhom, jagħtu lill-utenti finali l-possibbiltà li jirriċarġjaw il-vettura elettrika tagħhom fuq bażi ad hoc bl-użu ta' strument ta' pagament li jintuża b'mod mifrux fl-Unjoni. Għal dan l-iskop:

2. L-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar għandhom, fil-punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku mħaddma minnhom **u varati mid-data msemmija fl-Artikolu 24**, jagħtu lill-utenti finali l-possibbiltà li jirriċarġjaw il-vettura elettrika tagħhom fuq bażi ad hoc bl-użu ta' strument ta' pagament li jintuża b'mod mifrux fl-Unjoni. Għal dan l-iskop **għandhom jaċċettaw ħlasijiet elettroniċi permezz ta' terminali u apparati użati għal servizzi ta' ħlas, tal-inqas permezz ta' karti ta' ħlas mingħajr preġudizzju għall-inklużjoni ta' għażliet ta' ħlas addizzjonali;**

### Emenda 115

#### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

- (a) l-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar għandhom, fl-istazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku b'output tal-potenza ta' inqas minn 50 kW, varati wara d-data msemmija fl-Artikolu 24, jaċċettaw pagamenti elettroniċi permezz ta' terminali u apparati użati għal servizzi ta' pagament, inkluż mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:**
- (i) tagħmir li jaqra l-kards tal-ħlas;**
- (ii) apparati b'funzjonalità mingħajr kuntatt li mill-inqas ikunu kapaċi jaqraw il-kards tal-ħlas;**
- (iii) apparati li jużaw konnessjoni tal-internet li biha, pereżempju, jista' jiġi ġġenerat kodiċi ta' Rispons Rapidu (kodiċi QR) li jintuża speċifikament għat-tranżazzjoni ta' pagament;**

## Emenda 116

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt (b)

- (b) l-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar għandhom, fl-istazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku b'output tal-potenza ta' 50 kW jew aktar, varati wara d-data msemmija fl-Artikolu 24, jaċċettaw pagamenti elettroniċi permezz ta' terminali u apparati użati għal servizzi ta' pagament, inkluż mill-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:**
- (i) tagħmir li jaqra l-kards tal-ħlas;**
- (ii) apparati b'funzjonalità mingħajr kuntatt li mill-inqas ikunu kapaċi jaqraw il-kards tal-ħlas.**



## Emenda 117

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Mill-1 ta' Jannar 2027 'il quddiem, l-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar għandhom jiżguraw li l-istazzjonijiet tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku kollha b'output tal-potenza ta' 50 kW jew aktar imħaddma minnhom jikkonformaw mar-rekwiżit fil-punt (b).*

*imħassar*

## Emenda 118

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Ir-rekwiżiti stabbiliti *fil-punti (a) u (b)* ma għandhomx japplikaw għal punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku li ma jirrikjedux pagament għas-servizz tal-irriċarġjar.

Ir-rekwiżiti stabbiliti *f'dan il-paragrafu* ma għandhomx japplikaw għal punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku li ma jirrikjedux pagament għas-servizz tal-irriċarġjar.

## Emenda 119

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4. Il-prezzijiet imposti mill-operaturi ta' punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandhom ikunu raġonevoli, jistgħu jitqabblu b'mod faċli u ċar, trasparenti u mhux diskriminatorji. L-operaturi ta' punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ma għandhomx jiddiskriminaw bejn il-prezzijiet li jimponu fuq l-utenti finali u l-prezzijiet li jimponu fuq il-fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà u lanqas bejn il-prezzijiet li jimponu fuq il-

4. *L-operaturi ta' punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandhom jiżguraw li kwalunkwe fornitur ta' servizzi ta' mobbiltà jkollu aċċess għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar imħaddma minnhom b'mod mhux diskriminatorju.* Il-prezzijiet imposti mill-operaturi ta' punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandhom ikunu raġonevoli, jistgħu jitqabblu b'mod faċli u ċar, trasparenti u mhux diskriminatorji *u jkunu bbażati biss*

fornituri differenti ta' servizzi ta' mobbiltà. Fejn rilevanti, il-livell tal-prezzijiet jista' jiġi ddifferenzjat biss b'mod proporzjonat, skont ġustifikazzjoni oġġettiva.

***fuq l-elettriku li tirċievi l-vettura filwaqt li tista' tkun applikabbli penali ta' mblukkar.*** L-operaturi ta' punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ma għandhomx jiddiskriminaw bejn il-prezzijiet li jimponu fuq l-utenti finali u l-prezzijiet li jimponu fuq il-fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà u lanqas bejn il-prezzijiet li jimponu fuq il-fornituri differenti ta' servizzi ta' mobbiltà. Fejn rilevanti, ***pereżempju meta l-punti tal-irriċarġjar huma mħaddma minn komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli,*** il-livell tal-prezzijiet jista' jiġi ddifferenzjat biss b'mod ***trasparenti u*** proporzjonat, skont ġustifikazzjoni oġġettiva. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprovdu qafas regolatorju adegwat li jinkoraġġixxi l-investimenti u l-kompetizzjoni ħielsa għall-fini tal-effiċjenza u l-varar tal-punti tal-irriċarġjar.***

## Emenda 120

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***4a. L-Istati Membri għandhom jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali biex jadottaw miżuri li jiżguraw li ma sseħħx żieda fil-prezz, ibbażata, fost l-oħrajn, fuq id-distanza għall-iċċarġjar li jmiss, il-livell tal-iċċarġjar tal-batterija, il-marka tal-vettura jew il-parteeċipazzjoni f'sistema ta' ħlas ibbażata fuq kuntratt. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għandhom jimmonitorjaw l-ipprezzar u l-prattiki tal-produtturi tal-vetturi u l-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar, iqisu miżuri xierqa biex jissalvagwardjaw il-kompetizzjoni u l-protezzjoni tal-konsumatur u għandhom ukoll jirrappurtaw perjodikament lill-Kummissjoni.***

## Emenda 121

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar għandhom juru b'mod ċar il-prezz ad hoc u l-komponenti kollha tiegħu fl-istazzjonijiet tal-irriċarġjar kollha aċċessibbli għall-pubbliku mħaddma minnhom sabiex dawn ikunu magħrufa għall-utenti finali qabel ma jibdwew sessjoni tal-irriċarġjar. ***Għandhom jintwerew b'mod ċar mill-inqas il-komponenti tal-prezz li ġejjin, jekk applikabbli fl-istazzjon tal-irriċarġjar:***

*Emenda*

5. L-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar għandhom juru b'mod ċar il-prezz ad hoc u l-komponenti kollha tiegħu fl-istazzjonijiet tal-irriċarġjar kollha aċċessibbli għall-pubbliku mħaddma minnhom sabiex dawn ikunu magħrufa għall-utenti finali qabel ma jibdwew sessjoni tal-irriċarġjar.

## Emenda 122

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5 – inċiż 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

– ***il-prezz għal kull sessjoni,***

***imħassar***

*Emenda*

## Emenda 123

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5 – inċiż 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

– ***il-prezz għal kull minuta,***

***imħassar***

*Emenda*

## Emenda 124

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 5a (ġdid)

**5a.** *Minbarra l-prezzijiet għall-iċċarġjar ad hoc, għandhom jintwerew ukoll prezzijiet għall-iċċarġjar mill-ġdid ibbażat fuq kuntratt għal kull kWh. Komponenti addizzjonali tal-prezz, li huma maħsuba biex imexxu l-imġiba tal-ipparkjar jew tal-iċċarġjar, għandhom jintwerew b'mod trasparenti u separat.*

**Emenda 125**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 5b (ġdid)**

**5b.** *Mid-data speċifikata fl-Artikolu 24, l-operaturi tal-istazzjonijiet tal-irriċarġjar li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament għandhom juru b'mod ċar li l-istazzjon jifforma parti min-network tal-infrastruttura alternattiva Ewropea, jiġifieri online. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta att delegat skont l-Artikolu 20 li jistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet ta' din il-wirja armonizzata permezz ta' sinjal u simbolu, inklużi mill-inqas l-emblema u s-sinjal tal-UE, kif ukoll l-isem tar-regolament preżenti u l-informazzjoni f'każ li l-punt tal-irriċarġjar ikun ibbenefika direttament jew indirettament minn finanzjament tal-Unjoni, kif ukoll minn informazzjoni rilevanti oħra f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1a</sup> u strumenti speċifiċi oħra ta' finanzjament tal-UE.*

---

*1aIr-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-*

*Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi*

## Emenda 126

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Il-prezzijiet imposti mill-fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà mill-utenti finali għandhom ikunu raġonevoli, trasparenti u mhux diskriminatorji. Il-fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà għandhom jagħmlu disponibbli għall-utenti finali, qabel il-bidut tas-sessjoni tal-irriċarġjar, l-informazzjoni applikabbli kollha dwar il-prezzijiet u dik speċifika għas-sessjoni tal-irriċarġjar maħsuba tagħhom, permezz ta' mezzi elettroniċi disponibbli mingħajr ħlas u b'appoġġ wiesa', li tidistingwi b'mod ċar il-komponenti tal-prezz impost mill-operatur tal-punt tal-irriċarġjar, il-kostijiet applikabbli tar-roaming elettroniku u tariffi jew ħlasijiet oħra applikati mill-fornitur tas-servizz tal-mobbiltà. It-tariffi għandhom ikunu raġonevoli, trasparenti u mhux diskriminatorji. Ma għandha tiġi applikata l-ebda tariffa addizzjonali għar-roaming elettroniku transfruntier.

## Emenda 127

### Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 7

*Emenda*

6. Il-prezzijiet imposti mill-fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà mill-utenti finali għandhom ikunu raġonevoli, trasparenti u mhux diskriminatorji. Il-fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà għandhom jagħmlu disponibbli għall-utenti finali, qabel il-bidut tas-sessjoni tal-irriċarġjar, l-informazzjoni applikabbli kollha dwar il-prezzijiet u dik speċifika għas-sessjoni tal-irriċarġjar maħsuba tagħhom, permezz ta' mezzi elettroniċi disponibbli mingħajr ħlas u b'appoġġ wiesa', li tidistingwi b'mod ċar il-komponenti tal-prezz impost mill-operatur tal-punt tal-irriċarġjar, il-kostijiet applikabbli tar-roaming elettroniku u tariffi jew ħlasijiet oħra applikati mill-fornitur tas-servizz tal-mobbiltà. It-tariffi għandhom ikunu raġonevoli, trasparenti u mhux diskriminatorji. Ma għandha tiġi applikata l-ebda tariffa addizzjonali, ***pereżempju għal servizzi ta' kalibrazzjoni, għat-telf ta' effiċjenza jew*** għar-roaming elettroniku transfruntier.

*Test propost mill-Kummissjoni*

7. Mid-data msemmija fl-Artikolu 24, l-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar għandhom jiżguraw li l-punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku kollha **mħaddma** minnhom ikunu punti tal-irriċarġjar konnessi b'mod diġitali.

*Emenda*

7. Mid-data msemmija fl-Artikolu 24, l-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar għandhom jiżguraw li l-punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku kollha **li jkunu għadhom kif inbnew jew li ġew rinnovati imħaddma** minnhom ikunu punti tal-irriċarġjar konnessi b'mod diġitali **il-post u l-istatus tagħhom ikunu viżibbli għall-pubbliku online u jinkludu l-funzjonalità tar-roaming elettroniku. Il-punti tal-irriċarġjar eżistenti kollha jridu jissodisfaw dan ir-rekwiżit sal-1 ta' Jannar 2025.**

**Emenda 128**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 8**

*Test propost mill-Kummissjoni*

8. Mid-data msemmija fl-Artikolu 24, l-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar għandhom jiżguraw li l-punti tal-irriċarġjar b'potenza **normali** aċċessibbli għall-pubbliku kollha mħaddma minnhom ikollhom il-kapaċità tal-irriċarġjar intelliġenti.

*Emenda*

8. Mid-data msemmija fl-Artikolu 24, l-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar għandhom jiżguraw li l-punti tal-irriċarġjar **li jkunu għadhom kif inbnew** b'potenza aċċessibbli għall-pubbliku kollha mħaddma minnhom ikollhom il-kapaċità tal-irriċarġjar intelliġenti. **Il-punti tal-irriċarġjar eżistenti kollha jridu jissodisfaw dan ir-rekwiżit sal-1 ta' Jannar 2025. B'mod komplementari għad-dispożizzjoni stabbilita fl-Artikolu 14(4), il-punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku normali għandu jkollhom il-kapaċità tal-irriċarġjar bidirezzjonali mid-data msemmija fl-Artikolu 24.**

**Emenda 129**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 5 – paragrafu 9**

*Test propost mill-Kummissjoni*

9. ***L-Istati*** Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jintwerew sinjali xierqa ***f'żoni ta' parkeġġ u mistrieħ fin-network*** tat-toroq TEN-T fejn hemm installata infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, biex ikun jista' jiġi identifikat faċilment il-post eżatt tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi.

### **Emenda 130**

#### **Proposta għal regolament Artikolu 5 – paragrafu 11a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

9. ***Mid-data msemmija fl-Artikolu 24, l-Istati*** Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jintwerew sinjali xierqa ***tul in-network*** tat-toroq TEN-T fejn hemm installata infrastruttura tal-fjuwils alternattivi, biex ikun jista' jiġi identifikat faċilment il-post eżatt tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi. ***Sinjali bħal dawn għandhom jiġu varati wkoll fil-punt fejn tiġi installata tali infrastruttura tal-fjuwils alternattivi.***

***11a. L-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar għandhom jagħmlu disponibbli l-informazzjoni li jirċievu mingħand l-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, il-fornituri tal-elettriku jew permezz tal-produzzjoni tal-elettriku tagħhom stess dwar is-sehem tal-elettriku rinnovabbli u l-kontenut tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-elettriku fornut fil-punti tal-iċċarġjar operati minnhom, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2019/944, Anness I.***

***Din l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-utenti finali b'mod diġitali inkluż permezz ta' kompjuters u applikazzjonijiet abbord jew fuq il-punt tal-irriċarġjar, u għall-partijiet ikkonċernati kollha f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament.***

### **Emenda 131**

*Emenda*

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 5 – paragrafu 11b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**11b.** *L-operaturi għandhom jiżguraw li l-punti tal-irriċarġjar operati minnhom ikunu f'kundizzjoni tajba ta' tħaddim tul l-isfruttament kummerċjali tagħhom, u li r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5 ikunu dejjem disponibbli għall-utenti finali u li d-data tkun disponibbli skont l-Artikolu 18 ta' dan ir-Regolament.*

**Emenda 132**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fit-territorju tagħhom, jiġi stabbilit għadd minimu ta' stazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku sal-31 ta' Diċembru **2030**.

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fit-territorju tagħhom, jiġi stabbilit għadd minimu ta' stazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku sal-31 ta' Diċembru **2027**.

**Emenda 133**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sal-31 ta' Diċembru **2030**, jiġu varati stazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku b'kapaċità minima ta' 2 t/jum u mgħammra b'distributur ta' mill-inqas 700 bar b'distanza massima ta' 150 km bejniethom tul in-network ewlieni TEN-T u n-network komprensiv TEN-T. L-idroġenu likwidu għandu jkun disponibbli fi stazzjonijiet tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku

Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li sal-31 ta' Diċembru **2027**, jiġu varati stazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku b'kapaċità minima ta' 2 t/jum u mgħammra b'distributur ta' mill-inqas 700 bar b'distanza massima ta' 150 km bejniethom tul in-network ewlieni TEN-T u n-network komprensiv TEN-T. L-idroġenu likwidu għandu jkun disponibbli fi stazzjonijiet tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku



b'distanza massima ta' **450** km bejniethom.

b'distanza massima ta' **350** km bejniethom.

## Emenda 134

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

**Huma** għandhom jiżguraw li sal-31 ta' Diċembru **2030**, jiġi varat mill-inqas stazzjon wieħed ta' riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku f'kull nodu urban. Għandha titwettaq analiżi tal-aħjar post għal tali stazzjonijiet tar-riforniment li għandha b'mod partikolari tikkunsidra l-varar ta' tali stazzjonijiet f'ċentri multimodali fejn jistgħu jiġu fornuti wkoll modi oħra ta' trasport.

##### *Emenda*

**L-Istati Membri** għandhom jiżguraw li sal-31 ta' Diċembru **2027**, jiġi varat mill-inqas stazzjon wieħed ta' riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku f'kull nodu urban. Għandha titwettaq analiżi tal-aħjar post għal tali stazzjonijiet tar-riforniment li għandha b'mod partikolari tikkunsidra l-varar ta' tali stazzjonijiet f'ċentri multimodali fejn jistgħu jiġu fornuti wkoll modi oħra ta' trasport.

## Emenda 135

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 6 – paragrafu 2

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-Istati Membri ġirien għandhom jiżguraw li d-distanza massima msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ma tinqabiżx għat-taqsimiet transfruntiera tan-network ewlieni TEN-T u ***tan-network kompressiv TEN-T***.

##### *Emenda*

2. L-Istati Membri ġirien għandhom ***jieħdu l-miżuri meħtieġa biex*** jiżguraw li d-distanza massima msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ma tinqabiżx għat-taqsimiet transfruntiera tan-network ewlieni TEN-T. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, speċjalment kandidati għas-sħubija fl-UE u dawk il-pajjiżi terzi, li fihom jinsabu l-kurituri ta' tranżitu, li jgħaqqdu lill-Istati Membri.***

## Emenda 136

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 6 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-operatur ta' stazzjon ta' riforniment aċċessibbli għall-pubbliku jew, fejn l-operatur ma jkunx is-sid, is-sid ta' dak l-istazzjon f'konformità mal-arranġamenti bejniethom, għandu jiżgura li l-istazzjon **ikun iddisinjat biex** iforni vetturi ħfief u tqal. Fit-terminali tal-merkanzija, l-operatori jew is-sidien ta' dawn l-istazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku għandhom jiżguraw li dawn l-istazzjonijiet iservu wkoll l-idroġenu likwidu.

**Emenda 137**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 7 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Il-prezzijiet imposti mill-operatori ta' punti tar-riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku għandhom ikunu raġonevoli, jistgħu jitqabblu b'mod faċli u ċar, trasparenti u mhux diskriminatorji. L-operatori ta' punti tar-riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku ma għandhomx jiddiskriminaw bejn il-prezzijiet imposti fuq l-utenti finali u dawk imposti fuq il-fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà u lanqas bejn il-prezzijiet imposti fuq fornituri differenti ta' servizzi ta' mobbiltà. Fejn rilevanti, il-livell tal-prezzijiet jista' jiġi ddifferenzjat **biss** skont ġustifikazzjoni oġġettiva.

**Emenda 138**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

*Emenda*

3. L-operatur ta' stazzjon ta' riforniment aċċessibbli għall-pubbliku jew, fejn l-operatur ma jkunx is-sid, is-sid ta' dak l-istazzjon f'konformità mal-arranġamenti bejniethom, għandu jiżgura li l-istazzjon **jista' wkoll** iforni vetturi ħfief u tqal. Fit-terminali tal-merkanzija, l-operatori jew is-sidien ta' dawn l-istazzjonijiet tar-riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku għandhom jiżguraw li dawn l-istazzjonijiet iservu wkoll l-idroġenu likwidu.

*Emenda*

2. Il-prezzijiet imposti mill-operatori ta' punti tar-riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku għandhom ikunu raġonevoli, jistgħu jitqabblu b'mod faċli u ċar, trasparenti u mhux diskriminatorji. L-operatori ta' punti tar-riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku ma għandhomx jiddiskriminaw bejn il-prezzijiet imposti fuq l-utenti finali u dawk imposti fuq il-fornituri ta' servizzi ta' mobbiltà u lanqas bejn il-prezzijiet imposti fuq fornituri differenti ta' servizzi ta' mobbiltà. Fejn rilevanti, il-livell tal-prezzijiet jista' jiġi ddifferenzjat **b'mod trasparenti u proporzjonat**, skont ġustifikazzjoni oġġettiva.

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta provvista minima tal-elettriku mix-xatt għall-vapuri tal-kontejners u tal-passiġġieri li jbaħħru fil-portijiet marittimi. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li *sal-1 ta' Jannar 2030*:

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tiġi pprovduta provvista minima tal-elettriku mix-xatt għall-vapuri tal-kontejners u tal-passiġġieri li jbaħħru fil-portijiet marittimi. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li *l-korpi ta' tmexxija tal-portijiet jipprovdu li*:

**Emenda 139**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) *Il-portijiet* marittimi *tan-network ewlieni TEN-T u tan-network komprensiv TEN-T li l-għadd annwali medju tagħhom ta' waqfiet fil-port matul l-aħħar tliet snin ta' vapuri tal-kontejners li jbaħħru ta' aktar minn 5000 tunnellata grossa, fit-tliet snin preċedenti, ikun ogħla minn 50 ikollhom output tal-potenza mix-xatt suffiċjenti biex jissodisfa mill-inqas 90 % ta' dik id-domanda;*

*Emenda*

(a) *sal-1 ta' Jannar 2025, il-portijiet* marittimi *kollha jkollhom output tal-potenza mix-xatt suffiċjenti biex jissodisfaw id-domanda minn vapuri tal-passiġġieri u* vapuri tal-kontejners li jbaħħru *'l fuq minn 400 tunnellata gross;*

**Emenda 140**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) *Il-portijiet* marittimi *tan-network ewlieni TEN-T u tan-network komprensiv TEN-T li l-għadd annwali medju tagħhom ta' waqfiet fil-port matul l-aħħar tliet snin ta' vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri ta' aktar minn 5000 tunnellata grossa, fit-tliet snin preċedenti, ikun ogħla minn 40 ikollhom output tal-potenza mix-xatt suffiċjenti*

*Emenda*

(b) *sal-1 ta' Jannar 2030, il-portijiet* marittimi *kollha jkollhom output tal-potenza mix-xatt suffiċjenti biex jissodisfa id-domanda mit-tipi kollha ta' vapuri li jifdal 'il fuq minn 400 tunnellata gross;*

*biex jissodisfa mill-inqas 90 % ta' dik id-domanda;*

#### **Emenda 141**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) *Il-portijiet marittimi tan-network ewlieni TEN-T u tan-network komprensiv TEN-T li l-għadd annwali medju tagħhom ta' waqfiet fil-port matul l-aħħar tliet snin ta' vapuri tal-passiġġieri għajr vapuri ro-ro tal-passiġġieri u inġenji ta' veloċità għolja għall-passiġġieri ta' aktar minn 5000 tunnellata grossa, fit-tliet snin preċedenti, ikun ogħla minn 25 ikollhom output tal-potenza mix-xatt suffiċjenti biex jissodisfa mill-inqas 90 % ta' dik id-domanda.*

*Emenda*

(c) *Ir-rekwiżiti tal-output tal-enerġija jistgħu jiġu ssodisfati permezz ta' kapaċitajiet adegwati pprovduti minn firxa ta' teknoloġiji tal-enerġija man-naħa tax-xatt, bħal enerġija fuq l-art b'mod sostenibbli, batteriji skambjabbli jew barkuni tal-enerġija;*

#### **Emenda 142**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c a) *L-Istati Membri jistgħu jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet tal-port biex jimplementaw il-punti (a) sa (c) mhux f'kull terminal, skont id-domanda.*

*Emenda*

#### **Emenda 143**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 9 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Għad-determinazzjoni *tal-għadd ta' waqfiet fil-port*, ma għandhomx jitqiesu l-waqfiet fil-port li ġejjin:

*Emenda*

2. Għad-determinazzjoni *tad-domanda*, ma għandhomx jitqiesu l-waqfiet fil-port li ġejjin:

## Emenda 144

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ca) diversi waqfiet fil-port qosra għat-tagħbija u l-ħatt f'terminals differenti fl-istess port li ma jmorrux oltre l-perjodu ta' żmien speċifikat fil-punt (a)*

## Emenda 145

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. Meta l-port marittimu *tan-network ewlieni TEN-T u n-network komprensiv TEN-T* ikun jinsab fi gżira *li ma tkunx konnessa b'mod dirett mal-grilja tal-elettriku, il-paragrafu 1* ma għandux *japplika, sakemm titlesta tali konnessjoni jew sakemm ikun hemm* kapaċità *suffiċjenti* ġġenerata fuq livell *lokali* minn sorsi ta' enerġija *nadifa*.

3. Meta l-port marittimu *jkun* jinsab fi gżira *jew f'reġjun ultraperiferiku, l-Istati Membri għandhom jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet reġjonali biex jipplanaw kif għandhom jużaw kapaċità suffiċjenti tal-grilja u kapaċità addizzjonali* ġġenerata fuq livell *lokali* minn sorsi ta' enerġija *rinnovabbli* *biex tiġi ssodisfata id-domanda, inkluż permezz ta' sistemi ta' enerġija integrati, ħażna u rispons għad-domanda. Permezz ta' deroga, id-domanda għall-elettriku mix-xatt tista' tiġi ssodisfata mill-grilja tal-elettriku jekk il-kostijiet ikunu sproporzjonati għall-benefiċċji, inklużi l-benefiċċji ambjentali.*

## Emenda 146

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*3a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi ta' tmexxija tal-portijiet jipprovdu fil-portijiet marittimi kollha*

*għadd adegwat ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar proporzjonati mad-domanda għal bastimenti li jaħdmu bil-batteriji. Mill-inqas punt wieħed tal-irriċarġjar b'output tal-potenza adegwat għandu jiġi installat fil-portijiet marittimi kollha sal-1 ta' Jannar 2025.*

## Emenda 147

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 3b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3b.** *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi ta' tmexxija tal-portijiet ikunu jistgħu jibbenefikaw minn finanzjament tal-UE u dak nazzjonali biex jintroduċu l-infrastruttura meħtieġa. Il-korpi ta' tmexxija tal-portijiet għandhom ikunu eliġibbli wkoll biex japplikaw mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali għal derogi mid-Direttiva 2019/944, biex jippermettu l-irkupru tal-ispejjeż tal-investment relatati maż-żieda meħtieġa ta' kapaċità u konnessjonijiet suffiċjenti tal-grilja, ir-riżerva tal-enerġija u l-konverżjoni tal-frekwenza għall-portijiet permezz tat-tariffa tal-elettriku.*

## Emenda 148

### Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt (b)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) mill-inqas *installazzjoni waħda li tipprovdi provvista tal-elettriku mix-xatt lill-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni tiġi varata* fil-portijiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni *kollha tan-network komprensiv TEN-T* sal-1 ta' Jannar 2030.

(b) mill-inqas *punt wieħed tal-irriċarġjar b'output tal-potenza adegwat għal bastimenti li jaħdmu bil-batteriji għandu jiġi varat* fil-portijiet tal-passaġġi *ewlenin* fuq l-ilma interni *tat-TEN-T* sal-1 ta' Jannar 2025; *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-portijiet ikun ipprovdut għadd adegwat ta' stazzjonijiet*

*tal-irriċarġjar proporzjonati mad-  
domanda għal bastimenti li jaħdmu bil-  
batteriji.*

#### **Emenda 149**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) kapaċità u konnessjoni tal-grilja,  
riżerva tal-enerġija u konverżjoni tal-  
frekwenza għall-portijiet hija biżżejjed. en  
Emenda*

#### **Emenda 150**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Miri għall-provvista tal-LNG fil-portijiet  
marittimi

Miri għall-provvista tal-LNG, *tal-idroġenu  
u tal-ammonijaka* fil-portijiet marittimi

#### **Emenda 151**

##### **Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. ***L-Istati*** Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm għadd xieraq ta' punti tar-riforniment għal-LNG fil-portijiet marittimi tan-network ewlieni TEN-T imsemmija fil-paragrafu 2, ***sabiex il-vapuri li jbaħħru jkun jistgħu jiċċirkolaw tul in-network ewlieni TEN-T*** sal-1 ta' Jannar 2025. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Istati Membri ġirien, fejn meħtieġ, biex jiżguraw kopertura adegwata tan-network ewlieni TEN-T.

1. ***Skont il-leġiżlazzjoni attwali, l-Istati*** Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm għadd xieraq ta' punti tar-riforniment għal-LNG fil-portijiet marittimi tan-network ewlieni TEN-T imsemmija fil-paragrafu 2 ***meta jkun hemm domanda biss, sakemm l-ispejjeż ma jkunux sproporzjonati għall-benefiċċji, inklużi l-benefiċċji ambjentali*** sal-1 ta' Jannar 2025. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Istati Membri ġirien, fejn meħtieġ, biex jiżguraw

kopertura adegwata tan-network ewlieni  
TEN-T.

## Emenda 152

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***1 a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm għadd xieraq ta' punti tar-riforniment għall-idroġenu u l-ammonijaka fil-portijiet marittimi msemmija fil-paragrafu 2, sabiex il-vapuri li jbaħħru jkunu jistgħu jiċċirkolaw madwar l-Unjoni sal-1 ta' Jannar 2030. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Istati Membri ġirien, fejn meħtieġ, biex jiżguraw kopertura adegwata. en Emenda***

## Emenda 153

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jindikaw, fl-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom, il-portijiet marittimi tan-network ewlieni TEN-T li għandhom jipprovdu aċċess għall-punti tar-riforniment għal-LNG imsemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li jikkunsidraw ukoll il-ħtiġijiet u l-iżviluppi attwali *tas-suq*.

2. L-Istati Membri għandhom jindikaw, fl-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom, il-portijiet marittimi tan-network ewlieni TEN-T li għandhom jipprovdu aċċess għall-punti tar-riforniment għal-LNG imsemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li jikkunsidraw ukoll il-ħtiġijiet u l-iżviluppi attwali ***ta' riforniment***.

## Emenda 154

### Proposta għal regolament Artikolu 11 – paragrafu 2a (ġdid)



*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a.** *L-Istati Membri għandhom jindikaw, fl-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom, il-portijiet marittimi li għandhom jipprovdu aċċess għall-punti tar-riforniment għall-idroġenu u l-ammonja msemmija fil-paragrafu 1, filwaqt li jikkunsidraw ukoll il-ħtiġijiet u l-iżviluppi attwali tar-riforniment.*

## **Emenda 155**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi ta' tmexxija tal-ajruport tal-ajruporti kollha ***tan-network ewlieni u komprensiv TEN-T*** jiżguraw il-forniment tal-provvista tal-elettriku lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji sa:

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi ta' tmexxija tal-ajruport tal-ajruporti kollha jiżguraw il-forniment tal-provvista tal-elettriku lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji sa:

## **Emenda 156**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a.** *Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal pożizzjonijiet ta' parkeġġ għal żmien qasir bħal pożizzjonijiet ta' tneħħija tas-silġ, pożizzjonijiet ta' parkeġġ f'żoni militari.*

## **Emenda 157**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. *Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.*

*Emenda*

2. **By** 1 January 2030 at the latest, Member States shall take the necessary measures to ensure that the electricity supplied pursuant to paragraph 1 comes from the electricity grid or is generated on site as renewable energy.

## **Emenda 158**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Mid-data msemmija tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi ta' ġestjoni tal-ajruporti li jieħdu ħsieb l-ajruporti kollha jipprovdu l-għadd adegwat ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar tal-elettriku u/jew fjuwils alternattivi sostenibbli għas-servizzi ta' groundhandling, kif ukoll il-punti tal-irriċarġjar tal-elettriku għal parkeġġ fit-tul kif meħtieġ skont l-Artikolu 3, b'kapaċitajiet ta' ċċarġjar intelliġenti u bidirezzjonali, u li l-korpi ta' ġestjoni tal-ajruporti li jieħdu ħsieb l-ajruporti kollha jipprovdu awtorizzazzjoni biex jinstallaw stazzjonijiet tal-irriċarġjar tal-elettriku addizzjonali għal fornitturi oħra ta' servizzi bħal minn servizzi ta' loġistika u kunsinna, kif ukoll kumpaniji tal-kiri ta' vetturi, inkluż b'veloċitajiet ta' ċċarġjar veloċi u superveloċi.**

Emenda 159

### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2b. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2030, l-Istati Membri**

*għandhom jiżguraw li l-korpi ta' tmexxija tal-ajruport tal-ajruporti kollha jiżguraw il-forniment tal-provvista addizzjonali tal-elettriku rinnovabbli lill-vetturi kollha bbażati fuq l-art li joperaw fl-ajruporti u/jew fjuwils alternattivi sostenibbli.*

## **Emenda 160**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2c. Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2030, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi ta' tmexxija tal-ajruport tal-ajruporti kollha jipprovdu l-għadd adegwat ta' stazzjonijiet tal-irriċarġjar tal-elettriku u stazzjonijiet ta' riforniment għal servizzi bi qbil mal-paragrafu 2b ta' dan l-Artikolu.*

## **Emenda 161**

### **Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 2d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*2d. Meta l-ajruport ikun jinsab fuq gżira jew f'reġjun ultraperiferiku, fejn ma jkun hemm l-ebda potenzjal għal kapaċità suffiċjenti ġġenerata lokalment minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli flimkien ma' inter alia servizzi ta' ħżin u ta' rispons tad-domanda, u li ma tkunx konnessa mal-grilja tal-elettriku, il-paragrafu 1 ma għandux japplika sakemm ma tkunx tlestiet konnessjoni tal-elettriku, sakemm l-ispejjeż ma jkunux sproporzjonati għall-benefiċċji, inklużi l-benefiċċji ambjentali, f'liema każ l-obbligu ma għandux japplika.*

## Emenda 162

### Proposta għal regolament Artikolu 12a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### *Artikolu 12a*

#### *Miri għall-infrastruttura għal-linji ferrovjari*

- 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-forniment ta' infrastruttura suffiċjenti li tippermetti li l-linji ferrovjarji madwar l-Unjoni jsiru elettrifikati bi sħiħ skont l-oġettivi tar-[Regolament TEN T (Artikolu 5)].*
- 2. Fejn l-eletrifikazzjoni tal-linji ferrovjarji ma tkunx possibbli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-forniment ta' infrastruttura suffiċjenti li tippermetti li jintużaw sistemi ta' propulsjoni alternattivi bħall-idroġenu fuq linji mhux elettrifikati.*
- 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" jitqies b'mod sħiħ meta jittieħdu d-deċiżjonijiet dwar l-infrastruttura meħtieġa li għandha tiġi installata sabiex ikun hemm konformità mal-paragrafu 2.*
- 4. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal networks iżolati:*

## Emenda 163

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Sal-1 ta' Jannar 2024, kull Stat Membru għandu jħejji u jibgħat lill-Kummissjoni abbozz ta' qafas ta' politika nazzjonali għall-iżvilupp tas-suq fir-rigward tal-fjuwils alternattivi fis-settur tat-

1. Sal-1 ta' Jannar 2024, kull Stat Membru, ***fimkien mal-awtoritajiet reġjonali, nazzjonali u lokali***, għandu jħejji u jibgħat lill-Kummissjoni abbozz ta' qafas ta' politika nazzjonali għall-iżvilupp

trasport u l-varar tal-infrastruttura rilevanti.

tas-suq fir-rigward tal-fjuwils alternattivi fis-settur tat-trasport u l-varar tal-infrastruttura rilevanti, ***bil-ħsieb li tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika fost dawk it-teknoloġiji meħtieġa biex tinkiseb in-newtralità klimatika. Il-qafas ta' politika nazzjonali għandu jkun ibbażat fuq ishma dettaljati tas-suq u tat-traffiku, speċjalment għat-traffiku ta' tranżitu, il-monitoraġġ tad-data u jinkludi projezzjonijiet dettaljati tas-suq.***

## Emenda 164

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) valutazzjoni tal-istat attwali u l-iżvilupp futur tas-suq fir-rigward tal-fjuwils alternattivi ***fis-settur tat-trasport***, u ***tal-iżvilupp ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi***, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-aċċess intermodali tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi u, fejn rilevanti, il-kontinwità transfruntiera;

##### *Emenda*

(a) valutazzjoni tal-istat attwali u l-iżvilupp futur tas-suq fir-rigward ***tal-infrastruttura*** tal-fjuwils alternattivi, ***speċjalment għall-Vetturi Tqal, is-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu kif ukoll studju ta' fattibbiltà dwar il-varar tal-infrastruttura rilevanti***, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-aċċess intermodali tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi u, fejn rilevanti, il-kontinwità ***u l-mobilità*** transfruntiera ***u l-aċċessibbiltà fir-reġjuni ultraperiferiċi, inkluż lejn il-kontinent***;

## Emenda 165

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt aa (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

(aa) ***l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-kosteffiċjenza, u "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" f'konformità mal-Artikolu 3(1)(b) tad-Direttiva 2012/27/UE fid-deċiżjonijiet rilevanti kollha ta' politika, ippjanar u investiment; b'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom***

*iqisu l-effiċjenzi li jistgħu jinkisbu permezz, fost l-oħrajn, tal-bdil tal-fjuwil, inklużi kunsiderazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika mill-estrazzjoni sal-użu ta' teknoloġiji differenti, il-bidla modali, iż-żieda fl-użu tat-trasport pubbliku, it-tkabbir tal-mobbiltà kondiviża, it-tqegħid ottimizzati tal-infrastruttura tal-iċċarġjar u tar-riforniment, u l-utilizzazzjoni ottimizzata ta' tali infrastruttura.*

## Emenda 166

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) miri u objettivi nazzjonali skont l-Artikoli 3, 4, 6, 8, 9, 10, 11 u 12 li għalihom huma stabbiliti miri nazzjonali obbligatorji f'dan ir-Regolament;

*Emenda*

(b) miri u objettivi nazzjonali skont l-Artikoli 3, 4, **5**, 6, 8, 9, 10, 11, **12** u **12a** li għalihom huma stabbiliti miri nazzjonali obbligatorji f'dan ir-Regolament;

## Emenda 167

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) il-politiki u l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri u l-objettivi obbligatorji msemmija fil-punti (b) u (c) ta' dan il-paragrafu;

*Emenda*

(d) il-politiki u l-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri u l-objettivi obbligatorji msemmija fil-punti (b) u (c) ta' dan il-paragrafu, **akkumpanjati minn valutazzjoni tal-investimenti meħtieġa**;

## Emenda 168

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ga (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ga) miri nazzjonali u miżuri biex jippromwovu l-infrastruttura tal-fjuwils**

*alternattivi: f'żoni urbani għall-mobbiltà ta' vetturi ħfief, li għalihom il-miri obbligatorji huma stabbiliti fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, u kemm għal mobbiltà ta' vetturi ħfief kif ukoll tqal li għalihom mhija stabbilita l-ebda mira obbligatorja f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta' punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku bħal dawk installati f'żoni ta' parkeġġ u kummerċjali;*

## Emenda 169

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt h

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(h) miżuri li jippromwovu għadd suffiċjenti ta' punti tal-irriċarġjar b'potenza għolja aċċessibbli għall-pubbliku;

##### *Emenda*

(h) miżuri li jippromwovu għadd suffiċjenti ta' punti tal-irriċarġjar b'potenza għolja aċċessibbli għall-pubbliku **kemm għal mobbiltà ta' vetturi ħfief kif ukoll tqal, filwaqt li tiġi żgurata kopertura adegwata f'żoni popolati ħafna;**

## Emenda 170

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt i

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(i) il-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-varar u l-operazzjoni tal-punti tal-irriċarġjar, inkluża d-distribuzzjoni ġeografika tal-punti tal-iċċarġjar bidirezzjonali, jikkontribwixxu għall-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija u għall-penetrazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fis-sistema elettrika;

##### *Emenda*

(i) il-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat li l-varar u l-operazzjoni tal-punti tal-irriċarġjar, inkluża d-distribuzzjoni ġeografika tal-punti tal-iċċarġjar **intelliġenti u bidirezzjonali, li jippermettu li l-vetturi elettriċi** jikkontribwixxu għall-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija u għall-penetrazzjoni tal-elettriku rinnovabbli fis-sistema elettrika, **filwaqt li jitqiesu t-tipi kollha ta' punti tal-irriċarġjar, kemm jekk pubbliċi kif ukoll jekk privati, abbażi tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 14(3);**

## Emenda 171

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ia (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ia) valutazzjoni tal-istat attwali u l-iżvilupp futur tal-kapaċità tal-grilja, u miżuri biex tittejjeb ir-reżiljenza tal-grilja, inkluż pjan finanzjarju;*

## Emenda 172

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ja (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ja) miżuri biex jiġi żgurat li l-espansjoni tal-punti tal-irriċarġjar u tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku, kif ukoll għażliet tat-trasport li jaħdmu bil-fjuwils alternattivi, b'mod partikolari t-trasport pubbliku, ikunu bi prezz raġonevoli u aċċessibbli għall-utenti kollha;*

## Emenda 173

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt k

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(k) miżuri biex jitneħħew l-ostakli possibbli fir-rigward tal-ippjanar, tal-permessi u tal-akkwist ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi;

(k) miżuri biex jitneħħew l-ostakli possibbli fir-rigward tal-ippjanar, tal-permessi u tal-akkwist ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi **u biex tiġi limitata l-latenza bejn l-applikazzjoni inizjali u l-varar attwali għal mhux aktar minn 6 xhur, b'rispett dovut għall-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-proċeduri tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali; meta possibbli, il-proċedura tat-talba għandha tkun**



*kompletament diġitalizzata;*

**Emenda 174**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt ka (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ka) miżuri biex jiġi żgurat li l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi aċċessibbli għall-pubbliku disponibbli fil-livell nazzjonali tqis id-densità tal-popolazzjoni u l-għadd ta' reġistrazzjonijiet ta' vetturi li jaħdmu bi fjuwils alternattivi, kif definiti fl-Artikolu 2 fiż-żona lokali bbażata fuq il-livell NUTS 3 f'konformità mal-aħħar klassifikazzjoni NUTS;*

**Emenda 175**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt kb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(kb) miżuri biex jiġi żgurat li l-intrapriżi iżgħar u ta' daqs medju (SMEs) jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-iżvilupp ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fir-rwol triplu ta' tagħhom bħala produtturi, operaturi u utenti;*

**Emenda 176**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt kc (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(kc) miżuri ta' appoġġ għall-komunitajiet ta' enerġija rinnovabbli fil-varar ta' punti tal-irriċarġjar, speċjalment f'żoni skarsament popolati;*

## Emenda 177

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt l

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(l) pjan ta' varar għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi f'ajruporti għajr għall-provvista tal-elettriku lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji, b'mod partikolari għall-idroġenu u l-irriċarġjar elettriku għall-inġenji tal-ajru;

##### *Emenda*

(l) pjan ta' varar għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi f'ajruporti għajr għall-provvista tal-elettriku lill-inġenji tal-ajru stazzjonarji, b'mod partikolari għall-idroġenu u **fjuwils rinnovabbli sostenibbli oħra, u** l-irriċarġjar elettriku għall-inġenji tal-ajru;

## Emenda 178

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt n

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(n) pjan ta' varar għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fil-portijiet marittimi għajr għall-provvista tal-LNG u tal-elettriku mix-xatt għall-użu mill-bastimenti li jbaħħru, b'mod partikolari għall-idroġenu, **għall-ammonja** u għall-elettriku;

##### *Emenda*

(n) pjan ta' varar għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fil-portijiet marittimi għajr għall-provvista tal-LNG u tal-elettriku mix-xatt għall-użu mill-bastimenti li jbaħħru, b'mod partikolari għall-idroġenu, **għall-fjuwils derivati mill-idroġenu** u għall-elettriku;

## Emenda 179

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt pa (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

**(pa) l-immappjar ta' postijiet xierqa għall-iżvilupp tal-kapaċità tas-sit b'kapaċità suffiċjenti tal-grilja u b'mudell tad-domanda futura għall-iċċarġjar; din l-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku.**

## Emenda 180

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt pb (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(pb) miżuri biex jiżguraw li l-konnessjoni mal-grilja u l-kapaċità tal-enerġija jqisu l-għadd ta' gruppi ta' ċċarġjar li jista' jkun mistenni fil-futur wara l-penetrazzjoni tal-flotta dejjem akbar ta' vetturi elettriċi.**

## Emenda 181

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt pc (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(pc) miżuri u investimenti biex jappoġġaw il-varar tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku b'mod ġenerali kif ukoll għas-sorsi rinnovabbli b'mod partikolari, għall-provvista tal-elettriku lill-istazzjonijiet tal-irriċarġjar, u miżuri għall-produzzjoni tal-idroġenu u l-fjuwils derivati mill-idroġenu għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar, kif ukoll il-kapaċità tal-ġenerazzjoni tal-elettriku fl-ajruporti u l-portijiet, b'mod partikolari fil-gżejjer;**

## Emenda 182

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt pd (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(pd) pjan ta' investiment u finanzjament komprensiv li jistabbilixxi l-investimenti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fil-qafas ta' politika nazzjonali u li għandu jinkludi wkoll l-infrastrutturi relatati;**

## Emenda 183

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt pe (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(pe) pjan ta' varar għall-konnessjonijiet u l-kapaċità tal-grilja, inkluż l-elettriku mill-art fil-portijiet marittimi.*

## Emenda 184

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 u qabel l-iskadenza stabbilita fih, l-Istati Membri huma mistiedna jissottomettu oqfsa ta' politika nazzjonali preliminari sabiex jiżguraw żvilupp u varar bla xkiel u rapidu tal-infrastruttura. Meta Stat Membru jiddeċiedi li jgħaddi qafas ta' politika nazzjonali preliminari, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-qafas ta' politika nazzjonali preliminari u toħroġ rakkomandazzjonijiet mhux aktar tard minn sitt xhur wara s-sottomissjoni tal-oqfsa ta' politika nazzjonali preliminari.*

## Emenda 185

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 13 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-oqfsa ta' politika nazzjonali jqisu l-ħtiġijiet tal-modi differenti ta' trasport li jeżistu fit-territorju tagħhom, inklużi dawk li għalihom huma disponibbli

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-oqfsa ta' politika nazzjonali jqisu **d-disparitajiet reġjonali** u l-ħtiġijiet tal-modi differenti ta' trasport li jeżistu fit-territorju tagħhom, inklużi dawk li

alternattivi limitati għall-fjuwils fossili.

għalihom huma disponibbli alternattivi limitati għall-fjuwils fossili.

## Emenda 186

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-investimenti fil-kapaċità u t-titjib tal-grilji tad-distribuzzjoni biex isostnu l-elettrifikazzjoni tal-mobbiltà, filwaqt li jippromwovu l-integrazzjoni tas-sistema u tal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. Sabiex jiġu appoġġati l-investituri fl-infrastruttura tal-irriċarġjar u tal-grilja, l-Istati Membri għandhom jiżviluppaw programmi ta' investiment b'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha u mal-operaturi ta' distribuzzjoni rilevanti u l-awtorità regolatorja, li jikkunsidraw, fejn it-titjib fil-kapaċità tal-grilja huwa l-aktar meħtieġ fid-dawl ta' infrastruttura tal-irriċarġjar żviluppata u kif dan l-iżvilupp ikun akkomodat għall-grilja b'mod, li jippermetti l-kisba tal-għanijiet multipli dwar il-prinċipju "l-Effiċjenza Enerġetika tiġi l-Ewwel", l-integrazzjoni tas-sistema tal-enerġija, l-intelliġenza, il-flessibilità, l-użu akbar ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u s-sigurtà tal-enerġija.**

## Emenda 187

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-oqfsa ta' politika nazzjonali jqisu, **kif xieraq**, l-interessi **tal-awtoritajiet** reġjonali u lokali, b'mod partikolari fir-

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-oqfsa ta' politika nazzjonali jqisu, l-interessi **nazzjonali**, reġjonali u lokali, b'mod partikolari fir-rigward tal-

rigward tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment għat-trasport pubbliku, kif ukoll dawk tal-partijiet ikkonċernati involuti.

infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment għat-trasport pubbliku, kif ukoll dawk tal-partijiet ikkonċernati **kollha** involuti.

## Emenda 188

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw u jirrappurtaw, bħala parti mill-qafas ta' politika nazzjonali tagħhom, kif id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 ġew implimentati mill-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar. Fuq il-bażi tar-riżultati tal-valutazzjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li l-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar jikkonformaw mal-Artikolu 5.**

## Emenda 189

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 3b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3b. L-Istati Membri, fl-oqfsa ta' politika tagħhom, għandhom iqisu d-disparitajiet reġjonali u jagħtu attenzjoni speċjali lir-reġjuni inqas żviluppati (fil-livell NUTS-2), speċjalment dawk bil-PDG Reġjonali (PPS għal kull abitant f% tal-EU27) taħt il-50.**

## Emenda 190

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

4. **Fejn meħtieġ, l-Istati** Membri għandhom jikkooperaw, permezz ta' konsultazzjonijiet jew oqfsa ta' politika konġunti, biex jiżguraw li l-miżuri meħtieġa ħalli jinkisbu l-objettivi ta' dan ir-Regolament ikunu koerenti u kkoordinati. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw fuq l-istrateġiji għall-użu ta' fjuwils alternattivi u l-varar ta' infrastruttura korrispondenti **fit-trasport fuq l-ilma**. Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Istati Membri fil-proċess ta' kooperazzjoni.

*Emenda*

4. **L-Istati** Membri għandhom jikkooperaw, permezz ta' konsultazzjonijiet jew oqfsa ta' politika konġunti, biex jiżguraw li l-miżuri meħtieġa ħalli jinkisbu l-objettivi ta' dan ir-Regolament ikunu koerenti u kkoordinati. **Il-Koordinaturi Ewropej, f'konformità mal-Artikolu 45 tar-Regolament (UE) Nru 1315/2013, għandhom jiġu kkonsultati b'mod attiv.** B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw fuq l-istrateġiji għall-użu ta' fjuwils alternattivi u l-varar ta' infrastruttura korrispondenti. Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Istati Membri fil-proċess ta' kooperazzjoni.

**Emenda 191**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Emenda 192**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 13 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-miżuri ta' appoġġ għall-infrastruttura **ta' fjuwils** alternattivi għandhom jikkonformaw mar-regoli rilevanti dwar l-għajnuna mill-Istat tat-TFUE.

*Emenda*

**4a. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, speċjalment l-kandidati għas-sħubija fl-UE u dawk il-pajjiżi terzi, li fihom jinsabu kurituri tat-trasport li jgħaqqdu l-Istati Membri.**

*Emenda*

5. Il-miżuri ta' appoġġ għall-infrastruttura **tal-fjuwils** alternattivi għandhom **ikunu allinjati mal-objettivi tal-klima biex jiġi evitat il-ħolqien ta' assi mhux rekuperabbli u li jikkonformaw**

mar-regoli rilevanti dwar l-ghajjnuna mill-Istat tat-TFUE.

## Emenda 193

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 7 – parti introduttorja

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

7. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-abbozz tal-oqfsa ta' politika nazzjonali u tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lil Stat Membru mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tal-abbozz tal-oqfsa ta' politika nazzjonali kif imsemmi fil-paragrafu 1. B'mod partikolari, dawk irakkomandazzjonijiet jistgħu jindirizzaw:

#### *Emenda*

7. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-abbozz tal-oqfsa ta' politika nazzjonali ***b'konsultazzjoni mal-Koordinatur TEN-T responsabbli relatat, jekk meħtieġ***, u tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lil Stat Membru mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-preżentazzjoni tal-abbozz tal-oqfsa ta' politika nazzjonali kif imsemmi fil-paragrafu 1. B'mod partikolari, dawk irakkomandazzjonijiet jistgħu jindirizzaw:

## Emenda 194

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 7 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) il-livell ta' ambizzjoni tal-miri u l-objettivi bil-għan li jintlaħqu l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 3, 4, 6, 8, 9, 10, 11 u 12;

#### *Emenda*

(a) il-livell ta' ambizzjoni tal-miri u l-objettivi bil-għan li jintlaħqu l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 3, 4, ***5***, 6, 8, 9, 10, 11, ***12 u 12a***;

## Emenda 195

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 7 – punt (b)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) politiki u miżuri relatati mal-objettivi u l-miri tal-Istati Membri.

#### *Emenda*

(b) politiki u miżuri relatati mal-objettivi u l-miri tal-Istati Membri ***u d-distribuzzjoni ġeografika tagħhom fir-reġjuni fi ħdan l-Istat Membru.***



## Emenda 196

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni rapport ta' progress li jista' jinqara waħdu rigward l-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika nazzjonali tiegħu għall-ewwel darba sal-1 ta' Jannar **2027**, imbagħad kull sentejn.

#### *Emenda*

1. Kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni rapport ta' progress li jista' jinqara waħdu rigward l-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika nazzjonali tiegħu għall-ewwel darba sal-1 ta' Jannar **2025**, imbagħad kull sentejn.

## Emenda 197

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-awtorità regolatorja tal-Istat Membru għandha tivvaluta, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju **2024** u perjodikament kull **tlit snin** wara dan, kif il-varar u l-operazzjoni tal-punti tal-irriċarġjar jistgħu jippermettu lill-vetturi elettriċi jikkontribwixxu aktar għall-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija, inkluża l-parteċi-pazzjoni tagħhom fis-suq tal-ibbilanċjar tal-elettriku, u għall-assorbiment ulterjuri tal-elettriku rinnovabbli. Dik il-valutazzjoni għandha tqis it-tipi kollha ta' punti tal-irriċarġjar, kemm pubbliċi kif ukoll privati, u tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar it-tip, it-teknoloġija ta' appoġġ u d-distribuzzjoni ġeografika sabiex tiġi ffaċilitata l-kapaċità tal-utenti li jintegraw il-vetturi elettriċi tagħhom fis-sistema. Din għandha tkun disponibbli għall-pubbliku. Abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni, l-Istati Membri għandhom, jekk ikun meħtieġ, jieħdu l-miżuri xierqa għall-varar ta' punti addizzjonali tal-irriċarġjar u jinkluduhom fir-rapport ta' progress tagħhom imsemmi fil-paragrafu 1. Il-valutazzjoni u l-miżuri għandhom jitqiesu mill-operaturi tas-

#### *Emenda*

3. L-awtorità regolatorja tal-Istat Membru, **f'kooperazzjoni mal-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni**, għandha tivvaluta, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju **[2024]** u perjodikament kull **sentejn** wara dan, kif il-varar u l-operazzjoni tal-punti tal-irriċarġjar jistgħu jippermettu lill-vetturi elettriċi jikkontribwixxu aktar għall-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija, inkluża l-parteċi-pazzjoni tagħhom fis-suq tal-ibbilanċjar tal-elettriku, u għall-assorbiment ulterjuri tal-elettriku rinnovabbli. Dik il-valutazzjoni għandha tqis it-tipi kollha ta' punti tal-irriċarġjar, **intelliġenti, bidirezjonali u tal-outputs tal-potenza kollha**, kemm pubbliċi kif ukoll privati, u tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar it-tip, it-teknoloġija ta' appoġġ u d-distribuzzjoni ġeografika sabiex tiġi ffaċilitata l-kapaċità tal-utenti li jintegraw il-vetturi elettriċi tagħhom fis-sistema. Din għandha **tkopri l-ipprezzar u aspetti oħra rilevanti għall-konsumatur skont l-Artikolu 13** u tkun disponibbli għall-pubbliku. Abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni, l-Istati Membri

sistema fil-pjanijiet ta' żvilupp tan-network imsemmija fl-Artikolu 32(3) u fl-Artikolu 51 tad-Direttiva (UE) 2019/944.

għandhom, jekk ikun meħtieġ, jieħdu l-miżuri xierqa għall-varar ta' punti addizzjonali tal-irriċarġjar u ***l-modus operandi tagħhom f'konformità mar-regoli tal-Artikolu 33 tad-Direttiva (UE) 2019/944 1a*** u jinkluduhom ***fil-qafas ta' politika nazzjonali tagħhom imsemmi fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament*** u fir-rapport ta' progress tagħhom imsemmi fil-paragrafu 1 ***ta' dan l-Artikolu***. Il-valutazzjoni u l-miżuri għandhom jitqiesu mill-operaturi tas-sistema fil-pjanijiet ta' żvilupp tan-network imsemmija fl-Artikolu 32(3) u fl-Artikolu 51 tad-Direttiva (UE) 2019/944. ***L-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u distribuzzjoni għandhom jiżguraw konsistenza bejn l-ippjanar tal-infrastruttura tal-irriċarġjar u l-ippjanar rispettiv tal-grilja f'termini tal-enerġija li trid tiġi installata u l-post tal-riżervi.***

## Emenda 198

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Abbażi tal-input mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni u mill-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, l-awtorità regolatorja ta' Stat Membru għandha tivvaluta, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2024 u perjodikament kull ***tliet snin*** wara dan, il-kontribut potenzjali tal-iċċarġjar bidirezzjonali ***għall-penetrazzjoni*** tal-elettriku rinnovabbli fis-sistema tal-elettriku. Il-valutazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku. Abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni, l-Istati Membri għandhom ***jieħdu, jekk ikun meħtieġ, il-miżuri*** xierqa biex jaġġustaw id-disponibbiltà u d-distribuzzjoni ġeografika tal-punti tal-irriċarġjar bidirezzjonali, kemm f'żoni pubbliċi kif ukoll f'dawk privati u jinkluduhom fir-rapport ta' progress tagħhom imsemmi fil-

#### *Emenda*

4. Abbażi tal-input mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni, ***mill-aggregaturi, mill-fornituri ta' rispons għad-domanda*** u mill-operaturi tas-sistema ta' distribuzzjoni, l-awtorità regolatorja ta' Stat Membru għandha tivvaluta, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2024 u perjodikament kull ***sentejn*** wara dan, il-kontribut potenzjali tal-iċċarġjar bidirezzjonali ***għat-tnaqqis ta' domanda għolja u l-penetrazzjoni*** tal-elettriku rinnovabbli fis-sistema tal-elettriku. Il-valutazzjoni għandha tkun disponibbli għall-pubbliku. Abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni, l-Istati Membri għandhom, ***wara l-involvement tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha inklużi l-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar u l-fornituri tas-soluzzjonijiet, jieħdu l-miżuri*** xierqa biex jaġġustaw id-disponibbiltà u d-

paragrafu 1.

distribuzzjoni ġeografika tal-punti tal-irriċarġjar bidirezzjonali, kemm f'żoni pubbliċi kif ukoll f'dawk privati u jinkludhom fir-rapport ta' progress tagħhom imsemmi fil-paragrafu 1.

## Emenda 199

### Proposta għal regolament Artikolu 14 – paragrafu 5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta gwida u mudelli dwar il-kontenut, l-istruttura u l-format tal-oqfsa ta' politika nazzjonali u l-kontenut tar-rapporti ta' progress nazzjonali li għandhom jiġu ppreżentati mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 13(1) u sitt xhur wara d-data msemmija fl-Artikolu 24. Il-Kummissjoni tista' tadotta gwida u mudelli biex tiffaċilita l-applikazzjoni effettiva madwar l-Unjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan ir-Regolament.

#### *Emenda*

5. Il-Kummissjoni għandha ***tipprevedi assistenza teknika u konsultattiva lill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati u għandha*** tadotta gwida u mudelli dwar il-kontenut, l-istruttura u l-format tal-oqfsa ta' politika nazzjonali u l-kontenut tar-rapporti ta' progress nazzjonali li għandhom jiġu ppreżentati mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 13(1) u sitt xhur wara d-data msemmija fl-Artikolu 24. Il-Kummissjoni tista' tadotta gwida u mudelli biex tiffaċilita l-applikazzjoni effettiva madwar l-Unjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan ir-Regolament.

## Emenda 200

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 3 – introduzzjoni

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-valutazzjoni tagħha tar-rapporti dwar il-progress skont l-Artikolu 14(1) ***sena*** wara s-sottomissjoni tar-rapporti dwar il-progress nazzjonali mill-Istati Membri. Din il-valutazzjoni għandu jkun fiha valutazzjoni:

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-valutazzjoni tagħha tar-rapporti dwar il-progress skont l-Artikolu 14(1) ***sitt xhur*** wara s-sottomissjoni tar-rapporti dwar il-progress nazzjonali mill-Istati Membri. Din il-valutazzjoni għandu jkun fiha valutazzjoni:

## Emenda 201

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ba) aspetti rilevanti għall-konsumatur skont l-Artikoli 13 u 14;**

**Emenda 202**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt bb (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(bb) il-ħtieġa li jiġu adattati u/jew emendati l-miri vinkolanti eżistenti jew li jiġu stabbiliti miri ġodda, minħabba żviluppi mhux mistennija u/jew innovazzjonijiet teknoloġiċi;**

**Emenda 203**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt bc (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(bc) l-użu u l-vijabbiltà ekonomika fit-tal-infrastruttura disponibbli u d-domanda futura mistennija għal din l-infrastruttura;**

**Emenda 204**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 3 – punt bd (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(bd) l-impatt fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u x-xejriet tat-trasport bħala riżultat tal-introduzzjoni tar-Regolament.**

## Emenda 205

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt c

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) l-infrastruttura għall-provvista tal-elettriku *mix-xatt* fil-portijiet marittimi u interni *tan-network ewlieni TEN-T u n-network komprensiv TEN-T*;

*Emenda*

(c) l-infrastruttura għall-provvista tal-elettriku *max-xtut* fil-portijiet marittimi u interni;

## Emenda 206

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt d

*Test propost mill-Kummissjoni*

(d) l-infrastruttura għall-provvista tal-elettriku għall-inġenji tal-ajru *stazzjonarji f'ajruporti tan-network ewlieni TEN-T u n-network komprensiv TEN-T*;

*Emenda*

(d) l-infrastruttura għall-provvista tal-elettriku *fl-ajruporti, l-għadd ta' punti tal-irriċarġjar tal-elettriku u tar-riforniment tal-idroġenu ddedikati* għall-inġenji tal-ajru, *kif ukoll punti tal-irriċarġjar tal-elettriku u/jew punti ta' riforniment ta' fjuwils alternattivi sostenibbli għal vetturi bbażati fuq l-art*;

## Emenda 207

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt e

*Test propost mill-Kummissjoni*

(e) l-għadd ta' punti tar-riforniment għal-LNG fil-portijiet marittimi u interni tan-network ewlieni TEN-T u n-network komprensiv TEN-T;

*Emenda*

(e) l-għadd ta' punti tar-riforniment għal-LNG *u s-CNG* fil-portijiet marittimi u interni tan-network ewlieni TEN-T u n-network komprensiv TEN-T;

## Emenda 208

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt h

*Test propost mill-Kummissjoni*

(h) il-punti ta' riforniment u tal-irriċarġjar għal fjuwils alternattivi oħra fil-portijiet marittimi u interni tan-network ewlieni **TEN-T u n-network komprensiv TEN-T**;

*Emenda*

(h) il-punti ta' riforniment u tal-irriċarġjar għal fjuwils alternattivi oħra fil-portijiet marittimi u **fil-portijiet** interni tan-network ewlieni **tat-TEN-T komprensivi**;

**Emenda 209**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt i**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(i) il-punti ta' riforniment u tal-irriċarġjar għal fjuwils alternattivi **oħra f'ajruporti tan-network ewlieni TEN-T u n-network komprensiv TEN-T**;

*Emenda*

(i) il-punti ta' riforniment u tal-irriċarġjar għal fjuwils alternattivi **sostenibbli fl-ajruporti**;

**Emenda 210**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt j**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(j) il-punti ta' riforniment u tal-irriċarġjar għat-trasport ferrovjarju.

*Emenda*

(j) Il-punti ta' riforniment u tal-irriċarġjar għat-trasport ferrovjarju **u għat-trasport pubbliku**;

**Emenda 211**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt ja (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(ja) **l-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fir-reġjuni ultraperiferiċi u l-gżejjer.**

*Emenda*

## Emenda 212

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. Sat-28 ta' Frar tas-sena ta' wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u kull sena wara dik id-data, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-output tal-potenza totali aggregata tal-irriċarġjar, l-għadd ta' punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku u l-għadd ta' vetturi elettriċi bil-batterija u vetturi ibridi rikarikabbli rreġistrati varati fit-territorju tagħhom fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Anness III.

#### *Emenda*

1. Sat-28 ta' Frar tas-sena ta' wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u kull sena wara dik id-data, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-output tal-potenza totali aggregata tal-irriċarġjar **diżaggregata għal punti ta' ċċarġjar normali, intelliġenti u bidirezzjonali**, l-għadd ta' punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku u l-għadd ta' vetturi elettriċi bil-batterija u vetturi ibridi rikarikabbli rreġistrati varati fit-territorju tagħhom fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Anness III.

## Emenda 213

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Fejn ikun evidenti mir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew minn kwalunkwe informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni li Stat Membru jkun friskju li ma jissodisfax il-miri nazzjonali tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-Kummissjoni **tista'** toħroġ sejba għal dan il-għan u titlob lill-Istat Membru kkonċernat jieħu miżuri korrettivi biex jilħaq il-miri nazzjonali. Fi żmien tliet xhur minn meta jirċievi s-sejbiet tal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri korrettivi li jkun qed jippjana li jimplementa biex jilħaq il-miri stabbiliti fl-Artikolu 3(1). Il-miżuri korrettivi għandhom jinvolvu azzjonijiet addizzjonali li l-Istat Membru għandu jimplementa biex jilħaq il-miri stabbiliti fl-Artikolu 3(1) u

#### *Emenda*

2. Fejn ikun evidenti mir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew minn kwalunkwe informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni li Stat Membru jkun friskju li ma jissodisfax il-miri nazzjonali tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 3(1), il-Kummissjoni **għandha** toħroġ sejba għal dan il-għan u titlob lill-Istat Membru kkonċernat jieħu miżuri korrettivi biex jilħaq il-miri nazzjonali. Fi żmien tliet xhur minn meta jirċievi s-sejbiet tal-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bil-miżuri korrettivi li jkun qed jippjana li jimplementa biex jilħaq il-miri stabbiliti fl-Artikolu 3(1). Il-miżuri korrettivi għandhom jinvolvu azzjonijiet addizzjonali li l-Istat Membru għandu jimplementa biex jilħaq il-miri stabbiliti fl-

skeda ċara għall-azzjonijiet li tippermetti l-valutazzjoni tal-progress annwali lejn l-ilħuq ta' dawk il-miri. Meta l-Kummissjoni ssib li l-miżuri korrettivi jkunu sodisfaċenti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jaġġorna l-aħħar rapport ta' progress tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 14 b'dawn il-miżuri korrettivi u jippreżentah lill-Kummissjoni.

Artikolu 3(1) u skeda ċara għall-azzjonijiet li tippermetti l-valutazzjoni tal-progress annwali lejn l-ilħuq ta' dawk il-miri. Meta l-Kummissjoni ssib li l-miżuri korrettivi jkunu sodisfaċenti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jaġġorna l-aħħar rapport ta' progress tiegħu kif imsemmi fl-Artikolu 14 b'dawn il-miżuri korrettivi u jippreżentah lill-Kummissjoni.

## **Emenda 214**

### **Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 2a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a. Il-Parlament Ewropew għandu jkun infurmat kif xieraq mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-miżuri meħuda f'konformità mal-paragrafu 2.**

## **Emenda 215**

### **Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1a. L-informazzjoni għandha tkun disponibbli fir-rigward tal-kapaċità teoretika ta' qawwa massima li kull vettura elettrika tista' taċċetta meta tirriċarġja. Dik l-informazzjoni għandha ssir disponibbli fil-manwali tal-vetturi bil-mutur, fuq il-vetturi bil-mutur u f'konċessjonarji ta' vetturi bil-mutur fit-territorju tagħhom. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina d-Direttiva 1999/94/KE mhux aktar tard minn sena wara d-data msemmija fl-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament.**

## **Emenda 216**



**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 17 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Meta l-prezzijiet tal-fjuwil jintwerew fi stazzjon tal-fjuwil, għandu jintwera tqabbil bejn il-prezzijiet tal-unità rilevanti fejn xieraq, u b'mod partikolari għall-elettriku **u l-idroġenu**, għal finijiet ta' informazzjoni skont il-metodoloġija komuni għat-tqabbil tal-prezzijiet ta' unitajiet ta' fjuwils alternattivi msemmija fil-punt 9.3 tal-Anness II.

*Emenda*

3. Meta l-prezzijiet tal-fjuwil jintwerew fi stazzjon tal-fjuwil, għandu jintwera tqabbil bejn il-prezzijiet tal-unità rilevanti fejn xieraq, u b'mod partikolari għall-elettriku, għal finijiet ta' informazzjoni **fil-prezz attwali għal kull kWh għall-irriċarġjar, u għall-idroġenu**, skont il-metodoloġija komuni għat-tqabbil tal-prezzijiet ta' unitajiet ta' fjuwils alternattivi msemmija fil-punt 9.3 tal-Anness II.

**Emenda 217**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. L-operaturi ta' punti tal-irriċarġjar u ta' riforniment aċċessibbli għall-pubbliku jew, f'konformità mal-arranġament bejniethom, is-sidien ta' dawk il-punti, għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' data statika u dinamika dwar l-infrastruttura ta' fjuwils alternattivi mħaddma minnhom u jippermettu l-aċċessibbiltà ta' dik id-data permezz tal-punti ta' aċċess nazzjonali mingħajr ebda kost. It-tipi ta' data li ġejjin għandhom ikunu disponibbli:

*Emenda*

2. L-operaturi ta' punti tal-irriċarġjar u ta' riforniment aċċessibbli għall-pubbliku jew, f'konformità mal-arranġament bejniethom, is-sidien ta' dawk il-punti, għandhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' data statika u dinamika dwar l-infrastruttura ta' fjuwils alternattivi mħaddma minnhom u jippermettu l-aċċessibbiltà ta' dik id-data permezz tal-punti ta' aċċess nazzjonali **u punt ta' aċċess Ewropew uniku** mingħajr ebda kost **filwaqt li jiġi żgurat il-livell adegwat ta' ċibersigurtà u protezzjoni tad-data personali**. It-tipi ta' data li ġejjin għandhom ikunu disponibbli:

**Emenda 218**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt a – punt i**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(i) il-pożizzjoni ġeografika tal-punt tal-irriċarġjar jew tar-riforniment,

(i) il-pożizzjoni ġeografika tal-punt tal-irriċarġjar jew tar-riforniment **u faċilitajiet madwar il-punt tal-irriċarġjar jew tar-riforniment,**

## **Emenda 219**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt a – punt ia (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ia) għadd ta' ċarġers intelliġenti, inklużi ċarġers V1G u V2G**

## **Emenda 220**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt a – punt iva (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(iva) l-aċċessibilità għal vetturi tqal, inklużi restrizzjonijiet fl-ġholi, fit-tul u fil-wisa' tal-punti tal-irriċarġjar u tar-riforniment,**

## **Emenda 221**

**Proposta għal regolament**

**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt b – punt ii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(ii) it-tip ta' konnettur,

(ii) it-tip ta' konnettur **jew l-informazzjoni dwar il-kapaċità ta' ġib it-teknoloġija proprja tiegħek (BYOT),**

## **Emenda 222**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt c - punt i**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(i) l-istatus operazzjonali  
(operazzjonali/mhux jaħdem),

*Emenda*

(i) l-istatus operazzjonali  
(operazzjonali/mhux jaħdem), ***ir-rata tal-istatus operazzjonali u l-operazzjonijiet ta' manutenzjoni,***

**Emenda 223**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt c - punt ii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(ii) id-disponibbiltà (fl-użu/mhux fl-użu),

*Emenda*

(ii) id-disponibbiltà (fl-użu/ mhux fl-użu), ***ir-rata ta' disponibbiltà għal kull perjodu ta' żmien rilevanti (jum / sığhat),***

**Emenda 224**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt c – punt iii**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(iii) il-prezz ad hoc.

*Emenda*

(iii) il-prezz ad hoc ***u kwalunkwe ħlas addizzjonali possibbli,***

**Emenda 225**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt c – punt iiiia (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(iiiia) attivat għall-iċċarġjar bidirezzjonali (iva/le),***

**Emenda 226**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt c – punt iiib (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(iiib) is-sehem tal-elettriku rinnovabbli u l-kontenut tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-elettriku fornut fil-punti tal-irriċarġjar, kif xieraq.**

**Emenda 227**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt c – punt iiic (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(iiic) jekk applikabbli, il-limitu ta' żmien għall-ipparkjar, u, jekk applikabbli, il-prezz għall-ipparkjar,**

**Emenda 228**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt c – punt iiid (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(iiid) għażliet ta' pagament,**

**Emenda 229**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – punt c – punt iiie (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(iiie) disponibbiltà ta' sistema ta' riżervazzjoni.**

**Emenda 230**

**Proposta għal regolament**  
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

***Id-data dinamika speċifikata fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu jenħtieġ li ssir disponibbli b'mod preċiż u f'ħin reali f'intervalli ta' ħin ta' mhux aktar minn siegħa, bi tbassir, fejn disponibbli.***

## Emenda 231

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-aċċessibbiltà tad-data fuq bażi miftuħa u mhux diskriminatorja għall-partijiet ikkonċernati kollha permezz tal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali tagħhom fl-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>67</sup>.

---

<sup>67</sup> Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).

*Emenda*

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-aċċessibbiltà tad-data fuq bażi miftuħa u mhux diskriminatorja għall-partijiet ikkonċernati kollha permezz tal-Punt ta' Aċċess Nazzjonali tagħhom fl-applikazzjoni tad-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>67</sup> ***kif ukoll f'sistema ta' Punt ta' Aċċess Ewropew, u jiżguraw li l-informazzjoni ssir disponibbli pubblikament biex tintuża għal parteċipanti oħra fis-suq u fornituri tas-servizz, b'rispett dovut għar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tal-punti tal-irriċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku jittrażmettu data, speċjalment dik rilevanti għall-prezzijiet, lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u lill-korp tat-trasparenza tas-suq.***

---

<sup>67</sup> Id-Direttiva 2010/40/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar il-qafas għall-varar ta' Sistemi ta' Trasport Intelliġenti fil-qasam tat-trasport bit-triq u għall-interkonnnessjonijiet ma' modi oħrajn ta' trasport (ĠU L 207, 6.8.2010, p. 1).

## Emenda 232

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 3a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3a.** *L-Istati Membri għandhom jiżguraw livell għoli ta' ċibersigurtà, protezzjoni tad-data u sigurtà, speċjalment fil-proċessi ta' awtentikazzjoni, kontijiet u ħlas, tul il-katina tal-provvista u għall-operatur tal-infrastruttura, billi jimplimentaw u jinfurzaw il-leġiżlazzjoni Ewropea rilevanti bħal dik dwar il-protezzjoni tad-data personali u ċ-ċibersigurtà.*

## Emenda 233

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 3b (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**3b.** *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura tal-irriċarġjar tat-trasport tkun konformi mar-rekwiżiti taċ-ċibersigurtà, inklużi obbligi ta' rappurtar u sigurtà addizzjonali, skont id-[Direttiva dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni, li tħassar id-Direttiva (UE) 2016/1148]<sup>1a</sup>*

---

*1a Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' ċibersigurtà madwar l-Unjoni kollha, li tħassar id-Direttiva (UE) 216/1148, COM(2020) 823 final*

## Emenda 234

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(ca) *tistabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew sal-2024.***

## **Emenda 235**

### **Proposta għal regolament Artikolu 19 – paragrafu 7 – punt (b)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) temenda l-Anness II billi taġġorna r-referenzi għall-istandards imsemmija fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti f'dak l-Anness.

(b) temenda l-Anness II billi taġġorna r-referenzi għall-istandards imsemmija fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti f'dak l-Anness ***sitt xhur wara l-adozzjoni teknika tagħhom.***

## **Emenda 236**

### **Proposta għal regolament Artikolu 20 – paragrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 18 u 19 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-data msemmija fl-Artikolu 24. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. ***Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.***

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 18 u 19 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-data msemmija fl-Artikolu 24. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin.

## **Emenda 237**

### **Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dak il-Kumitat għandu jkun **kumitat skont it-tifsira tar-Regolament** (UE) Nru 182/2011.

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dak il-Kumitat għandu jkun **magħmul minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, inklużi s-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet tal-konsumatur, u rappreżentanti tal-Istati Membri skont ir-Regolament** (UE) Nru 182/2011.

**Emenda 238**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dan ir-Regolament, **u, fejn xieraq, tippreżenta proposta biex jiġi emendat.**

*Emenda*

**Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tar-Regolament.** Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina dan ir-Regolament, **b'attenzjoni speċjali għall-adegwatezza tal-miri u r-rekwiżiti tal-infrastruttura stabbiliti f'dan ir-Regolament.**

**Emenda 239**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 1a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

**Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk humiex meħtieġa objettivi ġodda għall-infrastruttura tal-fjuwils rinnovabbli għall-bastimenti u l-inġenji tal-ajru, kif ukoll għal fjuwils oħra tat-trasport marittimu bbażati fuq il-gass, filwaqt li tqis ukoll il-possibiltà sostenibbli teknika, ambjentali u ekonomika, il-ħtiġijiet attwali tas-suq u l-iżviluppi reċenti.**

*Emenda*



## **Emenda 240**

### **Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1b (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1. Jekk issib li dispożizzjoni waħda jew aktar ma jkunux xierqa aktar jew pereżempju meta joħorġu teknoloġiji ġodda, il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta biex temenda dan ir-Regolament biex jistabbilixxi miri ta' varar ta' infrastruttura alternattivi, li jikkorrespondu mal-użu ta' fjuwils alternattivi newtrali għall-klima ġodda.**

## **Emenda 241**

### **Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1c (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**1. Il-Kummissjoni għandha tirrieżamina, jekk ikun meħtieġ, il-miri stabbiliti f'dan ir-Regolament għall-infrastruttura tal-irriċarġjar elettriku ddedikata għall-vetturi ħfief u dawk tqal sabiex tallinjahom mar-rekwiżiti ġodda stabbiliti fir-regolamenti aġġornati dwar l-istandards tal-emissjonijiet tas-CO2 għall-vetturi ħfief u dawk tqal.**

## **Emenda 242**

### **Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 1d (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**B'appoġġ għal dan ir-rieżami, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, rapport dwar it-tħejjija**

*teknoloġika rigward sistemi tal-motopropulsjoni ewlenin b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju jew b'emissjonijiet żero, fjuwils, u l-infrastruttura ddedikati tagħhom.*

#### **Emenda 243**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 1e (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra, bħala parti mill-valutazzjoni tagħha, il-possibbiltà ta' emendi għal dan ir-Regolament fir-rigward tas-simplifikazzjoni regolatorja. Il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom jadattaw fuq bażi kontinwa għall-proċeduri amministrattivi tal-aħjar prattika u jieħdu l-miżuri kollha biex jissimplifikaw l-infurzar ta' dan ir-Regolament, filwaqt li jżommu l-piżijiet amministrattivi għal livell minimu.*

#### **Emenda 244**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 22 – paragrafu 1f (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*1. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, sal-1 ta' Jannar 2026, u kull tliet snin wara, ir-riżultati ta' evalwazzjoni dwar il-funzjonament ta' dan ir-Regolament, b'enfasi fuq l-effetti ta' dan ir-Regolament fuq il-funzjonament tas-suq uniku, il-kompetittività tas-setturi affettwati u l-kobor tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju.*

## Emenda 245

### Proposta għal regolament

#### Anness 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) il-miri għall-31 ta' Diċembru 2025, 2030 u 2035 għal:

##### *Emenda*

(b) il-miri għall-31 ta' Diċembru 2025, **2027**, 2030 u 2035 għal:

## Emenda 246

### Proposta għal regolament

#### Anness I– paragrafu 1 – punt 1 – punt b – inċiż 8

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

– il-provvista tal-elettriku mix-xatt ***fil-portijiet marittimi tan-network ewlieni TEN-T u tan-network komprensiv TEN-T***, inkluż il-post eżatt (***il-port***) u l-kapaċità ta' kull installazzjoni fil-port;

##### *Emenda*

– il-provvista tal-elettriku mix-xatt, ***l-irriċarġjar tal-elettriku u r-riforniment tal-idroġenu fil-portijiet marittimi***, inkluż ***il-kapaċità tal-grilja***, il-post eżatt (***port***) u l-kapaċità ta' kull installazzjoni fil-port;

## Emenda 247

### Proposta għal regolament

#### Anness I– paragrafu 1 – punt 1 – punt b – inċiż 9

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

– il-provvista tal-elettriku mix-xatt fil-portijiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni tan-network ewlieni TEN-T u tan-network komprensiv TEN-T, inkluż il-post (il-port) u l-kapaċità;

##### *Emenda*

– il-provvista tal-elettriku mix-xatt, ***l-irriċarġjar elettriku u r-riforniment tal-idroġenu*** fil-portijiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni tan-network ewlieni TEN-T u tan-network komprensiv TEN-T, inkluż il-post (il-port) u l-kapaċità;

## Emenda 248

### Proposta għal regolament

#### Anness I– paragrafu 1 – punt 1 – punt b – inċiż 10

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

– il-provvista tal-elettriku għall-

##### *Emenda*

– il-provvista tal-elettriku għall-

inġenji tal-ajru stazzjonarji, ***l-għadd*** ta' ***installazzjonijiet*** għal ***kull ajruport tan-network ewlieni TEN-T u tan-network komprensiv TEN-T***;

inġenji tal-ajru stazzjonarji, ***l-iċċarġjar tal-elettriku u/jew punti ta' riforniment ta' fjuwils alternattivi sostenibbli oħrajn*** għal ***vetturi bbażati fuq l-art fl-ajruporti, l-għadd ta' installazzjonijiet għal kull ajruport***;

## Emenda 249

### Proposta għal regolament

#### Anness I – paragrafu 1 – punt 1 – punt b – inċiż 11a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– ***L-informazzjoni dwar l-istazzjonijiet tal-irriċarġjar fl-inċiżi 1 sa 4 għandha tkun diżaggregata għall-kapaċità tal-iċċarġjar normali, intelliġenti u bidirezjonali.***

## Emenda 250

### Proposta għal regolament

#### Anness I – paragrafu 1 – punt 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. ir-rati ta' utilizzazzjoni: għall-kategoriji taħt il-punt 1(b), ir-rapportar ***tal-utilizzazzjoni*** ta' dik l-infrastruttura;

2. ir-rati ta' utilizzazzjoni: għall-kategoriji taħt il-punt 1(b), ir-rapportar ***ta', u d-domanda futura mistennija għall-utilizzazzjoni*** ta' dik l-infrastruttura;

## Emenda 251

### Proposta għal regolament

#### Anness I – paragrafu 1 – punt 3 – inċiż 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– il-livell ta' kisba tal-miri għall-varar tal-infrastruttura kif imsemmi fil-punt 1(b) għall-modi kollha tat-trasport, b'mod partikolari għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar elettriku, għas-sistema ta' triq elettrika (jekk applikabbli), għall-istazzjonijiet tar-

– il-livell ta' kisba tal-miri għall-varar tal-infrastruttura kif imsemmi fil-punt 1(b) għall-modi kollha tat-trasport, b'mod partikolari għall-istazzjonijiet tal-irriċarġjar elettriku, għas-sistema ta' triq elettrika (jekk applikabbli), għall-istazzjonijiet tar-

riforniment tal-idroġenu, għall-provvista tal-elettriku mix-xatt fil-portijiet marittimi u tal-passaġġi fuq l-ilma interni, għall-bunkering tal-LNG fil-portijiet marittimi ***tan-network ewlieni TEN-T***, għal infrastruttura oħra tal-fjuwils alternattivi fil-portijiet, għall-provvista tal-elettriku ***għall-inġenji tal-ajru stazzjonarji***, kif ukoll għall-punti tar-riforniment tal-idroġenu u ***għall-punti tal-irriċarġjar tal-elettriku għall-ferroviji***;

riforniment tal-idroġenu, għall-provvista tal-elettriku mix-xatt fil-portijiet marittimi u tal-passaġġi fuq l-ilma interni, għall-bunkering tal-LNG fil-portijiet marittimi ***ewlenin tat-TEN-T***, għal infrastruttura oħra tal-fjuwils alternattivi fil-portijiet, għall-provvista tal-elettriku, ***għall-irriċarġjar tal-elettriku u għar-riforniment tal-idroġenu fl-ajruporti***, kif ukoll għall-punti ***tal-irriċarġjar tal-elettriku u*** tar-riforniment tal-idroġenu ***għall-ferroviji u sokits tad-djar għall-irriċarġjar ta' ċikli li jaħdmu bl-elettriku***;

## Emenda 252

### Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 1 – punt 3 – inċiż 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

– il-varar tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fin-nodi urbani;

*Emenda*

– il-varar tal-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi fin-nodi urbani ***u ċentri tat-trasport multimodali***;

## Emenda 253

### Proposta għal regolament Anness I – paragrafu 1 – punt 5 – inċiż 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– ***miżuri biex jiġi żgurat li l-espansjoni tal-punti tal-irriċarġjar u tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku, kif ukoll għażliet tat-trasport li jaħdmu bil-fjuwils alternattivi, b'mod partikolari t-trasport pubbliku, ikunu bi prezz raġonevoli u aċċessibbli għall-klijenti vulnerabbli u dawk f'riskju ta' faqqar enerġetiku jew li jkunu jinsabu fih***;

## Emenda 254

**Proposta għal regolament**  
**Anness I – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**7a. *l-ispjegazzjoni tal-mod kif il-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" tqies bl-akbar kunsiderazzjoni għall-projezzjonijiet tal-użu tal-vetturi, l-iffissar tal-miri, l-istima tar-rati ta' utilizzazzjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika li jappoġġaw il-qafas ta' politika nazzjonali u l-investimenti pubbliċi assoċjati.***

**Emenda 255**

**Proposta għal regolament**  
**Anness II – Parti 1 – punt 1.1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1.1. Punti tal-iċċarġjar b'potenza normali għal vetturi bil-mutur: il-punti tal-iċċarġjar b'potenza normali b'kurrent alternanti (AC) għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra, għal finijiet ta' interoperabbiltà, tal-inqas b'sokits jew konnetturi tal-vetturi tat-Tip 2, kif deskritt fl-istandard EN 62196-2:2017.

1.1. Punti tal-iċċarġjar b'potenza normali għal vetturi bil-mutur: il-punti tal-iċċarġjar b'potenza normali b'kurrent alternanti (AC) għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra, għal finijiet ta' interoperabbiltà, tal-inqas b'sokits jew konnetturi tal-vetturi tat-Tip 2, kif deskritt fl-istandard EN 62196-2:2017 ***u b'sokit wieħed tad-djar għal ċikli li jaħdmu bl-elettriku.***

**Emenda 256**  
**Proposta għal regolament**

**Proposta għal regolament**  
**Anness II – Parti 4 – punt 4.1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

4.1. Il-provvista tal-elettriku mix-xatt għal vapuri li jbaħħru, inkluż id-disinn, l-installazzjoni u l-ittestjar tas-sistemi, għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-istandard

4.1. Il-provvista tal-elettriku mix-xatt għal vapuri li jbaħħru, inkluż id-disinn, l-installazzjoni u l-ittestjar tas-sistemi, għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-istandard

IEC/IEEE 80005-1:2019, għal konnessjonijiet mix-xatt b'vultaġġ għoli u b'vultaġġ baxx rispettivament.

IEC/IEEE 80005-1:2019, għal konnessjonijiet mix-xatt b'vultaġġ għoli u b'vultaġġ baxx rispettivament. ***Il-bastimenti għandhom jipprevedu u jadattaw għal dawn l-istandards meta jippjanaw u jinvestu fl-OPS abbord, inkluż il-vultaġġ, il-frekwenza elettrika u t-transformers ta' riduzzjoni abbord meta jkun meħtieġ, u jevitaw inkompatibiltajiet.***

## Emenda 257

### Proposta għal regolament Anness II – Parti 4 – punt 4.2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4.2. Il-provvista tal-elettriku mix-xatt għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni għandha tikkonforma mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1745.

#### *Emenda*

4.2. Il-provvista tal-elettriku mix-xatt għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni għandha tikkonforma mar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1745 ***u għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjoni teknika tal-istandard IEC/IEEE PAS 80005-3:2014(E).***

## Emenda 258

### Proposta għal regolament Anness II – Parti 4 – punt 4.5

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4.5. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interfaċċa tal-komunikazzjoni mill-port għall-grilja fis-sistemi tal-provvista awtomatizzata tal-enerġija fuq l-art (OPS) u tal-irriċarġjar tal-batteriji għall-bastimenti marittimi.

#### *Emenda*

4.5. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-interfaċċa tal-komunikazzjoni mill-port għall-grilja fis-sistemi tal-provvista awtomatizzata tal-enerġija fuq l-art (OPS) u tal-irriċarġjar tal-batteriji għall-bastimenti marittimi, ***flimkien ma' speċifikazzjonijiet tekniċi għall-OPS installati abbord bastimenti, inkluż l-istandardizzazzjoni tal-frekwenza u l-vultaġġ meta applikabbli.***

## Emenda 259

### Proposta għal regolament Anness II – Parti 4 – punt 4.7a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**4.7a. Speċifikazzjonijiet tekniċi għal postijiet tal-plagg u sistemi ta' ġestjoni tal-kejbils (inklużi t-tul u l-post) abbord il-bastimenti meta applikabbli.**

## Emenda 260

### Proposta għal regolament Anness II – Parti 9 – punt 9.3

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Il-metodoloġija komuni għat-tqabbil tal-prezzijiet unitarji għall-fjuwils alternattivi stabbilita bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/732.***

***Il-prezz aġġornat għal kull kW/h għall-irriċarġjar tal-elettriku.***

## Emenda 261

### Proposta għal regolament Anness III – punt 3 – inċiż 4

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- l-għadd ta' stazzjonijiet li ma jaħdmux **f'50** % tal-jiem disponibbli f'sena partikolari.

– l-għadd ta' stazzjonijiet li ma jaħdmux **f'i 98** % tal-jiem disponibbli f'sena partikolari.

## Emenda 262

### Proposta għal regolament Anness III – punt 3 – inċiż 4a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

– ***l-għadd ta' punti tal-iċċarġjar bidirezzjonali għal kull waħda mill-kategoriji taħt il-punt 2.***





**ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI MINGĦANDHOM IR-RAPPORTEUR RĊIEVA KONTRIBUT**

Il-lista li ġejja hija kkompilata fuq bażi purament volontarja taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur. Ir-Rapporteur irċieva kontribut mingħand l-entitajiet jew persuni li ġejjin fit-tnejn tal-opinjoni, sal-adozzjoni tagħha fil-kumitat:

<b>Entità u/jew persuna</b>
ACEA
Airlines for Europe
BEUC - European Consumer Organisation
CEE Bankwatch Network
Charge Up
ClientEarth
Clean Air Task Force
Clean Trucking Alliance
Corporate Europe Observatory CEO
E.DSO
Electrification Alliance
ECI - European Copper Institute
EDF- Environmental Defense Fund
Enel
EnBW
Eurogas
European Biogas Association
European Commission: DG TRAN, DG ENER, DG ENVI
European Climate Foundation
European Community's Ship-owners Association ECSO
European Cyclists' Federation ECF
European Seaports Association
ePure
Food & Water Action Europe
Friends of the Earth Europe
Global Witness
Greenpeace
Hitachi ABB powergrids
Hydrogen Europe
Iberdrola
Land Baden-Württemberg
MasterCard
Negative Emission Platform
Nel ASA
Orsted
SAFRAN
SmartEn
T&E Transport and Environment
TransnetBW GmbH
UNIFE - The European Rail Industry
VDR German Shipowners' Association
Vzbv - Verbraucherzentrale Bundesverband
Word Shipping Council

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Varar ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi, u tħassir tad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
<b>Referenzi</b>	COM(2021)0559 – C9-0331/2021 – 2021/0223(COD)
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 13.9.2021
<b>Opinjoni(jiet) mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 13.9.2021
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Michael Bloss 30.9.2021
<b>Eżami fil-kumitat</b>	26.1.2022
<b>Data tal-adozzjoni</b>	20.4.2022
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 59 –: 9 0: 8
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Matteo Adinolfi, Nicola Beer, François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Vasile Blaga, Michael Bloss, Manuel Bompard, Paolo Borchia, Marc Botenga, Markus Buchheit, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Maria da Graça Carvalho, Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Josianne Cutajar, Nicola Danti, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Claudia Gamon, Jens Geier, Bart Groothuis, Christophe Grudler, András Gyürk, Henrike Hahn, Robert Hajšel, Ivo Hristov, Ivars Ijabs, Eva Kaili, Seán Kelly, Izabela-Helena Kloc, Łukasz Kohut, Zdzisław Krasnodębski, Andrius Kubilius, Miapetra Kumpula-Natri, Thierry Mariani, Marisa Matias, Eva Maydell, Georg Mayer, Joëlle Mélin, Iskra Mihaylova, Dan Nica, Angelika Niebler, Niklas Nienaß, Ville Niinistö, Aldo Patriciello, Mauri Pekkarinen, Mikuláš Peksa, Tsvetelina Penkova, Morten Petersen, Pina Picierno, Markus Pieper, Clara Ponsatí Obiols, Manuela Ripa, Robert Roos, Sara Skytvedal, Maria Spyraiki, Jessica Stegrud, Beata Szydło, Riho Terras, Grzegorz Tobiszowski, Patrizia Toia, Isabella Tovaglieri, Henna Virkkunen, Pernille Weiss, Carlos Zorrinho
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Pascal Arimont, Cornelia Ernst, Klemen Grošelj, Alicia Homs Ginel, Nora Mebarek, Jutta Paulus, Ernő Schaller-Baross, Susana Solís Pérez

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>59</b>	<b>+</b>
ID	Thierry Mariani, Joëlle Mélin
NI	Clara Ponsatí Obiols
PPE	Pascal Arimont, François-Xavier Bellamy, Hildegard Bentele, Vasile Blaga, Cristian-Silviu Buşoi, Jerzy Buzek, Maria da Graça Carvalho, Pilar del Castillo Vera, Christian Ehler, Seán Kelly, Andrius Kubilius, Eva Maydell, Angelika Niebler, Aldo Patriciello, Markus Pieper, Sara Skytvedal, Maria Spyragi, Riho Terras, Henna Virkkunen, Pernille Weiss
Renew	Nicola Beer, Nicola Danti, Claudia Gamon, Bart Groothuis, Klemen Grošelj, Christophe Grudler, Ivars Ijabs, Iskra Mihaylova, Mauri Pekkarinen, Morten Petersen, Susana Solís Pérez
S&D	Josianne Cutajar, Niels Fuglsang, Lina Gálvez Muñoz, Jens Geier, Robert Hajšel, Alicia Homs Ginel, Ivo Hristov, Eva Kaili, Łukasz Kohut, Miapetra Kumpula-Natri, Nora Mebarek, Dan Nica, Tsvetelina Penkova, Pina Picierno, Patrizia Toia, Carlos Zorrinho
Verts/ALE	Michael Bloss, Ignazio Corrao, Ciarán Cuffe, Henrike Hahn, Niklas Nienaeß, Ville Niinistö, Jutta Paulus, Mikuláš Peksa, Manuela Ripa

<b>9</b>	<b>-</b>
ECR	Robert Roos, Jessica Stegud
ID	Markus Buchheit
NI	András Gyürk, Ernő Schaller-Baross
The Left	Manuel Bompard, Marc Botenga, Cornelia Ernst, Marisa Matias

<b>8</b>	<b>0</b>
ECR	Izabela-Helena Kloc, Zdzisław Krasnodębski, Beata Szydło, Grzegorz Tobiszowski
ID	Matteo Adinolfi, Paolo Borchia, Georg Mayer, Isabella Tovaglieri

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni